



Ombudsman
Ewropew

Rapport
Annwali
2010

MT

Dikjarazzjoni tal-Missjoni L-Ombudsman Ewropew ifittex soluzzjonijiet ġusti għall-ilmenti kontra l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, jinkoraġġixxi t-trasparenza u jippromwovi kultura amministrattiva ta' servizz. Huwa għandu l-għan li jibni l-fiduċja permezz tad-djalogu bejn iċ-ċittadini u l-Unjoni Ewropea u li jrawwem l-oġġla standards ta' mgħiba fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni.



Ombudsman
Ewropew


Rapport
Annwali
2010



Werrej

Il-Ħarsa Ġenerali tal-Ombudsman	4
1 Ilmenti u investigazzjonijiet	13
1.1 Il-mandat u l-proċeduri tal-Ombudsman	14
1.2 Ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti eżaminati fl-2010	19
1.3 Analiżi tal-investigazzjonijiet miftuħa	25
1.4 Sejbiet tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman	28
1.5 Każijiet saljenti li jagħtu eżempju tal-aħjar prattika	35
1.6 Analiżi tematika tal-investigazzjonijiet magħluqa	36
1.7 Trasferimenti u pariri	55
2 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, ombudsmen, u partijiet interessati oħrajn	59
2.1 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, korpi u organi tal-UE	60
2.2 Relazzjonijiet ma' ombudsmen u korpi simili	62
2.3 Relazzjonijiet ma' partijiet interessati oħrajn	65
3 Riżorsi	69
3.1 Persunal	70
3.2 Baġit	72
Kif tikkuntattja lill-Ombudsman Ewropew	74

Il-Ħarsa Ġenerali tal-Ombudsman



Huwa pjaċir tiegħi li nippreżentalek ir-*Rapport Annwali* b'dehra ġdida tal-Ombudsman Ewropew. Nittama li jagħtik ħarsa ġenerali tajba lejn il-progress li għamilna sabiex ninvestigaw l-ilmenti miċ-ċittadini, in-negozji u l-organizzazzjonijiet, u sabiex nipromwovu l-ogħla standards ta' amministrazzjoni fl-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-Unjoni Ewropea.



Ir-Rapport kien immodifikat parzjalment mis-sena li għaddiet, sabiex jilqa' fih il-feedback li rċevejna mingħand il-qarrejja u biex ikun jirrifletti l-identità viżiva ġdida tal-istituzzjoni. Din il-ħarsa ġenerali mill-Ombudsman, li fiha niġbed l-attenzjoni għall-avvenimenti ewlenin mis-sena inkwistjoni, tiegħu post is-Sommarju Eżekuttiv u l-Introduzzjoni preċedenti. Dawk li qabel kienu l-Kapitoli 2 u 3 issa nqas f'kapitoli wieħed – il-Kapitolu 1 – sabiex tingħata ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-ħidma tal-Ombudsman fit-trattament tal-ilmenti u t-twettiq tal-investigazzjonijiet fl-2010, inkluż il-mandat u l-proċeduri tal-Ombudsman. Il-Kapitolu 2 jikkonċerna r-relazzjonijiet tal-Ombudsman ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, ir-relazzjonijiet mal-komunità ta' ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Ewropa, u jinkludi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u popolarizzazzjoni tal-Ombudsman. Il-Kapitolu 3 jipprovdi dettalji dwar il-persunal u l-baġit tal-Ombudsman.

Nittama li tiegħu gost taqra dan ir-rapport ġdid u aktar konċiż, li jirrifletti l-għan doppju tagħna li nagħmlu l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi, filwaqt li nibqgħu aċċessibbli u trasparenti kemm jista' jkun possibbli.

Nittama li tiegħu gost taqra dan ir-rapport ġdid u aktar konċiż, li jirrifletti l-għan doppju tagħna li nagħmlu l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi, filwaqt li nibqgħu aċċessibbli u trasparenti kemm jista' jkun possibbli. Aħna nkunu qegħdin nistennew bil-ħerqa biex nirċievu l-kummenti tiegħek, li jagħtuna ċ-ċans nagħmlu titjib kontinwu.

Ħmistax-il sena tal-Ombudsman Ewropew

Fis-27 ta' Settembru 2010, l-istituzzjoni tal-Ombudsman Ewropew iċċelebrat il-ħmistax-il anniversarju tagħha. Matul dawn id-deċennju u nofs, l-Ombudsman wieġeb aktar minn 36 000 ilment u wettaq aktar minn 3 800 investigazzjoni dwar każijiet possibbli ta' amministrazzjoni ħażina. Billi wieġeb għall-ilmenti, jipproponi soluzzjonijiet amikevoli u jagħmel rakkomandazzjonijiet, l-Ombudsman għen lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jipprovdu rimedju, jgħollu l-kwalità tal-amministrazzjoni tagħhom u – bħala riżultat – ikunu eqreb taċ-ċittadini Ewropej.

Iżda aktar minn hekk: bħala riżultat tat-trattament tal-ilmenti, l-Ombudsman żviluppa intuizzjoni reali dwar ix-xejriet fl-amministrazzjoni ħażina, il-problemi sistemiċi u d-dgħufijiet strutturali. Armat b'din l-informazzjoni, huwa fittex li jagħmel dik il-ħaġa li ħafna mill-kwerelanti jridu l-aktar – li

jassigura li dak li għalhom ma jkunx ripetut fil-futur. Billi sseħibna mal-istituzzjonijiet, aħna ħdimna biex niżguraw li l-lezzjonijiet usa' mit-trattament tal-ilmenti jkunu mgħallma fl-amministrazzjoni kollha.

Matul is-sena 2010 kellna xi eżempji tajbin ta' dan. Nixtieq insemmi, b'mod partikolari, żewġ każijiet ta' aċċess għad-dokumenti li ttrattajna dwar l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (EMA) f'Londra. Fiż-żewġ każijiet, l-EMA aċċettat

Il-Ħarsa Ġenerali tal-Ombudsman

ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman li tagħti aċċess għad-dokumenti. Aktar importanti, l-EMA adottat u ppubblikat politika ġdida ta' aċċess għad-dokumenti mmirata biex tagħti lill-pubbliku aċċess ferm usa għad-dokumenti fil-pussess tagħha. Jien faħħart l-approċċ kostruttiv tal-EMA pubblikament. Billi ħadet dan il-pass ta' politika importanti, l-EMA tat effett akbar lir-rakkomandazzjonijiet li għamtilha jien. Dan juri r-riżultati

F'aktar minn nofs il-każijiet magħluqa fl-2010, l-istituzzjoni kkonċernata aċċettat soluzzjoni amikevoli jew solviet il-kwistjoni.

konkrete u deġġiema li tista' tħalli l-ħidma tal-Ombudsman għaċ-ċittadini meta korp tal-UE jissieħeb miegħu b'mod kostruttiv u vantaġġjuż.

Huwa wkoll bil-għan li niżguraw li l-istituzzjonijiet jintroduċu titjib sistemiku li, għal darb'oħra fl-2010, aħna ppubblikajna studju biex neżaminaw għar-rimarki kritiċi u ulterjuri kollha maħruġa mill-Ombudsman matul l-2009. L-istudju wera li, jekk nieħdu r-rimarki kritiċi u ulterjuri flimkien, ir-rata ta' segwitu sodisfaċenti kienet ta' 81 %, riżultat kemmxejn aħjar mis-sena ta' qabel. L-istudju fih ħafna eżempji fejn ġie introdott titjib reali, f'oqsma li jvarjaw mid-dokumentazzjoni ta' proċeduri interni għal sejħiet għall-offerti u kuntratti. Dan huwa inkoraġġanti ħafna. Madankollu, jien ħadt nota bi tħassib tan-numru relattivament għoli ta' tweġibiet mhux sodisfaċenti għar-rimarki kritiċi sottomessi mill-Kummissjoni Ewropea (10 minn 32 tweġiba). Dan juri li għad fadal xogħol kbir xi jsir, mill-Ombudsman u mill-istituzzjonijiet infushom, sabiex nipperswadu lill-uffiċjali li approċċ difensiv għall-Ombudsman jirrappreżenta opportunità mitlufa għall-istituzzjoni tagħhom u jirriskja li jħassar l-immaġini tal-Unjoni.

Riżultati għall-kwerelanti fl-2010

Huwa dejjem aħjar jekk l-Ombudsman ma jkollux għaliex joħroġ rimarka kritika jew jipproċedi għall-istadju ta' abbozz ta' rakkomandazzjoni sabiex jiżgura t-titjib. Huwa ferm aħjar jekk il-każijiet ikunu jistgħu jissolvew mill-istituzzjoni nnifisha jew jekk tkun tista' tiġi aċċettata soluzzjoni amikevoli. F'aktar minn nofs il-każijiet magħluqa fl-2010, l-istituzzjoni

kkonċernata aċċettat soluzzjoni amikevoli jew solviet il-kwistjoni. Jien infaħħar lill-istituzzjonijiet b'mod ġenerali għall-impenn tagħhom biex isibu soluzzjoni f'dawn il-każijiet.

Dan ir-rapport jidentifika għaxar każijiet saljenti, li jservu bħala eżempji tal-aqwa prattiki fir-reazzjoni għall-ilmenti. Huma jservu bħala mudell għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE f'termini tal-aħjar mod kif nirreaġixxu għall-kwistjonijiet imqajma mill-Ombudsman. Tlieta minn dawn il-każijiet jikkonċernaw il-Kummissjoni, filwaqt li l-Parlament, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investment, l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għandhom każ saljenti wieħed kull wieħed/waħda. Il-kwistjonijiet koperti jvarjaw mit-trasparenza u l-ġustizzja għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, il-kuntratti u s-sejħiet għall-offerti, u r-reklutaġġ.

Fl-2010, l-Ombudsman għamel 326 investigazzjoni (imqabbla mat-318-il investigazzjoni li għamel fl-2009). Minn dawn, 323 kienu marbuta ma' lmenti, filwaqt li t-tlieta l-oħra saru fuq inizjattiva tiegħu stess.



L-Ombudsman ikkonkluda li kien hemm amministrazzjoni ħażina fi 12 % tal-każijiet (40) u kiseb riżultat pożittiv f' seabgħa minn dawn il-każijiet billi għamel abbozz ta' rakkomandazzjonijiet li kienu aċċettati. Waqt li l-Ombudsman kellu jagħmel rimarki kritiċi lill-istituzzjonijiet fi 33 każ biss, imqabbla ma' 35 fl-2009 u 44 fl-2008, xorta waħda għad hemm lok għal titjib. Saru rimarki ulterjuri f'14-il każ (28 fl-2009), bil-għan li tittejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni.

Fl-2010, l-Ombudsman ippreżenta Rapport Speċjali wieħed lill-Parlament, matul investigazzjoni ta' lment dwar l-aċċess għal dokumenti relatati mal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi. Ir-Rapport Speċjali wera li l-Kummissjoni naqset li twieġeb għal abbozz ta' rakkomandazzjoni għal kważi 15-il xahar, minkejja li l-iskadenza stabbilita mit-Trattat hija ta' tliet xhur. Il-Kummissjoni naqset ukoll milli timplimenta impenn li kienet għamlet lill-Ombudsman. Dawn in-nuqqasijiet kienu jikkostitwixxu ksur tad-dover tal-Kummissjoni ta' kooperazzjoni sinċiera mal-Ombudsman.

Ħafna minn dawn il-każijiet huma inklużi fl-analiżi tematika li tinsab fil-Kapitolu 1, li tiddekrivi l-aktar sejbiet sinjifikanti tal-liġi u tal-fatti li jinsabu fid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman li għalqu l-investigazzjonijiet fl-2010. L-analiżi hija organizzata f'termini ta' klassifikazzjoni tas-suġġett ewlieni tal-investigazzjonijiet, fuq il-bażi ta' seba' kategoriji prinċipali: (i) Trasparenza, aċċess pubbliku u dejta personali; (ii) Il-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati; (iii) Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet; (iv) Eżekuzzjoni ta' kuntratti; (v) Amministrazzjoni u Regolamenti tal-Persunal; (vi) Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla; u (vii) Kwistjonijiet istituzzjonali, ta' politika u oħrajn.

Hija tinkludi każijiet li kellhom impatt sinjifikanti f'termini tal-promozzjoni tat-trasparenza u l-amministrazzjoni tajba fl-istituzzjonijiet tal-UE, każijiet li rriżultaw f'riżultat partikolarment pożittiv għall-kwerelant, u każijiet li ppermettew lill-Ombudsman biex jikkjarifika l-punti importanti tal-liġi jew biex jittratta kwistjoni li preċedentement ma kinitx ippreżentata lilu. Fid-dawl tal-isforzi tal-Ombudsman biex jippromwovi l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, huma enfasizzati wkoll każijiet li jikkonċernaw id-drittijiet stipulati fil-Karta. Il-kwistjoni tal-ġustizzja tissemma regolarment. Il-ġustizzja tissemma fl-Artikolu 41(1) tad-dritt fundamentali tal-Karta għal amministrazzjoni tajba u l-Ombudsman kien ilu jqis il-ġustizzja bħala prinċipju ewlieni ta' amministrazzjoni tajba.

Ninsab kuntent nirrapporta li ż-żmien meħud biex jitlestew l-investigazzjonijiet niżel minn medja ta' 13-il xahar fl-2008 għal disa' xhur fl-2009 u l-2010. Il-maġġoranza tal-investigazzjonijiet tlestew fi żmien sena (66 %). Aktar minn nofshom (52 %) tlestew fi żmien tliet xhur. Dan kollu nkiseb bi pjan ta' stabbiliment li kellu total ta' 63 kariga fl-2010, u approprazzjonijiet ibbaġittjati ta' EUR 9 332 275.

Strateġija għas-snin li ġejjin

L-avveniment li organizzajna biex infakkru l-ħmistax-il anniversarju tagħna ra t-tnedija ta' strateġija għall-mandat tal-Ombudsman bejn l-2009 u l-2014². L-eżerċizzju tal-istrateġija beda fl-irtir tal-persunal tagħna fi Frar 2010, li ffoka fuq it-tema "Il-viżjoni tal-Ombudsman Ewropew għall-ħames snin li ġejjin". L-istrateġija mbaġħad kienet żviluppata permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati interni u esterni.

Il-Ħarsa Ġenerali tal-Ombudsman



Fost l-avvenimenti li għenu biex jiġu ġġenerati l-ideat għall-istrategġija tal-Ombudsman Ewropew kien hemm wieħed li sar fit-12 ta' Marzu 2010 intitolat "Il-mandat ġdid tal-Ombudsman Ewropew – X'għandna nistennew?". L-għan ta' dan l-avveniment kien li jiġu diskussi, mal-partijiet interessati, il-prijoritajiet tal-Ombudsman għall-2009-2014. Fid-diskussjonijiet ipparteċipaw ċittadini, NGOs, assoċjazzjonijiet kummerċjali, gruppi ta' interess, ġurnalisti u uffiċċji ta' awtoritajiet reġjonali.

L-istrategġija tfittex li tipprovdi dikjarazzjoni ċara tal-missjoni, l-aspirazzjonijiet u l-prinċipji gwida tal-Ombudsman. Billi tibni fuq dak illi nkiseb sa issa, hija tiddekrivi serje ta' objettivi u prijoritajiet, li huma mfassla biex jiksibu l-għanijiet ġenerali tal-Ombudsman, jiġifieri li l-ewwelnett jiġi żgurati li ċ-ċittadini tal-UE jgawdu d-drittijiet tagħhom b'mod sħiħ, u, it-tieni, li tittejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni tal-UE. Hawnehkk, ta' min jiddeskrivi l-ħames objettivi li ffixxajna għas-snin li ġejjin:

- Irridu nisimgħu lill-partijiet interessati tagħna, billi niksibu feedback regolari mingħand il-kwerelanti, inkomplu niżviluppaw kuntatti mal-istituzzjonijiet tal-UE u ninvolvu ruħna mas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, aħna nfittxu – permezz tan-Netzwerk Ewropew ta' Ombudsmen³ – li nidentifikaw l-aqwa Prattiki.
- Irridu nwasslu r-riżultati aktar malajr, billi nnaqqsu ż-żmien meħtieġ biex nagħlqu l-investigazzjonijiet u billi niżviluppaw proċeduri simplifikati biex nipromwovu, fejn possibbli, riżoluzzjoni rapida tal-ilmenti.
- Irridu li jkollna impatt pożittiv fuq il-kultura amministrattiva tal-Unjoni, billi nenfasizzaw ir-rwol tal-Ombudsman bħala riżors biex intejbu l-prattiki amministrattivi u billi niffokaw aktar fuq kwistjonijiet sistemiċi.

- Irridu nipprovdu informazzjoni utli u f'waqtha, b'mod aċċessibbli, lill-partijiet interessati tagħna u lill-pubbliku. Fil-qosor, irridu nikkomunikaw aħjar.
- Irridu naħsbu mill-ġdid u b'mod kostanti fuq kif nistgħu nużaw ir-riżorsi tagħna. Għandna nfittxu li niżguraw l-oġġla standards ta' amministrazzjoni internament, filwaqt li nissorveljaw b'mod konsistenti u ntejbu l-kwalità tal-ħidma tagħna.

Billi niffokaw fuq dawn l-għanijiet, aħna qegħdin nagħmlu li nistgħu biex ngħinu lill-Unjoni żżomm u twassal il-wegħdiet li għamlet liċ-ċittadini fit-Trattat ta' Lisbona dwar id-drittijiet fundamentali, iż-żieda tat-trasparenza, u opportunitajiet akbar għal parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Meta nagħmlu dan, aħna nfittxu wkoll li nagħmlu kontribuzzjoni modesta tagħna stess għall-għanijiet nobbli li napprofondixxu l-istat tad-dritt u ntejbu l-kwalità tad-demokrazija fl-ordni legali Ewropea.

Istituzzjoni li hija aċċessibbli, ġusta u ċċentrata fuq iċ-ċittadin

Prijorità prinċipali hija li nilħqu liċ-ċittadini biex ninformawhom dwar id-drittijiet tagħhom u dwar kif jistgħu jużaw dawk id-drittijiet. Għalhekk, kont

³ In-Netzwerk jinkludi l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali u korpi simili tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE u ċerti pajjiżi Ewropej oħrajn, kif ukoll l-Ombudsman Ewropew u l-Kumitat għall-Petiżjonijiet tal-Parlament Ewropew.



kuntent ħafna li l-avveniment tal-ħmistax-il anniversarju tagħna serva wkoll sabiex jiġu mnedija identitajiet viżivi ġodda għall-Ombudsman Ewropew u għan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Jien ninsab kunfidenti li l-identità viżiva ġdida tagħna għandha tgħin sabiex tipproġetta l-immaġini ta' istituzzjoni li hija aċċessibbli, ġusta u ċentrata fuq iċ-ċittadin, waqt li l-identità ġdida tan-Netwerk għandha tqajjem kuxjenza dwar ix-xogħol importanti li qegħdin jagħmlu l-ombudsmen madwar l-Ewropa sabiex għinu liċ-ċittadini jgawdu d-drittijiet tagħhom skont il-liġi tal-UE.

Aħna komplejna ngħinu lill-kwerelanti biex isibu l-aktar mezzi xierqa ta' rimedju permezz tal-gwida interattiva fuq is-sit elettroniku tagħna, b'aktar minn 19 000 persuna jużawha sabiex jiksbu pariri matul is-sena. Minħabba li kien hemm aktar nies li sabu l-mezz ta' rimedju addattat għalihom infushom, aħna rċevejna 409 lment inqas "li ma jaqgħux fil-mandat tagħna" u n-numru totali ta' lmenti naqas minn 3 098 fl-2009 għal 2 667 fl-2010. Dan huwa sors ta' inkoraġġiment kbir għalija, minħabba li jimplika li perċentwal ogħla ta' kwerelanti qegħdin jiġu għandna għar-

raġuni t-tajba. Aħna intensifikajna wkoll il-kooperazzjoni tagħna ma' networks oħrajn ta' informazzjoni, konsulenza u soluzzjoni tal-problemi, bħal L-Ewropa Tiegħek (Your Europe) u SOLVIT.

Bħala l-Ombudsman Ewropew, jien impenjat li niżgura li kull persuna jew organizzazzjoni li jista' jkollha xi problema mal-istituzzjonijiet tal-UE tkun konxja tad-dritt illi għandha li tilmenta miegħi dwar amministrazzjoni ħażina. Matul is-sena, aħna komplejna nilħqu firxa ta' udjenzi fil-mira sabiex niġbdu l-attenzjoni għas-servizzi li jista' jipprovdi l-Ombudsman liċ-ċittadini, NGOs, gruppi ta' interess, negozji, korpi reġjonali, gruppi konsultattivi u assoċjazzjonijiet. Fost l-avvenimenti tematiċi li ġew organizzati fl-2010 kien hemm seminars dwar it-trasparenza, ir-Regolament Finanzjarju, u l-mandat il-ġdid tal-Ombudsman. In-numru ta' investigazzjonijiet miftuħa fl-2010 kien kważi l-istess bħal fl-2009 (335 imqabbla ma' 339). Mill-investigazzjonijiet magħluqa fl-2010, 78 % kienu sottomessi minn individwi, filwaqt li 22 % kienu sottomessi minn kumpaniji u assoċjazzjonijiet.



Il-lowgo tal-Ombudsman Ewropew huwa ddisinjat b'tali mod li jsaħħaħ l-isforzi tal-Ombudsman biex jilħaq firxa wiesgħa ta' udjenzi, waqt li jqanqal l-identità u l-valuri tal-istituzzjoni. Il-kuluri blu u isfar iservu biex ifakkru fil-bandiera Ewropea, waqt li l-forma ta' ċirku tirrappreżenta unità u kunsens. F'dan iċ-ċirku, il-vleġeġ b'żewġ direzzjonijiet jirrapreżentaw l-iskambju u d-djalogu, li huma karatteristiċi ewlenin tal-metodoloġija tal-Ombudsman Ewropew. Id-disinn tal-vleġeġ fuq xulxin joħloq sinjal ta' "equals", li jissimbolizza ugwaljanza u ġustizzja. (Disinn: Studio Philipp Ageloig)



Il-lowgo il-ġdid tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen huwa ddisinjat b'tali mod li jqanqal l-identità u l-valuri tan-Netwerk. Il-lowgo huwa fformat minn spettru ta' kuluri vivaċi, li jirrapreżentaw id-diversità tan-Netwerk tagħna u l-membri tiegħu. Il-kuluri tal-bandiera tal-Unjoni Ewropea huma mqiegħda ħdejn xulxin għall-kuntrastr fl-aktar punt impressjonanti tal-formazzjoni. Il-kompożizzjoni ċirkolari tirrapreżenta l-komunikazzjoni, is-sħubija u l-unità, waqt li l-irjus tal-vleġeġ jissimbolizzaw it-tlaqqiġ ta' ħafna partijiet differenti f'punt ċar wieħed. (Disinn: Studio Philipp Ageloig)

Il-Ħarsa Ġenerali tal-Ombudsman

Kif inhu l-każ kull sena, il-maġġoranza tal-investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman fl-2010 kienu jikkonċernaw il-Kummissjoni (219-il investigazzjoni jew 65 % tat-total).

Kif inhu l-każ kull sena, il-maġġoranza tal-investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman fl-2010 kienu jikkonċernaw il-Kummissjoni (219-il investigazzjoni jew 65 % tat-total). Billi l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni ewlenija tal-UE li tiegħu deċiżjonijiet li jħallu impatt dirett fuq iċ-ċittadini, hija loġika li hija għandha tkun l-oġġett prinċipali tal-ilmenti taċ-ċittadini. Madankollu, ta' min jinnota li l-figura komparabbli għall-2009 kienet ta' 56 % tat-total. Kien hemm 35 investigazzjoni (10 %) li jikkonċernaw l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), 22 (7 %) li jikkonċernaw il-Parlament Ewropew, 6 (2 %) li jikkonċernaw il-Kunsill tal-UE, u 4 (1 %) li jikkonċernaw il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fir-rigward tal-Qorti, huwa importanti li nsemmu li l-Ombudsman jista' biss jiftaħ investigazzjonijiet rigward il-ħidma mhux ġudizzjarja tagħha. 52 investigazzjoni oħra kienu jikkonċernaw 25 istituzzjoni, korpi u organioħrajn tal-UE.

It-tipi prinċipali ta' każijiet ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina investigati mill-Ombudsman fl-2010 kienu (i) ksur ta':

F'aktar minn 70 % tal-każijiet ipproċessati, aħna stajna ngħinu lill-kwerelant billi ftaħna investigazzjoni fuq il-każ, għaddejnih lill-korp kompetenti, jew tajnih parir fejn għandu jirrikorri.

il-legalità (applikazzjoni żbaljata ta' regoli sostantivi u/jew proċedurali) (20.6 % tal-investigazzjonijiet), il-limiti ta' żmien raġonevoli għat-teħid tad-deċiżjonijiet (14.1 %), il-ġustizzja (11 %), id-dover li tgħid x'inhuma r-raġunijiet tad-deċiżjonijiet u l-possibiltajiet ta' appell (5.8 %), l-obbligu li tingħata tweġiba għall-ittri fil-lingwa taċ-ċittadini, fejn jiġi indikat l-uffiċjal kompetenti (5.5 %), u d-dover tal-kura (3.1 %); (ii) ksur tad-doveri relatati ma': talbiet għall-informazzjoni (30.4 % tal-investigazzjonijiet), talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti (6.7 %), u li jiġi żgurati li ma jkunx hemm diskriminazzjoni (3.7 %).

Ġew immedija sitt investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja dwar kwistjonijiet sistemiċi fl-istituzzjonijiet: tlieta kienu jikkonċernaw l-EPSCO, waħda kienet tikkonċerna l-Kummissjoni, waħda kull wieħed għall-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill, filwaqt li l-aħħar waħda kienet tikkonċerna l-aħħar żewġ istituzzjonijiet flimkien.

F'aktar minn 70 % tal-każijiet ipproċessati, aħna stajna ngħinu lill-kwerelant billi ftaħna investigazzjoni fuq il-każ, għaddejnih lill-korp kompetenti, jew tajnih parir fejn għandu jirrikorri. Aktar minn 53 % tal-każijiet (1 435 ilment) kienu fil-kompetenza ta' membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, b'27 % (744 ilment) instabu li kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew, u għalhekk dan jikkonferma l-ħtieġa li nkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni tagħna. Is-Seba' Seminar Reġjonali tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, li sar f'Innsbruck, l-Awstrija, f'Novembru, offriena opportunità tajba biex nagħmlu dan, l-istess bħalma għamlet is-seba' laqgħa tal-uffiċjali ta' kollegament

tan-Netwerk fi Strasburgu f'Ġunju. It-Tmien Seminar Nazzjonali tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen ser isir f'Kopenhagen f'Ottubru 2011. Fost is-suġġetti għad-diskussjoni f'Kopenhagen ser ikun hemm dikjarazzjoni tal-prinċipji tas-servizz pubbliku abbozzata speċifikament għal uffiċjali tal-UE. Jien ikkonsultajt lill-ombudsmen nazzjonali qabel ħejjejt abbozz, sabiex niżgura li d-dikjarazzjoni futura tiegħi kont sħiħ tal-aqwa prattika fl-Istati Membri. Huma wiegħbu b'mod pożittiv, fejn għamlu suġġerimenti siewja u pprovdew informazzjoni utli, li qegħdin jittieħdu f'kunsiderazzjoni fil-proċess tal-abbozzar.



L-uffiċjali intermedjarji jaġixxu bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għal uffiċċji oħrajn fin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Huma ltaqgħu għas-seba' darba fi Strasburgu mis-6 sat-8 ta' Ġunju 2010. Għall-ewwel darba, saret sessjoni konġunta ma' SOLVIT, sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet ta' interess komuni u biex tiżdied il-kooperazzjoni. Din is-sessjoni konġunta rat it-tnejja ta' proġett biex jiġu identifikati l-kompetenzi tal-ombudsmen nazzjonali fi ħdan in-Netwerk. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiġbor informazzjoni ċara u komprensiva dwar it-tipi ta' lmenti li jistgħu u ma jistgħux jitrattaw l-ombudsmen nazzjonali.



It-Trattat ta' Lisbona – sena wara

Wara l-elezzjoni mill-ġdid tiegħi bħala Ombudsman f'Jannar tal-2010, jien ħabbart li waħda mill-prijoritajiet prinċipali tiegħi matul il-ħames snin li ġejjin sejra tkun li ngħin biex niżgura li l-UE tagħti liċ-ċittadini l-benefiċċji mwegħdin fit-Trattat ta' Lisbona. Kmieni fl-2010, jien wegħibt għall-konsultazzjoni pubblika dwar kif l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej għandha taħdem fil-prattika. Jien enfasizzajt fuq kemm huwa importanti li nipprovaw nantiċipaw il-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu fl-operat tagħha, speċjalment dawk li jistgħu jirriżultaw f'ilmenti. Jien kont inkoraġġut ħafna mill-adozzjoni tar-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini f'Diċembru 2010 u ninsab ċert li dan l-istrument sejjer jgħin biex jawtorizza liċ-ċittadini Ewropej. L-Ombudsman ippromwova wkoll l-applikazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali 2010 li issa hija legalment vinkolanti, l-aktar permezz tat-trattament tal-ilmenti u l-investigazzjonijiet dwar kwistjonijiet bħad-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba u d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

Jien qiegħed inħares 'il quddiem biex inkompli din il-ħidma f'isem iċ-ċittadini Ewropej. Nagħżel li ninterpreta d-deċiżjoni tal-Parlament li jerġa' jelegġini għat-tieni mandat sħiħ bħala approvazzjoni tal-ħidma li għamel s'issa dan l-uffiċċju, u bħala inkoraġġiment għalina biex inkomplu nisħqu għal amministrazzjoni tal-UE aktar miftuħa, aktar affidabbli, li tkun iffokata fuq is-servizz u ċċentrata fuq iċ-ċittadin. Dawn huma miri nobbli li jien u l-kollegi tiegħi nibqgħu kostantament impenjati li nilħqu.

Strasburgu, l-14 ta' Frar 2011

P. Nikiforos Diamandouros

1

Ilmenti u investigazzjonijiet

L-ewwel Kapitolu jispjega l-mandat u l-proċeduri tal-Ombudsman, jagħti ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti indirizzati fl-2010, u jipprovdi studju fil-fond tal-investigazzjonijiet imwettqa. Hemm taqsima dwar każijiet saljenti, kif ukoll analiżi tematika. Il-kapitolu jagħlaq b'ħarsa lejn ir-riferimenti għal korpi oħrajn li jindirizzaw l-ilmenti.

Ilmenti u investigazzjonijiet

1.1 Il-mandat u l-proċeduri tal-Ombudsman

Ir-rwol tal-Ombudsman Ewropew

L-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew għe stabbilit mit-Trattat ta' Maastricht bħala parti miċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi d-dritt li persuna tilmenta mal-Ombudsman Ewropew bħala wieħed mid-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Dan id-dritt huwa inkluż ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (Artikolu 43). Il-każijiet possibbli ta' amministrazzjoni ħażina jiġu għall-attenzjoni tal-Ombudsman l-aktar permezz ta' lmenti, għalkemm l-Ombudsman jagħmel ukoll investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess.

Il-ħidma tal-Ombudsman hija rregolata mill-Artikolu 228 TFUE, kif ukoll mill-Istatut tal-Ombudsman¹ u d-dispożizzjonijiet implimentattivi adottati mill-Ombudsman skont l-Artikolu 14 tal-Istatut². L-Istatut u d-dispożizzjonijiet implimentattivi huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>). Id-dispożizzjonijiet implimentattivi huma disponibbli wkoll f'kopji stampati u jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Ombudsman.

Il-mandat tal-Ombudsman

L-Artikolu 228 TFUE jagħti setgħa lill-Ombudsman biex jirċievi lmenti fir-rigward ta' każijiet ta' amministrazzjoni

ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rwol ġudizzjarju tagħha.

Istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni

L-istituzzjonijiet tal-UE huma elenkati fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u jinkludu l-Kunsill Ewropew. Ma hemm ebda definizzjoni jew lista awtoritattiva ta' korpi u organi tal-Unjoni. Dan it-terminu jinkludi l-korpi stabbiliti mit-Trattati, bħalma huma l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni, kif ukoll korpi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni, bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. It-Trattat ta' Lisbona wessa' l-mandat tal-Ombudsman sabiex jinkludi amministrazzjoni ħażina possibbli fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, inkluża l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni.

Ilmenti kontra l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew, anke jekk ikunu jikkonċernaw kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-liġi tal-UE. Bosta ilmenti bħal dawn jaqgħu taħt il-mandat tal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen (ara t-taqsima 1.7 aktar 'l isfel).

Amministrazzjoni ħażina

B'reazzjoni għal talba mill-Parlament Ewropew għal definizzjoni ċara ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman offra dan li ġej, li kien milqugħ mill-

Il-każijiet possibbli ta' amministrazzjoni ħażina jiġu għall-attenzjoni tal-Ombudsman l-aktar permezz ta' lmenti, għalkemm l-Ombudsman jagħmel ukoll investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess.

¹ F'Ġunju 2008, il-Parlament Ewropew adotta deċiżjoni li tirrevedi l-Istatut tal-Ombudsman, b'effett mill-31 ta' Lulju 2008. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2008/587 tat-18 ta' Ġunju 2008, li temenda d-Deċiżjoni 94/262 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-tweġġ tal-obbligi tal-Ombudsman, ĠU 2008 L 189, p. 25.

² Fit-3 ta' Diċembru 2008, l-Ombudsman irreveđa d-dispożizzjonijiet implimentattivi tiegħu sabiex ikunu jirriflettu l-bidliet ta' Ġunju 2008 fl-Istatut u biex tittieħed f'kunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba mill-2004, meta nbidlu l-aħħar id-dispożizzjonijiet. Id-dispożizzjonijiet implimentattivi ġodda daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009.



Parlament f'Riżoluzzjoni maqbula wkoll mill-Kummissjoni: "Ikun hemm amministrazzjoni ħażina meta korp pubbliku ma joperax skont regola jew prinċipju li torbtu."

L-Ombudsman iddefinixxa "amministrazzjoni ħażina" b'tali mod li jitlob rispett għall-istat tad-dritt, għall-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u għad-drittijiet fundamentali. L-Ombudsman Ewropew konsistentament adotta l-pożizzjoni li amministrazzjoni ħażina hija kunċett wiesa' u li l-amministrazzjoni tajba teħtieġ, fost affarijiet oħrajn, il-konformità mar-regoli u l-prinċipji legali, inklużi d-drittijiet

Ewropea inkluża fil-ġurisprudenza tal-qrati Ewropej u huwa ispirat mil-liġijiet nazzjonali. Il-Parlament talab ukoll lill-Ombudsman sabiex japplika l-Kodiċi meta jkun qiegħed jeżamina l-ilmenti u meta jkun qiegħed jagħmel investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess.

Huwa importanti li jiġi nnotat li d-definizzjoni msemmija qabel ma tillimitax l-amministrazzjoni ħażina għal każijiet fejn ir-regola jew il-prinċipju li jkun qiegħed jinkiser huwa legalment vinkolanti. Il-prinċipji ta' "amministrazzjoni tajba" jmorru 'lil hinn mil-liġi, billi jitolbu lill-istituzzjonijiet tal-UE sabiex mhux biss jirrispettaw

L-Ombudsman iddefinixxa "amministrazzjoni ħażina" b'tali mod li jitlob rispett għall-istat tad-dritt, għall-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u għad-drittijiet fundamentali.

fundamentali. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tinkludi d-dritt għal amministrazzjoni tajba bħala dritt fundamentali ta' ċittadinanza tal-Unjoni (Artikolu 41). In-natura li torbot legalment din il-Karta u l-possibbiltà li tirriżulta mill-protezzjoni ġudizzjarja tal-individwi x'aktarx li jżidu l-impatt tad-dritt għal amministrazzjoni tajba. L-isforzi tal-Ombudsman sabiex jipromwovi l-amministrazzjoni tajba fl-interess pubbliku, kif ukoll biex isib soluzzjonijiet mhux ġudizzjarji għall-problemi tal-individwi, x'aktarx ukoll li jkomplu jissaħħu.

Fis-6 ta' Settembru 2001, il-Parlament Ewropew approva l-Kodiċi Ewropew ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba li l-istituzzjonijiet tal-UE, l-amministrazzjonijiet tagħhom, u l-uffiċjali tagħhom għandhom jirrispettaw fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Il-Kodiċi jikkunsidra l-prinċipji tal-liġi amministrattiva

l-obbligi legali tagħhom, iżda wkoll sabiex ikunu ffokati fuq is-servizz u jiżguraw li l-membri tal-pubbliku jkunu ttrattati b'mod xieraq u jgawdu d-drittijiet tagħhom b'mod sħiħ. Għalhekk, waqt li l-illegalità fi kwistjonijiet li jaqgħu fil-mandat tal-Ombudsman timplika li bilfors hemm amministrazzjoni ħażina, l-amministrazzjoni ħażina ma tinvolvi awtomatikament l-illegalità. Għaldaqstant, is-sejbiet ta' amministrazzjoni ħażina mill-Ombudsman ma jimplikawx awtomatikament li hemm imġiba illegali li tista' tiġi ssanzjonata minn qorti³.

Madankollu, hemm limiti għall-kunċett ta' amministrazzjoni ħażina. Pereżempju, l-Ombudsman dejjem ikkunsidra li l-ħidma politika tal-Parlament Ewropew ma tqajjimx kwistjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina possibbli. Għaldaqstant, l-ilmenti kontra d-deċiżjonijiet tal-Kumitati tal-Parlament, bħall-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet, jaqgħu barra mill-mandat tal-Ombudsman.

³ Ara, f'dan il-kuntest, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2004 fil-kawża konġunti T-219/02 u T-337/02, *Herrera vs il-Kummissjoni*, paragrafu 101, u tal-4 ta' Ottubru 2006 fil-kawża T-193/04 R, *Hans-Martin Tillack vs il-Kummissjoni*, paragrafu 128.

Ilmenti u investigazzjonijiet

L-ammissibbiltà u r-raġunijiet għall-investigazzjonijiet

Qabel ma l-Ombudsman ikun jista' jiftaħ investigazzjoni, ilment irid qabelxejn jissodisfa kriterji ulterjuri ta' ammissibbiltà. Dawn il-kriterji, kif stipulati fl-artikolu rilevanti tal-Istatut, jispeċifikaw li:

1. għandhom jiġu identifikati l-awtur u l-materja tal-ilment (Artikolu 2(3));
2. l-Ombudsman jista' ma jintervjenix f'każijiet quddiem il-qorti jew jiddubita mill-validità ta' deċiżjoni tal-qorti (Artikolu 1(3));
3. l-ilment irid isir fi żmien sentejn mid-data ta' meta l-fatti li fuqhom ikun ibbażat l-ilment ikunu ġew għall-attenzjoni tal-kwerelant (Artikolu 2(4));

Min f'każijiet ammissibbli li ġew indirizzati fl-2010, 40 % kienu meqjusa bħala li ma jipprovdu ebda bażi għall-investigazzjoni.

4. l-ilment irid ikun ippreċedut minn approċċi amministrattivi adatti għall-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat/a (Artikolu 2(4)); u

5. fil-każ ta' lmenti li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi u l-uffiċjali u l-impjegati tagħhom, iridu jiġu eżawriti l-possibbiltajiet għas-sottomissjoni ta' talbiet u lmenti amministrattivi interni qabel jitressaq it-tali lment (Artikolu 2(8)).

L-Artikolu 228 TFUE jawtorizza lill-Ombudsman sabiex "jaġmel stħarriġ li jaħseb li jkun ġustifikat". Sabiex jiġi evitat li jinħolqu aspettattivi mhux ġustifikati fost il-kwerelanti u sabiex ikun

żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi, l-ilmenti ammissibbli kollha jiġu studjati bir-reqqa biex ikun ivverifikat jekk hemmx prospett raġonevoli li investigazzjoni sejra twassal għal riżultat utli. Jekk le, l-Ombudsman jaġhlaq il-każ bħala wieħed li ma jipprovdux biżżejjed raġunijiet għall-investigazzjoni. L-Ombudsman huwa wkoll tal-fehma li, jekk ilment ikun diġà ġie indirizzat bħala petizzjoni mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, normalment ma jkun hemm ebda raġuni għall-investigazzjoni mill-Ombudsman, sakemm ma jiġux ippreżentati provi ġodda. Minn fost il-każijiet ammissibbli li ġew indirizzati fl-2010, 40 % kienu meqjusa bħala li ma jipprovdu ebda bażi għall-investigazzjoni. Meta l-Ombudsman jikkunsidra li ma hemmx raġunijiet sabiex tinfetaħ investigazzjoni, huwa jgħarraf lill-kwerelant u, f'ċerti każijiet, jibgħat

verżjoni anonimizzata ta' din id-deċiżjoni lill-istituzzjoni kkonċernata.

Ilmenti u investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali

L-Artikolu 228 tat-TFUE jawtorizza lill-Ombudsman biex jirċievi lmenti mingħand kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni jew mingħand kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tgħix jew li għandha l-uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru. L-Ombudsman għandu wkoll is-setgħa li jiftaħ investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali. Bl-użu tas-setgħa tal-inizjattiva personali, l-Ombudsman jista' jinvestiga każ ta' possibbiltà ta'



amministrazzjoni ħażina li jkun ingiebb għall-attenzjoni tiegħu minn persuna li ma tkunx intitolata biex tressaq ilment. Il-prattika tal-Ombudsman f'każijiet bħal dawn hija li jagħti lill-persuna kkonċernata l-istess opportunitajiet proċedurali matul l-investigazzjoni daqs li kieku l-każ kien indirizzat bħala lment. Fl-2010, infetħu sitt investigazzjonijiet bħal dawn fuq inizjattiva personali. Bl-inkoraġġiment tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman iddikjara l-intenzjoni tiegħu li juża s-setgħa tal-inizjattiva personali kull meta l-unika raġuni biex ma jiftaħx investigazzjoni dwar ilment li jallega amministrazzjoni ħażina mill-Bank Ewropew tal-Investimenti tkun li l-kwerelant ma' jkunx ċittadin tal-Unjoni jew residenti fiha. F'dak li jirrigwarda kwistjonijiet oħrajn, l-Ombudsman jindirizza l-kwistjoni ta' jekk għandux juża s-setgħa ta' inizjattiva personali b'dan il-mod fuq bażi ta' każ b'każ.

L-Ombudsman jista' wkoll juża s-setgħa ta' inizjattiva personali biex jittratta dik li tidher li hija problema sistematika fl-istituzzjonijiet. Kif issemma diġà, huwa għamel dan f'sitt okkażjonijiet fl-2010. Tlieta kienu jikkonċernaw l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (OI/6/2010/IP, OI/7/2010/IP u OI/9/2010/RT). It-taqsim 1.6 hawn taħt fiha ħarsa ġenerali lejn investigazzjoni fuq inizjattiva personali li tikkonċerna każ speċifiku ta' pagament tard mill-Kummissjoni (ara l-każ OI/2/2010/GG taħt "Eżekuzzjoni ta' kuntratti"). Investigazzjoni oħra (OI/4/2010/ELB) kienet tikkonċerna d-drittijiet u d-dmirijiet tal-impjegati taċ-ċivil, u, b'mod aktar speċifiku, kif l-istituzzjonijiet jittrattaw it-talbiet, magħmula mill-uffiċjali

u l-aġenti skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, sabiex jibdlu l-atti amministrattivi fid-dawl tal-ġurisprudenza li qiegħda tevolvi. Din l-investigazzjoni kienet diretta lejn il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill. Fl-aħħarnett, fl-2010, l-Ombudsman fetax investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess rigward ir-responsabbiltà għal każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitatijiet tal-missjonijiet tal-Politika Komuni tal-UE dwar is-Sigurtà u d-Difiża. Din l-investigazzjoni, OI/12/2010/BEH, kienet indirizzata lill-Kummissjoni u l-Kunsill. Ħamsa mis-sitt investigazzjonijiet kienu għadhom għaddejnin fl-aħħar tal-2010 (OI/2/2010/GG ingħalqet mingħajr ebda investigazzjoni oħra ġustifikata).

Il-proċeduri tal-Ombudsman

Proċeduri bil-miktub u ssimplifikati ta' investigazzjoni

Normalment, l-ilmenti kollha li jintbagħtu lill-Ombudsman jiġu rreġistrati u rikonnoxxuti fi żmien ġimgħa minn meta jaslu. Id-dikjarazzjoni ta' rċevuta li tintbagħat tgħarraf lill-kwerelant bil-proċedura li trid tiġi segwita u tkun tinkludi numru ta' referenza, kif ukoll l-isem u n-numru tat-telefon tal-persuna li tkun qiegħda tindirizza l-ilment.

L-ilment jiġi analizzat sabiex jiġi stabbilit jekk għandhiex tinfetax investigazzjoni u l-kwerelant jiġi mgħarraf bir-riżultati tal-analiżi, normalment fi żmien xahar. Jekk ma tinfetax ebda investigazzjoni, il-kwerelant jiġi mgħarraf bir-raġuni. Fejn ikun possibbli, l-ilment jiġi trasferit, jew inkella l-kwerelant jingħata parir xieraq dwar għand liema korp kompetenti għandu jirrikorri.

Ilmenti u investigazzjonijiet

Id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman ma jorbtux legalment u ma joħolqux drittijiet jew obbligi li jistgħu jiġu infurzati b'mod legali għall-kwerelant, jew għall-istituzzjoni kkonċernata.

Waqt investigazzjoni, il-kwerelant jiġi mgħarraġ b'kull pass ġdid li jittieħed. Meta l-Ombudsman jiddeċiedi li jagħlaq l-investigazzjoni, huwa jgħarraġ lill-kwerelant bir-riżultati tal-investigazzjoni u bil-konklużjonijiet tiegħu. Id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman ma jorbtux legalment u ma joħolqux drittijiet jew obbligi li jistgħu jiġu infurzati b'mod legali għall-kwerelant, jew għall-istituzzjoni kkonċernata.

Bħala alternattiva għall-ftuħ ta' investigazzjoni bil-miktub dwar il-possibbiltà ta' amministrazzjoni ħażina, u bil-għan li l-problema rilevanti tissolva fl-iqsar żmien possibbli, l-Ombudsman jagħmel użu minn proċeduri informali u flessibbli, bil-qbil u l-kooperazzjoni tal-istituzzjoni kkonċernata.

Matul l-2010, ġew solvuti 91 każ wara li l-intervent tal-Ombudsman irnexxielu jikseb tveġiba f'waqtha għal korrispondenza mhux imwieġba (ara t-taqsimu 2.9 tar-*Rapport Annwali 1998* għal dettalji dwar il-proċedura). Barra minn hekk, ġew solvuti 73 każ ieħor wara li l-Ombudsman assigura tveġiba addizzjonali u aktar dettaljata għall-korrispondenza tiegħu għall-kwerelant.

L-ispezzjoni tal-fajls u s-smiġħ tax-xhieda

L-Artikolu 3(2) tal-Istatut tal-Ombudsman jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jipprovdu lill-Ombudsman bi kwalunkwe informazzjoni li jitlobhom u jagħtuh aċċess għall-fajls ikkonċernati. Is-setgħa tal-Ombudsman li jispezzjona l-fajls tippermettilu jivverifika l-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-istituzzjoni tal-UE kkonċernata. Għaldaqstant, hija garanzija importanti lill-kwerelant u lill-

pubbliku li l-Ombudsman jista' jagħmel investigazzjoni bir-reqqa u kompluta. Matul l-2010, is-setgħa tal-Ombudsman li jispezzjona l-fajls tal-istituzzjonijiet intużat f'26 każ.

L-Artikolu 3(2) tal-Istatut jesiġi wkoll li l-uffiċjali u ħaddiema oħrajn tal-istituzzjonijiet tal-UE jagħtu x-xhieda tagħhom meta jintalbu jagħmlu dan mill-Ombudsman, għalkemm dawn jibqgħu marbuta bir-regoli rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal, l-aktar fir-rigward tad-dmir tagħhom tas-segretezza professjonali. Is-setgħa tal-Ombudsman li jisma' x-xhieda ma ntużatx fl-2010.

Il-ħtieġa li l-Ombudsman iżomm il-kunfidenzjalità tad-dokumenti u l-informazzjoni miksuba matul investigazzjoni kienet iċċarata u msaħħa permezz tar-reviżjoni tal-Istatut fl-2008. Kif emendat, l-Istatut jistabbilixxi li l-aċċess tal-Ombudsman għal informazzjoni jew dokumenti kklassifikati, b'mod partikolari għal dokumenti sensitivi skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 1049/2001⁴, għandu jkun suġġett għal konformità mar-regoli dwar is-sigurtà tal-istituzzjoni tal-UE kkonċernata. L-istituzzjonijiet li jipprovdu tali informazzjoni jew dokumenti kklassifikati għandhom jgħarrfu lill-Ombudsman b'din il-klassifikazzjoni. Barra minn hekk, l-Ombudsman irid ikun ftiehem minn qabel mal-istituzzjoni rilevanti fuq il-kundizzjonijiet għat-trattament tal-informazzjoni jew id-dokumenti kklassifikati u informazzjoni oħra koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali. Fil-każijiet **523/2009/TS** u **944/2008/OV**, intlaħaq qbil mal-Kunsill dwar l-ispezzjoni ta' dokumenti kklassifikati bħala "ristretti għall-UE".

4. Regolament (KE) 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.



1.2 Ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti eżaminati fl-2010

Fl-2010, l-Ombudsman irreġistra⁵ 2 667 ilment, imqabbla ma' 3 098 fl-2009. B'kolloxx ġew ipproċessati 2 727 ilment⁶ li 27 % minnhom (744 ilment) kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew. Fl-aħħar ta' dan il-Kapitolu wieħed jista' jsib studju tal-ilmenti li ġew indirizzati minn membri tan-Netwerk għajr l-Ombudsman Ewropew.

Kważi 58 % tal-ilmenti rċevuti fl-2010 kienu sottomessi bl-użu tal-Internet. Proporzjon kbir minnhom (53 %) intbagħtu permezz

Ombudsman intuża biex jiġu mwiegħba 'il fuq minn 1 000 e-mail b'talba għall-informazzjoni. Dan jitqabbel ma' kważi 1 850 fl-2009, 4 300 fl-2008 u 4 100 fl-2007. It-tnaqqis sostnut sinjifikanti fit-talbiet għall-informazzjoni li ġew irċevuti fl-2009 u fl-2010 juri s-suċċess tal-gwida interattiva tal-Ombudsman, li ilha disponibbli fuq is-sit elettroniku tiegħu mill-5 ta' Jannar 2009, u li tagħti ċ-ċans lin-nies jiksibu l-informazzjoni mingħajr ma jkollhom b'zonn jissottomettu talba. B'kolloxx, fl-2010, l-Ombudsman ittratta aktar minn 3 700 ilment u talbiet għall-informazzjoni.

L-Ombudsman Ewropew fetax total ta' 323 investigazzjoni fuq il-bażi tal-ilmenti, waqt li ngħata bidu għal 12-

Kważi 58 % tal-ilmenti rċevuti fl-2010 kienu sottomessi bl-użu tal-Internet.

tal-formola elettronika tal-ilmenti, li hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman fi 23 lingwa. Fl-2010, il-kont prinċipali tal-posta elettronika tal-

il investigazzjoni addizzjonali fuq l-inizjattiva personali tal-Ombudsman (dan jitqabbel ma' 335 u erbgħa, rispettivament, fl-2009).

Tabella 1.1: Każijiet ittrattati matul l-2010	
Ilmenti rreġistrati fl-2010	2 667
Ilmenti pproċessati fl-2010	2 727
Ilmenti li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza ta' xi membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen	1 435
Ilmenti li jaqgħu fi ħdan il-mandat tal-Ombudsman Ewropew Li minnhom:	744 205 mhux ammissibbli 216 ammissibbli iżda mingħajr bażi għall-ftuħ ta' investigazzjoni 323 investigazzjoni miftuħa fuq il-bażi tal-ilmenti
Investigazzjonijiet miftuħa fuq inizjattiva personali	12
Investigazzjonijiet magħluqa Li minnhom:	326 (inkluż 3 investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali) 175 mill-2010 92 mill-2009 59 mis-snin ta' qabel

5. Ir-Rapport Annwali tal-Ombudsman Ewropew jagħmel użu mill-kategorija statistika "ilmenti rreġistrati" minflok "ilmenti rċevuti", sabiex jiddistingwi bejn l-ilmenti li fil-fatt jiġu rreġistrati matul sena kalendarja partikolari u dawk li jkunu waslu fl-istess perjodu iżda li jkunu ġew irreġistrati fis-sena ta' wara.


6. Il-kategorija statistika "ipproċessati" tfisser li l-analiżi mfassla biex tiddetermina jekk l-ilment (i) jaqax fil-mandat tal-Ombudsman, (ii) jissodisfax il-kriterji ta' ammissibbiltà, u (iii) jipprovdix raġunijiet biex tinfetaħ investigazzjoni, fil-fatt tkun saret. Minħabba ż-żmien meħtieġ biex isir dan, in-numru ta' ilmenti "ipproċessati" f'sena partikolari huwa differenti min-numru ta' ilmenti "irreġistrati" fl-istess sena.

Ilmenti u investigazzjonijiet

Fl-2010, l-Ombudsman għalaq 326 investigazzjoni (imqabbla ma' 318 fl-2009). Minn dan it-total, 175 kienu rreġistrati fl-2010, waqt li 92 kienu datati mill-2009, u 59 mis-snin ta' qabel.

Kif turi l-Figura 1.1⁷, in-numru ta' lmenti li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman f'dawn l-aħħar seba' snin żdied minn ammont baxx ta' 603 fl-2003 għal 744 fl-2010. Dan laħaq il-quċċata fl-2004 b'930, bit-tieni l-oġġla livell jintlaħaq fl-2007 bi 870.


Figura 1.1: Numru ta' ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat 2003-2010



Kif turi l-Figura 1.2⁸, in-numru ta' lmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman naqas għal għal 1 983 fl-2010, l-aktar figura baxxa rreġistrata mill-2003, meta n-numru ta' dawn l-ilmenti kien ta' 1 768. L-Ombudsman sejjer jissokta bl-isforzi

tiegħu li jnaqqas in-numru ta' lmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tiegħu, billi jipprovdi informazzjoni ċara dwar dak li jista' u ma jistax jagħmel, u jgħin billi jiggwida lill-kwerelanti biex isibu l-post it-tajeb mill-ewwel lil min jindirizzaw.

Figura 1.2: Numru ta' ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat 2003-2010



7. Għandu jiġi nnotat li, fl-2005, 335 ilment, li kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman, kienu jikkonċernaw l-istess suġġett. Sabiex ikun hemm tqabbil aktar preċiż matul is-snin, fil-Figura 1.1 dawn ġew magħduda separatament biss sa u inkluż il-ħdax-il ilment.

8. Għandu jkun innotat li, fl-2006, 281 ilment, li ma kinux jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman, kienu jikkonċernaw l-istess suġġett. Sabiex ikun hemm tqabbil aktar preċiż matul is-snin, fil-Figura 1.2 dawn ġew magħduda separatament biss sa u inkluż il-ħdax-il ilment.



It-Tabella 1.2 tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-orijini ġeografika tal-ilmenti rreġistrati fl-2010. Il-Ġermanja, l-aktar pajjiż popolat tal-UE, issottomettiet l-akbar numru ta' lmenti, segwita minn

Spanja, il-Polonja u l-Belġju. Madankollu, b'mod relattiv għad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, il-maġġoranza tal-ilmenti ġew mil-Lussemburgu, Ċipru, il-Belġju u Malta.

Tabella 1.2: Oriġini ġeografika tal-ilmenti rreġistrati fl-2010

Pajjiż	Numru ta' Lmenti	% ta' Lmenti	% tal-Popolazzjoni tal-UE	Proporzjon
Il-Lussemburgu	34	1.3	0.1	12.7
Ċipru	22	0.8	0.2	4.1
Il-Belġju	207	7.8	2.1	3.7
Malta	9	0.3	0.1	3.4
Is-Slovenja	34	1.3	0.4	3.2
Il-Latvja	21	0.8	0.5	1.6
IL-Bulgarija	63	2.4	1.6	1.5
Is-Slovakkja	43	1.6	1.1	1.5
Spanja	349	13.1	9.0	1.5
I-Irlanda	32	1.2	0.9	1.3
Il-Finlandja	39	1.5	1.1	1.3
Il-Portugall	71	2.7	2.1	1.3
L-Estonja	9	0.3	0.3	1.1
Ir-Repubblika Ċeka	63	2.4	2.1	1.1
Il-Litwanja	20	0.7	0.7	1.1
Il-Greċja	65	2.4	2.3	1.1
L-Awstrija	48	1.8	1.7	1.1
Il-Polonja	214	8.0	7.7	1.0
L-Ungerija	51	1.9	2.0	1.0
Il-Ġermanja	375	14.1	16.6	0.8
L-Olanda	60	2.2	3.3	0.7
L-Iżvezja	32	1.2	1.8	0.7
Ir-Rumanija	73	2.7	4.4	0.6
Id-Danimarka	16	0.6	1.1	0.5
Franza	171	6.4	12.8	0.5
L-Italja	132	4.9	11.9	0.4
Ir-Renju Unit	132	4.9	12.3	0.4
Oħrajn	131	4.9		
Mhux magħrufa	151	5.7		

Nota: Il-proporzjon tal-ilmenti ġie kkalkolat bid-diviżjoni tal-perċentwal tal-ilmenti bil-perċentwal tal-popolazzjoni. Fejn dan ikun akbar minn 1.0, dan jindika li l-pajjiż ikkonċernat ikun issottometta aktar ilmenti lill-Ombudsman milli huwa mistenni skont id-daqs tal-popolazzjoni tiegħu. Il-perċentwali kollha fit-tabella ta' hawn fuq kienu mqarriba sa punt deċimali wieħed.

Fl-2010, 17-il Stat Membru ssottomettew aktar ilmenti milli forsi kien mistenni meta wieħed iqis id-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, tmienja


ssottomettew inqas, filwaqt li tnejn issottomettew numru ta' lmenti li jirrifletti d-daqs tal-popolazzjoni tagħhom.



L-ilmenti jistgħu jiġu sottomessi lill-Ombudsman Ewropew fi kwalunkwe waħda mit-23 lingwa tat-Trattat tal-UE⁹. Kif turi l-Figura 1.3, fl-2010, ħafna

mill-kwerelanti għażlu li jissottomettu l-ilment tagħhom lill-Ombudsman bl-Ingliż, segwit mill-Ġermaniż, l-Ispanjol u l-Franċiż.

Figura 1.3: Tqassim tal-ilmenti skont il-lingwa




Kif turi l-Figura 1.4, f'aktar minn 70 % tal-każijiet, l-Ombudsman kien kapaċi jgħin lill-kwerelanti billi fetaħ investigazzjoni dwar il-każ (12 % tal-każijiet), billi rreferih lil korp kompetenti, jew billi ta pariri dwar fejn wieħed jista' jirrikorri (61 %). It-taqsima 1.7 hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-każijiet li ġew riferuti

jew fejn ingħataw pariri lill-kwerelanti. F'27 % tal-każijiet li ġew ittrattati fl-2010, intbagħtet tweġiba lill-kwerelant, iżda l-Ombudsman ikkunsidra li ma kienx possibbli li tittieħed aktar azzjoni. F'xi każijiet, dan kien minħabba l-fatt li l-kwerelant naqas milli jidentifika dwar min jew dwar xiex xtaq jilmenta.

⁹ Il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Isvediż. Wara ftehim iffirmat f'Novembru 2006 bejn l-Ombudsman Ewropew u l-gvern Spanjol, iċ-ċittadini jistgħu wkoll iressqu l-ilmenti tagħhom lill-Ombudsman fi kwalunkwe waħda mil-lingwi ko-uffiċjali fi Spanja (il-Katalan/Valenzjan, il-Galizjan u l-Bask). Bl-iffirmar ta' dan il-ftehim, l-Ombudsman ġab il-prattika tiegħu konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE ta' Ġunju 2005 li jstabbilixxu l-użu ta' dawn il-lingwi sabiex jiġu ffaċilitati l-komunikazzjonijiet taċ-ċittadini Spanjoli mal-istituzzjonijiet tal-UE.

Ilmenti u investigazzjonijiet

Figura 1.4: Tip ta' azzjoni meħuda mill-Ombudsman Ewropew wara li rċieva l-ilmenti



Nota: Il-figuri ta' hawn fuq jinkludu 187 ilment irreġistrati lejn l-aħħar tal-2009, li ġew ipproċessati fl-2010 u jeskludu 46 ilment irreġistrati lejn l-aħħar tal-2010, li kienu għadhom qegħdin jiġu pproċessati fl-aħħar tas-sena sabiex jiġi ddeterminat x'azzjoni għandha tittieħed.




1.3 Analiżi tal-investigazzjonijiet miftuħa¹⁰

L-ilmenti kollha li kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman komplew jiġu analizzati sabiex tiġi ddeterminata l-ammissibilità. Minn fost is-744 ilment li kienu jaqgħu taħt il-mandat, 205 ma kinux

ammissibbli; filwaqt li fil-każ ta' 216 l-oħra, li kienu ammissibbli, l-Ombudsman ma sab l-ebda bażi għall-ftuħ ta' investigazzjoni.

Matul is-sena nfetħu total ta' 323 investigazzjoni ġdida fuq il-bażi tal-ilmenti. Dan jikkostitwixxi tnaqqis ta' 3.5 % meta mqabbel mal-2009. L-Ombudsman beda wkoll 12-il investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess.


Figura 1.5: Ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew



Kif turi l-Figura 1.6, in-numru ta' investigazzjonijiet miftuħa fl-2010 huwa ftit inqas mil-livelli għoljin li

ntlaħqu fl-2004 (351) u fl-2005 (343). L-investigazzjonijiet magħluqa sejrjn jiġu analizzati fit-taqsima 1.4 hawn taħt.

Figura 1.6: Bidla fin-numru ta' investigazzjonijiet




Il-maġġoranza tal-investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman fl-2010 (219-il każ) kienu jikkonċernaw il-Kummissjoni Ewropea (65 %). Il-figura komparabbli għall-2009 kienet ta' 191. Minħabba li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni ewlenija tal-UE li tiegħu deċiżjonijiet li jkollhom impatt dirett fuq iċ-ċittadini, huwa loġiku li din għandha tkun l-oġġett prinċipali tal-

ilmenti taċ-ċittadini. Warajha jiġi l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) b'35 investigazzjoni (30 fl-2009). In-numru ta' investigazzjonijiet miftuħa li jikkonċernaw il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea naqas kważi bin-nofs meta mqabbel mal-2009. Fir-rigward tal-Qorti, huwa importanti li jissemma

¹⁰ Fir-rigward tar-Rapport Annwali 2009, l-analiżi f'din it-taqsima hija bbażata fuq in-numru ta' investigazzjonijiet miftuħa fl-2010, aktar milli – kif kien isir fis-snin ta' qabel – fuq in-numru totali ta' investigazzjonijiet ittrattati matul is-sena (jiġifieri, inklużi każijiet li jkun fadal mis-snin ta' qabel). Dan il-metodu ta' kalkolazzjoni tal-istatistiki jagħti indikazzjoni aħjar tat-tendenzi, minn sena għal sena.

Ilmenti u investigazzjonijiet

Figura 1.7: Istituzzjonijiet u korpi soġġetti għal investigazzjoni



Nota: Żewġ investigazzjonijiet li nfetħu fl-2010 kienu investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali li kienu indirizzati lil aktar minn istituzzjoni waħda. Għalhekk, il-perċentwali ta' hawn fuq jammontaw għal aktar minn 100 %.

li l-Ombudsman jista' jiftaħ biss investigazzjonijiet dwar il-ħidma mhux ġudizzjarja tagħha. Ħamsa u għoxrin istituzzjoni, korpi u organi oħrajn tal-UE kienu s-suġġett ta' 52 investigazzjoni oħra¹¹.


It-tipi prinċipali ta' każijiet ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina investigati mill-Ombudsman fl-2010 kienu (i) il-ksur ta': legalità (applikazzjoni żbaljata ta' regoli sostantivi u/jew proċedurali) (20.6 % tal-investigazzjonijiet), limiti ta' żmien

raġonevoli għat-teħid tad-deċiżjonijiet (14.1 %), ġustizzja (11 %), dover li tgħid x'inhuma r-raġunijiet tad-deċiżjonijiet u l-possibiltajiet ta' appell (5.8 %), l-obbligu li tingħata tweġiba għall-ittri fil-lingwa taċ-ċittadini, fejn jiġi indikat l-uffiċjal kompetenti (5.5 %), u d-dover tal-kura (3.1 %); (ii) ksur tad-doveri relatati ma': talbiet għall-informazzjoni (30.4 % tal-investigazzjonijiet), talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti (6.7 %), u li jiġi żgurat li ma jkunx hemm diskriminazzjoni (3.7 %).

11. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (1), il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea (1), l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (5), l-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (2), l-Aġenzija Eżekuttiva tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (2), l-Awtorità Bankarja Ewropea (1), iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (1), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (1), l-Aġenzija Ewropea tad-Difiża (1), il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (1), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (3), l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (4), il-Bank Ewropew tal-Investiment (2), l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (1), l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (2), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (2), l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (3), il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (1), l-Eurojust (2), l-Europol (2), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (2), l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (1), l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (7), l-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (3) u l-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka (1).



Figura 1.8: Tipi ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina – (i) ksur ta', jew (ii) ksur ta' doveri relatati ma':



Nota: F'xi każijiet, kienu eżaminati żewġ tipi jew aktar ta' amministrazzjoni ħażina allegata fl-istess investigazzjoni. Għalhekk, il-perċentwali ta' hawn fuq jammontaw għal aktar minn 100%.

Ilmenti u investigazzjonijiet

1.4 Sejbiet tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman

Kif turi l-Figura 1.6 hawn fuq, l-Ombudsman għalaq 326 investigazzjoni fl-2010. Minn dawn, 323 kienu relatati ma' lmenti u tlieta kienu investigazzjonijiet fuq inizzjattiva personali.

Total ta' 78 % tal-ilmenti li wasslu għall-investigazzjonijiet magħluqa (254) kienu sottomessi minn ċittadini individwali, filwaqt li 22 % (72) kienu sottomessi minn kumpaniji u assoċjazzjonijiet.

Tabella 1.3: Sors tal-ilmenti li wasslu għall-investigazzjonijiet magħluqa fl-2010

Kumpaniji u assoċjazzjonijiet	22 % (72)
Ċittadini individwali	78 % (254)

Il-biċċa l-kbira tal-investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman fl-2010 tlestew u ngħalqu fi żmien sena (66 %). Aktar minn nofshom (52 %) tlestew u ngħalqu fi żmien tliet xhur.

Il-biċċa l-kbira tal-investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman fl-2010 tlestew u ngħalqu fi żmien sena (66 %). Aktar minn nofshom (52 %) tlestew u ngħalqu fi żmien tliet xhur. Dan jinkludi każijiet li l-Ombudsman kien kapaċi jsolvi malajr ħafna, pereżempju, permezz ta' telefonata lill-istituzzjoni kkonċernata sabiex jipproponi soluzzjoni¹² (ara "Proċeduri bil-miktub u ssimplifikati ta' investigazzjoni" hawn fuq). Aktar minn 80 % tal-investigazzjonijiet tlestew u ngħalqu fi żmien 18-il xahar. Bħala medja, bħal fl-2009, il-każijiet ħadu disa' xhur biex jingħalqu, imqabbla mal-medja ta' 13-il xahar fl-2008. Din ix-xejra tirrifletti l-għan stabbilit fir-Rapport Annwali 2008 sabiex tkompli tittejjeb il-prestazzjoni tal-istituzzjoni billi jittieħed saħansitra inqas żmien sabiex jingħalqu l-każijiet, filwaqt li jinżammu jew jittejjbu l-istandards tal-kwalità.

Tabella 1.4: Każijiet magħluqa fl-2010 wara investigazzjoni

Dewmien medju tal-investigazzjoni	9 xhur
Każijiet magħluqa fi żmien 3 xhur	52 %
Każijiet magħluqa fi żmien 12-il xahar	66 %
Każijiet magħluqa fi żmien 18-il xahar	82 %

Nota: Fuq il-bażi ta' 30 jum fix-xahar.


Kif wieħed jista' jara mill-Figura 1.9, inkiseb riżultat pożittiv f'179 każ li ngħalqu fl-2010, meta l-istituzzjoni kkonċernata jew aċċettat soluzzjoni amikevoli jew inkella solviet il-kwistjoni. Ma nstabat ebda amministrazzjoni ħażina f'55 każ. Madankollu, instabet amministrazzjoni ħażina f'40 każ: l-istituzzjoni aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni f'sebgħa minn dawn (imqabbla ma' tnejn fl-2009), filwaqt li 33 każ ingħalqu b'rimarki kritiċi (ara l-Figura 1.10), inkluż wieħed li rriżulta f'rapport speċjali lill-Parlament. F'14-il każ, l-Ombudsman għamel rimarki ulterjuri sabiex jgħin ħalli tittejjeb il-prestazzjoni fil-futur. Aktar dettalji dwar dawn is-sejbiet jingħataw hawn taht¹³.

¹². Jinkludi wkoll każijiet fejn l-Ombudsman kien imexxi investigazzjoni sħiħa li kieku l-kwerelant ma rtirax l-ilment, u każijiet fejn l-Ombudsman ma setax ikompli bl-investigazzjoni tiegħu minħabba d-deċiżjoni tal-kwerelant li jmur il-Qorti.

¹³. L-analiżi li ġejja hija bbażata fuq investigazzjonijiet li tlestew u ngħalqu matul l-2010. Jekk investigazzjoni indirizzata aktar minn allegazzjoni jew talba waħda, dawn setgħu taw lok għal bosta sejbiet mill-Ombudsman.



Figura 1.9: Riżultati tal-investigazzjonijiet magħluqa



Nota: F'xi każijiet, l-investigazzjonijiet ingħalqu għal żewġ raġunijiet jew aktar. Għalhekk, il-perċentwali ta' hawn fuq jammontaw għal aktar minn 100 %.

L-ebda amministrazzjoni ħażina

Fl-2010, ingħalqu 55 każ li fihom ma nstabt l-ebda amministrazzjoni ħażina. Dan ma jfissirx bilfors riżultat negattiv għall-kwerelant, li għall-inqas jibbenifika milli jirċievi spjegazzjoni sħiħa mill-istituzzjoni kkonċernata ta' dak li tkun għamlet, kif ukoll jirċievi l-analiżi indipendenti tal-Ombudsman dwar il-każ. Fl-istess waqt, sejba bħal din isservi bħala evidenza tanġibbli li l-istituzzjoni kkonċernata aġixxiet b'konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Il-Kunsill: id-dritt li jirrifjuta li jagħti aċċess għad-dokumenti

Il-kwerelant talab biex jingħata aċċess pubbliku għal nota mill-Presidenza tal-Kunsill dwar allegazzjonijiet li l-Aġenzija Ċentrali tal-Intelliġenza (CIA) tal-Istati Uniti użat pajjiżi Ewropej biex tittrasporta u żżomm prigionieri arrestati illegalment. Il-Kunsill sostna li l-iżvelar tal-informazzjoni jkun detrimental għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti u jfixxel l-isforzi diplomatiċi biex jinstabu soluzzjonijiet kostruttivi f'oqsma politiċi sensitivi. Ma kienx possibbli li jingħata aċċess parzjali għad-dokument għalhekk l-informazzjoni li kien hemm

fih kienet tiffirma xi ħaġa sħiħa u inseparabli. L-Ombudsman fetaħ investigazzjoni dwar l-allegat nuqqas ta' għoti ta' raġuni suffiċjenti għar-rifjut tal-għoti ta' aċċess parzjali. Il-Kunsill qal li ma kienx possibbli li jagħti raġunijiet aktar estensivi mingħajr ma jiżvela l-kontenut tad-dokument. Wara li spezzjona d-dokument, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kunsill kien intolat li jirrifjuta l-aċċess għalih għar-raġunijiet li kien ta.

523/2009/TS

Rimarki ulterjuri

Anki meta l-Ombudsman ma jsib ebda amministrazzjoni ħażina jew meta jikkonkludi li ma hemm ebda bażi biex ikompli l-investigazzjoni tiegħu, huwa jista' joħroġ rimarka ulterjuri jekk jidentifika opportunità li tittejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni. Għalhekk, rimarka ulterjuri mgħandhiex tinftiehem bħala li timplika kritika tal-istituzzjoni li lilha tiġi indirizzata, iżda aktar bħala li tipprovdi pariri fuq kif tista' tittejjeb prattika partikolari bil-għan li tittejjeb il-kwalità tas-servizz ipprovdut liċ-ċittadini. L-Ombudsman għadda rimarki ulterjuri f'14-il każ fl-2010, inkluż dan li ġej:

Ilmenti u investigazzjonijiet

Allegazzjoni ta' nuqqas ta' żgurar tal-anonimità u t-trattament indaqs

F'każ li jinvolvi l-EPPO, il-kwerelanta allegat li wieħed mit-testijiet bil-miktub tagħha, mibgħut lill-eżaminaturi, kixef kemm l-applikazzjoni kif ukoll in-numri sigrieti tagħha, minflok dawn tal-aħħar biss. Hija sostniet li dan wassal biex l-eżaminaturi u l-Bord tal-Għażla skoprew l-identità tagħha. L-EPPO spjega li l-verżjoni li rċeviet il-kwerelanta bi żball ma kinitx il-verżjoni li ntbagħtet lill-eżaminaturi. Huwa għamel apoloġija għal dan. L-Ombudsman sab li l-kwerelanta kienet naqset milli turi li hija kienet għet ittrattata b'mod differenti. Madankollu, f'rimarka ulterjuri, huwa ssuġġerixxa li l-EPPO jista' jkompli jżid iċ-ċarezza tal-proċeduri tal-għażla tiegħu billi jikkunsidra li juża biss kopji skennjati tal-karti tat-testijiet għall-valutazzjoni tal-eżaminaturi, kif ukoll meta jagħti lill-kandidati aċċess għall-karti tat-testijiet tagħhom.

2831/2009/RT

Każijiet solvuti mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet amikevoli

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb eżitu pożittiv li jissodisfa kemm lill-kwerelant kif ukoll lill-istituzzjoni li jsir l-iment kontriha.

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb eżitu pożittiv li jissodisfa kemm lill-kwerelant kif ukoll lill-istituzzjoni li jsir l-iment kontriha. Il-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE hija essenzjali għas-suċċess fil-ksib ta' eżiti simili, li tgħin sabiex jittejbu r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u tista' tevita l-bżonn ta' kawża li tiegħu ż-żmien u li tiswa l-flus.

Matul l-2010, kien hemm 179 każ li jew ġew solvuti mill-istituzzjoni, jew inkella ntlaħaq qbil fuq soluzzjoni amikevoli, wara lment lill-Ombudsman¹⁴.

Allegazzjoni ta' diskriminazzjoni lingwistika

Għadd ta' dokumenti fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni għal sejħa għall-proposti dwar il-protezzjoni ċivili kienu disponibbli biss bl-Ingliż. Fit-tweġiba tagħha għal ilment minn MPE Ġermaniż, il-Kummissjoni qalet li: l-Ingliż kien rikonoxxut bħala l-lingwa standard għal tali komunikazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili; l-applikanti jistgħu jitolbu traduzzjonijiet; l-applikanti jistgħu jissottomettu l-proposti tagħhom fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE; il-Kummissjoni qatt ma ndaħlet fl-għażla tal-lingwa; il-Kummissjoni tista' tipprovdi traduzzjonijiet fi żmien għaxart ijiem; u hija tista' tikkunsidra li testendi l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti. Madankollu, il-Kummissjoni wiegħdet ukoll li, fis-sejnhiet futuri f'dan il-qasam, hija ser tagħmilha aktar ċara mal-applikanti li huma jistgħu jitolbu verżjoni tad-dokumenti b'lingwa differenti. Il-kwerelant kien sodisfatt b'din it-tweġiba u l-Ombudsman għalaq il-każ.

1266/2009/KM

Jekk investigazzjoni twassal għal sejba preliminari ta' amministrazzjoni ħażina, kull meta possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb soluzzjoni amikevoli. Matul is-sena ngħalqu tmien każijiet wara li nkisbet soluzzjoni amikevoli. Fl-aħħar tal-2010, kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati 18-il proposta għal soluzzjoni amikevoli.

¹⁴. Kif spjegat hawn fuq, 91 minn dawn kienu każijiet li fihom l-intervent tal-Ombudsman irnexxielu jikseb tweġiba f'waqtha għal korrispondenza mhux imwiegħba.



Każ tal-persunal li jallega trattament inġust

Il-Kummissjoni aċċettat il-proposta tal-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli li tikkompensa lil kwerelant għal ristabbiliment tard f'post tax-xogħol. L-uffiċjal tpoġġa fuq il-lif ta' invalidità mill-1 ta' April 2004 u kien iddikjarat li seta' jkompli jaħdem fl-1 ta' April 2005. Madankollu, il-Kummissjoni ħadet sentejn biex toffrilu impjieg addattat u dan kien fid-Direttorat Ġenerali fejn huwa kien ħadem qabel u fejn iċ-ċirkostanzi kkawżaw il-marda tiegħu. Il-Kummissjoni offriet li tikkompensah biss mill-15 ta' Frar 2006. L-Ombudsman fakkar lill-Kummissjoni li r-Regolamenti tal-Persunal kienu jobbligawha terġa' tintegra lill-kwerelant mill-1 ta' April 2005 fl-ewwel impjieg li jikkorrespondi għall-profil tiegħu, bil-kundizzjoni li huwa jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti. Amministrazzjoni tajba kienet titlob ukoll li l-Kummissjoni tfittex b'mod attiv għal impjieg addattat għall-kwerelant.


1131/2009/MF

F'xi każijiet, l-ilment ikun jista' jissolva jew inkella tkun tista' tintlaħaq soluzzjoni amikevoli jekk l-istituzzjoni kkonċernata toffri kumpens lill-kwerelant. Kwalunkwe offerta bħal din issir *ex gratia*, jiġifieri, mingħajr ammissjoni ta' responsabbiltà legali u mingħajr ma jinħoloq preċedent legali.

Sejba ta' amministrazzjoni ħażina

L-Ombudsman ikkonkluda li kien hemm amministrazzjoni ħażina fi 12 % tal-każijiet li nġhalqu fl-2010. Fi 33 każ bħal dawn, il-każ nġhalaq b'rimarki kritiċi lill-istituzzjoni kkonċernata (35 każ fl-2009). Seba' każijiet nġhalaq meta l-istituzzjoni kkonċernata aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni magħmul mill-Ombudsman. Dawn is-sejbiet huma analizzati f'aktar dettall hawn taħt.

Figura 1.10: Investigazzjonijiet fejn instabet amministrazzjoni ħażina



Nota: F'każ wieħed fejn instabet amministrazzjoni ħażina, l-investigazzjoni nġhalqet b'Rapport Speċjali u b'rimarka kritika. Għalhekk, il-perċentwali ta' hawn fuq jammontaw għal aktar minn 100 %.

Ilmenti u investigazzjonijiet

Rimarki kritiċi

Jekk soluzzjoni amikevoli mhijiex possibbli jew jekk ma nstabilix soluzzjoni, l-Ombudsman jista' jew jagħlaq il-każ b'rimarka kritika lill-istituzzjoni kkonċernata jew inkella jfassal abbozz ta' rakkomandazzjoni. Normalment, l-Ombudsman jagħmel rimarka kritika jekk (i) ma jkunx aktar possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina l-każ ta' amministrazzjoni ħażina, (ii) l-amministrazzjoni ħażina tidher li ma jkollhiex implikazzjonijiet ġenerali, u (iii) ma jkunx hemm bżonn ta' azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman. L-Ombudsman jagħmel ukoll rimarka kritika jekk huwa jqis li abbozz ta' rakkomandazzjoni ma jkollu l-ebda skop utli jew f'każijiet fejn l-istituzzjoni kkonċernata tonqos milli taċċetta abbozz ta' rakkomandazzjoni iżda l-Ombudsman ma jqisx li jkun xieraq li jiġi ppreżentat rapport speċjali lill-Parlament.

Rimarka kritika tikkonferma lill-kwerelant li l-ilment tiegħu jew tagħha kien ġustifikat u tindika lill-istituzzjoni kkonċernata x'għamlet ħażin, biex b'hekk tgħinha tevita milli terġa' twettaq amministrazzjoni ħażina simili fil-futur.

Tilwima dwar l-importazzjoni taċ-ċanga mill-Brażil

Organizzazzjoni li tirrappreżenta l-bdiewa lmentat mal-Ombudsman li l-Kummissjoni naqset milli tipprojbixxi l-importazzjonijiet taċ-ċanga fl-UE mill-Brażil, minkejja l-evidenza miksuba f'Marzu 2007 li tali importazzjonijiet ħolqu riskji, minħabba, b'mod partikolari, il-marda tal-ilsien u d-dwiefer. L-organizzazzjoni kompliet tallega li l-Kummissjoni, wara li rċeviet ir-rapport ta' missjoni ta' Novembru 2007 lejn il-Brażil mill-Uffiċċju tal-Ikel u Veterinarju tagħha, naqset milli taġixxi b'mod raġonevoli u proporzjonat biex tittratta t-theddida għas-saħħa tal-annimali u s-saħħa pubblika kkawżata minn dawn l-importazzjonijiet. L-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina fir-

rigward tal-allegazzjoni li l-Kummissjoni suppost li kellha timponi projbizzjoni kompluta. Madankollu, huwa sab li l-Kummissjoni naqset milli tiġġustifika b'mod adegwat għaliex, bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-15 ta' Marzu 2008, hija ppermettiet importazzjonijiet ta' konsenji taċ-ċanga mill-Brażil, minkejja l-fatt li l-impriżi kollha li minnhom kienet ġejja ċ-ċanga ma kinux ġew ivverifikati u spezzjonati skont ir-rekwiżiti li l-Kummissjoni qieset li kienu meħtieġa sabiex jiġu eliminati r-riskji għas-saħħa tal-annimali. Huwa għamel rimarka kritika. Huwa għamel ukoll rimarka ulterjuri li l-Kummissjoni għandha tkompli twettaq missjonijiet regolari lejn pajjiżi terzi għall-iskop tat-twetiq ta' kontrolli sistematiċi.

2115/2007/FOR

Madankollu, rimarka kritika ma twassal għal ebda riparazzjoni għall-kwerelant. Fejn għandha tiġi pprovduta riparazzjoni, ikun aħjar jekk, ladarba tirċievi l-ilment, l-istituzzjoni kkonċernata tiegħu l-inizjattiva biex tirrikonoxxi l-amministrazzjoni ħażina u toffri riparazzjoni xierqa. F'xi każijiet, din tista' tkun tikkonsisti minn sempliċi apoloġija. Billi tiegħu azzjoni bħal din, l-istituzzjoni tkun qiegħda turi l-impenn tagħha li ttejjeb ir-relazzjonijiet maċ-ċittadini. Hija tkun qiegħda turi wkoll li hija konxja minn dak li għamlet ħażin u għalhekk tista' tevita li twettaq amministrazzjoni ħażina simili fil-futur.

Segwitu għal rimarki kritiċi u rimarki ulterjuri

Bil-ħsieb li jiżgura li l-istituzzjonijiet jitgħallmu mill-iżbalji tagħhom u li l-amministrazzjoni ħażina tkun evitata fil-futur, kull sena l-Ombudsman jgħarraf lill-pubbliku rigward is-sejbiet tiegħu dwar is-segwitu tal-istituzzjonijiet għal rimarki kritiċi u ulterjuri. Huwa jagħmel dan permezz ta' studju li jippubblika fuq is-sit elettroniku tiegħu.



Segwitu għal rimarki kritiċi u ulterjuri li saru fl-2009¹⁵

L-Ombudsman stieden lill-istituzzjonijiet ikkonċernati biex iwiegħbu, fi żmien sitt xhur, għar-rimarki kritiċi u ulterjuri li huwa għamel fl-2009. Huwa rċieva reazzjonijiet għar-rimarki kollha li saru, għajr f'erba' każijiet fejn it-tweġibiet mill-Kummissjoni waslu tard wisq biex jiġu kkunsidrati.

Meta jittieħdu r-rimarki kritiċi u ulterjuri li saru fl-2009 flimkien, ir-rata tas-segwitu sodisfaċenti kienet ta' 81 %. Is-segwitu għar-rimarki ulterjuri kien

L-istudju tal-Ombudsman dwar is-segwitu mogħti għar-rimarki kritiċi u ulterjuri tah opportunità biex jissorvelja l-progress li sar mill-istituzzjonijiet f'termini tar-rispett tad-drittijiet fundamentali. Fost il-kwistjonijiet eżaminati fl-istudju hemm id-drittijiet tad-difiża u l-preżunzjoni tal-innoċenza, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, u d-drittijiet fundamentali għal amministrazzjoni tajba u tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

Meta jittieħdu r-rimarki kritiċi u ulterjuri li saru fl-2009 flimkien, ir-rata tas-segwitu sodisfaċenti kienet ta' 81 %.

sodisfaċenti f'94 % tal-każijiet, filwaqt li r-rata tas-segwitu sodisfaċenti tar-rimarki kritiċi kienet aktar baxxa b'mod sinjifikanti b'70 %. Dan juri li għad hemm xogħol importanti xi jsir, mill-Ombudsman u mill-istituzzjonijiet infushom, sabiex jipperswadu lill-uffiċjali li approċċ difensiv għall-Ombudsman jirrappreżenta opportunità mitlufa għall-istituzzjoni tagħhom u joħloq riskji li titħassar l-immaġini tal-Unjoni.

Ħamsa mill-azzjonijiet ta' segwitu jisthokqilhom aċċenn speċjali bħala każijiet, li għandhom iservu bħala mudell għal istituzzjonijiet oħrajn dwar kif l-aħjar li jirreaġixxu għar-rimarki kritiċi u ulterjuri. Dawn jikkonċernaw il-Parlament (2350/2007/RT), il-Kummissjoni (791/2005/FOR, 834/2007/TN, u 1342/2007/FOR), l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjovizi u l-Kultura (2576/2008/GG), il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (491/2008/PB), u l-Bank Ewropew tal-Investment (244/2006/JMA). L-istituzzjonijiet ikkonċernati ttrattaw is-segwitu għal dawn il-każijiet b'mod eżemplari.

Abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet

F'każijiet fejn huwa possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina każ ta' amministrazzjoni ħażina, jew f'dawk il-każijiet fejn l-amministrazzjoni ħażina kienet partikolarment serja, jew kellha implikazzjonijiet ġenerali, l-Ombudsman normalment jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-istituzzjoni kkonċernata. Skont l-Artikolu 3(6) tal-Istatut tal-Ombudsman, l-istituzzjoni għandha tibgħat opinjoni dettaljata fi żmien tliet xhur. Matul l-2010, inħarġu 16-il abbozz ta' rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, 11-il abbozz ta' rakkomandazzjoni mill-2009 wasslu għal deċiżjonijiet fl-2010, filwaqt li ngħalqu tliet każijiet oħrajn wara abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet li saru fl-2008. Seba' każijiet ingħalqu matul is-sena meta l-istituzzjoni aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni, filwaqt li f'każ ieħor ma kienx ġustifikat li jsiru aktar investigazzjonijiet. Għaxar każijiet ingħalqu b'rimarki kritiċi. Fl-aħħar tal-2010, kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati 15-il abbozz ta' rakkomandazzjoni, inkluż tlieta li saru fl-2009 u 12 li saru fl-2010.

¹⁵ L-istudju ta' segwitu tal-Ombudsman huwa disponibbli fuq: <http://www.ombudsman.europa.eu/en/cases/followup.faces/en/5482/html.bookmark>

Ilmenti u investigazzjonijiet

Investigazzjoni ta' allegazzjoni ta' irregolaritajiet

Ġurnalist ġibed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal ċerti irregolaritajiet allegati dwar il-finanzjament ta' bini tal-Parlament fi Brussell. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għalaq il-każ mingħajr ma rakkomanda xi azzjoni ta' segwitu. Il-ġurnalista irrikorra għand l-Ombudsman, fejn allega li l-OLAF naqas milli jeżamina serjament u b'mod oġġettiv l-applikabilità ta' direttiva dwar l-akkwist pubbliku. L-OLAF sostna li huwa fil-fatt kien eżamina l-applikabilità tad-direttiva. Madankollu, billi ma ġiet stabbilita ebda irregolarità ċara li setgħet tagħti lok għal proċeduri dixxiplinari jew kriminali, il-kwistjoni dwar jekk id-direttiva kinitx applikabbli ma kinitx soġġetta għal aktar investigazzjoni fil-fond. L-Ombudsman qal li tali għarfien limitat tal-mandat tal-OLAF jista' effettivament jillimita l-abbiltà tiegħu li jissodisfa għal kollox il-kompitu tiegħu li jiġġielel il-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE. F'abbozz ta' rakkomandazzjoni, huwa talab lill-OLAF biex jerġa' jikkunsidra r-riżultati tal-investigazzjoni tiegħu. Waqt li l-OLAF insista li huwa kien wettaq l-investigazzjoni tiegħu kif suppost u b'attenzjoni xierqa, huwa kkonferma li kien ħatar investigatur biex jagħmel evalwazzjoni ġdida tal-każ.

1450/2007/BEH

Rapporti speċjali

Jekk istituzzjoni tal-Unjoni tonqos milli twieġeb b'mod sodisfaċenti għal abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Ir-rapport speċjali jista' jinkludi xi rakkomandazzjonijiet.

Kif intwera fir-*Rapport Annwali 1998* tal-Ombudsman Ewropew, il-possibiltà li jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament hija ta' valur kbir għall-ħidma tal-Ombudsman. Rapport speċjali lill-Parlament Ewropew huwa l-aħħar pass sostantiv li jista' jieħu l-Ombudsman meta jkun qiegħed jinvestiga każ, minħabba li

l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat tal-Parlament huma kwistjonijiet għall-ġudizzju politiku tal-istituzzjoni kkonċernata. L-Ombudsman naturalment jipprovdi kwalunkwe informazzjoni u assistenza li tkun meħtieġa mill-Parlament fl-indirizzar ta' rapport speċjali.

Ir-Regoli tal-Parlament Ewropew jagħmlu lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet responsabbli għar-relazzjonijiet tal-Parlament mal-Ombudsman. Waqt laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li saret fit-12 ta' Ottubru 2005, l-Ombudsman, b'konformità mal-Artikolu 205(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, qabel li jidher quddiem il-Kumitat fuq talba tiegħu stess, kull meta jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament.

Fl-2010 ġie ppreżentat rapport speċjali wieħed lill-Parlament:

Nuqqas ta' kooperazzjoni b'mod sinċier u b'rieda tajba mal-Ombudsman

L-Ombudsman issottometta rapport speċjali lill-Parlament matul investigazzjoni ta' lment dwar l-aċċess għal dokumenti relatati mal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi. Il-Kummissjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal tliet ittri li Porsche AG bagħtet lill-ex Viċi President tal-Kummissjoni Verheugen, billi sostniet li l-iżvelar tagħhom idgħajjef il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' Porsche AG. L-Ombudsman spezzjona d-dokumenti u għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni biex tagħti aċċess għat-tliet ittri fl-intier tagħhom, jew tikkunsidra l-iżvelar parzjali. Il-Kummissjoni naqset milli twieġeb għal abbozz ta' rakkomandazzjoni għal kważi 15-il xahar, għalkemm id-data tal-għeluq stabbilita mit-Trattat hija ta' tliet xhur. Il-Kummissjoni naqset ukoll milli timplimenta garanzija biex tinnotifika lil Porsche AG dwar l-intenzjoni tagħha li tiżvela. Dawn in-nuqqasijiet ikkostitwixxew ksar tad-dmir tal-Kummissjoni li żżomm kooperazzjoni sinċiera mal-Ombudsman.

676/2008/RT



1.5 Każijiet saljenti li jagħtu eżempju tal-aħjar prattika

Għaxar każijiet saljenti li ngħalqu fl-2010 jagħtu eżempju tal-aħjar prattika. Huma jservu bħala mudell għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE fir-rigward ta' kif jirreaġixxu bl-aħjar mod għal kwistjonijiet

| Għaxar każijiet saljenti li ngħalqu fl-2010 jagħtu eżempju tal-aħjar prattika.

li jqajjem l-Ombudsman, u huma mmarkati b'lewn blu f'dan ir-Rapport.

Fil-qasam tat-trasparenza, l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (EMA) tat aċċess pubbliku għal rapporti ta' studji kliniċi u l-protokoll ta' prova korrispondenti għal żewġ mediċini kontra l-obeżità u għaddiet biex tadotta u tippubblika aċċess ġdid għal politika dwar id-dokumenti maħsuba biex tagħti lill-pubbliku aċċess ferm aktar wiesa' għad-dokumenti fil-pussess tagħha ([2560/2007/BEH](#))¹⁶. Fil-każ [793/2007/BEH](#), il-Parlament qabel li jagħti aċċess għal dokumenti relatati mal-finanzjament tal-akkwist tiegħu ta' ċertu bini fi Brussell. B'reazzjoni għall-allegazzjonijiet ulterjuri mill-kwerelant, il-Parlament ikkjarifika d-dikjarazzjonijiet li kien għamel u ta informazzjoni addizzjonali dwar il-proċedura li kien segwa sabiex jassigura l-finanzjament estern. Fil-każ [2145/2009/RT](#), il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) ikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali tat-Taġikistan bil-għan li jipprovdu aċċess għal Ftehim ta' Qafas li kien intalab minn NGO. Il-ftehim kien ippubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Ambaxxata tat-Taġikistan għall-Belġju u, l-għada, il-BEI pprovda lill-kwerelant bil-*web link*.

Fil-qasam tas-sejħiet għall-offerti u l-kuntratti, il-Kummissjoni ħallset lill-kwerelant is-somma ta' EUR 6 025, flimkien ma' EUR 1 586 f'imgħax, wara li l-Ombudsman talabha biex terġa' tikkunsidra l-affermazzjoni tal-assoċjazzjoni li l-Kummissjoni kienet naqqset il-ħlas finali b'mod żbaljat ([3249/2008/KM](#)). B'reazzjoni għall-investigazzjoni tal-Ombudsman fil-każ

[255/2009/JF](#), l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) reġgħet eżaminat il-fajls tagħha u kkanċellat it-talba ta' rimborż tagħha għal EUR 2 364. Barra minn hekk, l-EACEA ħallset lill-kwerelant is-somma addizzjonali ta' EUR 2 722 wara li l-Ombudsman irrimarka li l-NGO kienet għamlet żball ovvju meta mliet il-formola tal-applikazzjoni għall-għotja, li wassal biex hija ma tħallsitx l-ammont korrett għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti. L-Ombudsman inkluda dan il-każ fost il-każijiet saljenti fl-2010 biex juri kif l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-prinċipju tal-ġustizzja fil-ħidma tagħhom.

Żewġ każijiet jikkonċernaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Fil-każ [1226/2008/OV](#), il-Kummissjoni qablet li ttiprovdi spazju ta' parkeġġ riservat għal uffiċjal tal-Kummissjoni li sab ruħu b'xi diżabilitajiet wara inċident serju li kellu. Fil-każ [129/2009/VL](#), li jikkonċerna l-appoġġ għall-persuni dipendenti b'diżabilità tal-uffiċjali tal-Kunsill, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kunsill kien implimenta b'mod sħiħ id-drittijiet statutorji rilevanti, ipprovda miżuri interni xierqa li jippermettu li dawn id-drittijiet jiġu eżerċitati, u adotta miżuri addizzjonali li marru 'lil hinn mid-drittijiet garantiti mir-Regolamenti tal-Persunal.

¹⁶. Il-każ [2493/2008/TS](#) huwa rilevanti wkoll f'dan ir-rigward. L-investigazzjonijiet dwar dak il-każ għadhom għaddejjin.

Ilmenti u investigazzjonijiet

F'każ (906/2009/JF) li juri kif il-konformità ma' amministrazzjoni tajba teħtieġ aktar minn sempliċiment rispett għal-legalità, l-Ombudsman stieden lill-Kummissjoni biex terfa' r-responsabbiltà għall-iżbalji amministrattivi ripetuti tagħha dwar il-ħlas lil aġent awżiljarju. Il-Kummissjoni qablet li tikkanċella t-talba tagħha għal rimborż, anki jekk hija kienet intitolata biex tirkupra l-ammont. Fil-każ 2924/2007/TS, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) qabel li jħallas lill-kwerelanta s-somma ta' EUR 3 965 bħala ħlas finanzjarju għall-ispejjeż materjali li hija sofriet bħala riżultat tal-azzjonijiet tiegħu. Il-Kumitat żbalja meta għarraf lill-kwerelanta li hija kienet intgħażlet qabel ma l-Awtorità tal-Ħatra ħadet deċiżjoni formali dwar ir-reklutaġġ tagħha. Ġimgħatejn qabel ma kienet waslet biex tibda x-xogħol, hija ġiet informata li ma setgħetx tiġi rreklutata. Sadanittant, il-kwerelanta kienet diġà rriżenjat mill-impjeg tagħha fil-Finlandja u kriet appartament fi Brussell.

B'reazzjoni għal proposta għal soluzzjoni amikevoli fil-każ 1182/2009/JF, l-Aġenzija

1.6 Analiżi tematika tal-investigazzjonijiet magħluqa

Normalment, id-deċiżjonijiet li jagħlqu l-każijiet jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>) bl-Ingliż u, jekk differenti, bil-lingwa tal-kwerelant. Is-sommarji tal-każijiet magħżula jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku fit-23 lingwa uffiċjali kollha tal-UE. Is-sommarji jirriflettu l-firxa ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni koperti mit-326 deċiżjoni li għalqu l-każijiet fl-2010, kif ukoll ir-raġunijiet differenti għall-għeluq tal-każijiet.

Din it-taqsimma ma tipprovax tkopri n-numru kbir ta' każijiet bħal fis-snin preċedenti, iżda minflok tfittex li tippreżenta l-aktar sejbiet sinjifikanti tal-liġi u tal-fatti li jinsabu fid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman li għalqu l-investigazzjonijiet fl-2010. Hija tinkludi każijiet li kellhom impatt sinjifikanti f'termini tal-promozzjoni tat-trasparenza

Din it-taqsimma ma tipprovax tkopri n-numru kbir ta' każijiet bħal fis-snin preċedenti, iżda minflok tfittex li tippreżenta l-aktar sejbiet sinjifikanti tal-liġi u tal-fatti li jinsabu fid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman li għalqu l-investigazzjonijiet fl-2010.

Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) għamlet apoloġija lill-kwerelant u rrevediet it-twissijiet formali tagħha. L-investigazzjoni tal-Ombudsman uriet li, meta talbet ħlas, l-EASA ħarġet twissija formali li pprovdiet il-possibbiltà li, fost l-oħrajn, jiġu kkanċellati ċ-ċertifikati eżistenti tal-kwerelant. L-Ombudsman sab li din it-twissija kienet sproporzjonata, abbużiva u saħansitra potenzjalment illegali. L-EASA kompliet tgħarraf lill-Ombudsman li hija kienet ipprevediet li tipproponi xi bidliet fil-leġiżlazzjoni applikabbli.

u l-amministrazzjoni tajba fl-istituzzjonijiet tal-UE, każijiet li rriżultaw f'eżitu partikolarment pożittiv għall-kwerelant, u każijiet li ppermettew lill-Ombudsman jikkjarifika punti importanti tal-liġi jew jittratta kwistjoni li ma kinitx ippreżentata lilu qabel. Fid-dawl tal-isforzi tal-Ombudsman biex jippromwovi l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, huma enfasizzati wkoll dawk il-każijiet li jikkonċernaw drittijiet stipulati fil-Karta.



L-analiżi hija organizzata f'termini ta' klassifikazzjoni tematika tas-suġġett ewlieni tal-investigazzjonijiet, mibnija madwar is-seba' kategoriji prinċipali li ġejjin:

- It-trasparenza, l-aċċess pubbliku u d-dejta personali;
- Il-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati;
- Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet;
- Eżekuzzjoni ta' kuntratti;
- Amministrazzjoni u Regolamenti tal-Persunal;
- Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla; u
- Kwistjonijiet istituzzjonali, ta' politika u oħrajn.

Għandu jkun innotat li hemm konverġenzi sostanzjali fost dawn il-kategoriji msemmija. Pereżempju, kwistjonijiet ta' trasparenza jitqajmu spiss f'ilmenti li jikkonċernaw ir-reklutaġġ jew ir-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati.


Għandu jiġi innotat ukoll li l-kategoriji mhumiex elenkati fl-istess ordni li jidhru fiha fil-Figura 1.11¹⁷.

It-trasparenza, l-aċċess pubbliku u d-dejta personali

L-aċċess pubbliku għad-dokumenti

L-Artikolu 10(3) tat-TUE jirreferi għad-deċiżjonijiet fl-Unjoni li jittieħdu "bl-aktar mod miftuħ u mill-aktar qrib possibbli taċ-ċittadini", filwaqt li l-Artikolu 15(1) tat-TFUE jitlob lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni biex iwettqu x-xogħol tagħhom bl-aktar mod miftuħ possibbli, sabiex jipromwovu l-prinċipju ta' tmexxija tajba u jiżguraw il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili. L-Artikolu 15(3) tat-TFUE jipprovdi għal dritt tal-aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni. L-istess dritt huwa stipulat ukoll fl-Artikolu 42 tal-Karta. Ir-Regolament 1049/2001 jirregola dan id-dritt fundamentali ta' aċċess għad-dokumenti¹⁸.

Figura 1.11: Suġġett tal-investigazzjonijiet magħluqa



17. Il-Figura 1.11 tipprovdi informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet kollha li nġhalqu fl-2010 fuq il-bażi tas-suġġett. Il-graff hija maħsuba biex tagħti lill-qarrej indikazzjoni tal-importanza tas-suġġett diskuss f'dak li jirrigwarda l-ammont totali ta' każijiet tal-Ombudsman.

18. Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43. Fit-30 ta' April 2008, il-Kummissjoni ressqet proposta (COM(2008)229 finali) biex temenda u tissostitwixxi r-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Id-diskussjonijiet dwar din ir-reviżjoni leġislattiva komplew fl-2010.

Ilmenti u investigazzjonijiet

Ir-Regolament 1049/2001 jagħti lill-applikanti għażla ta' rimedju: dawn jistgħu jikkontestaw rifjut totali jew parzjali ta' aċċess jew permezz ta' proċeduri fil-qorti skont l-Artikolu 263 tat-TFUE, jew inkella billi jippreżentaw ilment lill-Ombudsman. Matul l-2010, l-Ombudsman għalaq investigazzjonijiet dwar 22 ilment li kienu jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001, li 14 minnhom kienu jikkonċernaw il-Kummissjoni. Dawn l-investigazzjonijiet kienu jkopru kemm kwistjonijiet proċedurali kif ukoll l-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet għall-aċċess pubbliku stabbiliti fir-Regolament.

Dewmien u problemi proċedurali

Bosta lmenti kienu jinvolvu allegazzjonijiet ta' dewmien. Pereżempju, fil-każ **1438/2008/DK**, l-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni talli ħadet ħames xhur biex tasal għal deċiżjoni fuq talba għal aċċess pubbliku u talli naqset milli tipprovdi xi spjegazzjoni valida jew adegwata. Fil-każ **1302/2009/TS**, il-kwerelant allega li, minkejja l-fatt li l-Kummissjoni finalment tat aċċess parzjali għad-dokumenti kkonċernati, hija damet mingħajr bżonn biex twieġeb għall-applikazzjonijiet inizjali tal-kwerelant¹⁹. Minħabba li l-kwerelant għażel li ma jagħmel ebda applikazzjoni ta' konferma, minkejja l-fatt li huwa kien intitolat biex jagħmel dan, l-Ombudsman ma kienx tal-fehma li kien ġustifikat li jsiru aktar investigazzjonijiet. Madankollu, huwa innota li l-Kummissjoni ma tat ebda indikazzjoni lill-kwerelant ta' kemm

kienet ser tiegħu żmien biex tittratta l-applikazzjoni inizjali. L-Ombudsman ikkunsidra li jkun xieraq għall-Kummissjoni li tipprovdi tali indikazzjoni fil-każijiet futuri, sabiex tippermetti lil kwalunkwe applikant jieħu deċiżjoni informata rigward il-merti tat-tweqqig immedjat ta' applikazzjoni ta' konferma.

Fil-każ **355/2007/FOR** (ara wkoll hawn taħt), l-Ombudsman ħa nota tal-argument tal-kwerelant li reġistrazzjoni tard u tweġibiet tard għal talbiet mill-Kummissjoni huma inċidenti relattivament komuni. Huwa rrimarka li huwa diġà indirizza din il-kwistjoni fil-passat²⁰ u ħabbar li huwa ser ikompli jissorvelja, fuq il-bażi tal-ilmenti li jiġu sottomessi lilu, l-impenn tal-Kummissjoni li tirrispetta l-iskadenzi stipulati fir-Regolament 1049/2001. Jekk jiġi pprovdut b'indikazzjonijiet ta' problema sistemika fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni, l-Ombudsman jikkunsidra li jiftaħ investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess dwar il-kwistjoni.

L-Ombudsman għamel żewġ rimarki kritiċi fir-rigward tal-aspetti proċedurali tal-każ **3163/2007/KM**. Huwa sab li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi raġuni valida għall-estensjoni tal-limitu taż-żmien biex tittratta l-applikazzjoni ta' konferma tal-kwerelant u li hija suppost kellha tibgħat it-talba inizjali tal-kwerelant għall-aċċess lis-Segretarjat Ġenerali tagħha, jew għall-inqas kellha tgħarraf lill-kwerelant dwar fejn għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu.

¹⁹ Ir-Regolament 1049/2001 jistabbilixxi proċedura b'żewġ passi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet. Jekk l-istituzzjoni ma twieġibx għal applikazzjoni inizjali fi żmien 15-il jum ta' xogħol, l-applikant huwa intitolat jagħmel applikazzjoni ta' konferma. Jekk l-applikazzjoni ta' konferma tiġi rrifjutata, jew jekk ma tasal l-ebda tweġiba fi żmien 15-il jum ta' xogħol, l-applikant għandu d-dritt li jressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, jew li jissottometti ilment lill-Ombudsman.

²⁰ Fid-deċiżjoni tiegħu fil-każ **3697/2006/PB**, l-Ombudsman għamel din ir-rimarka ulterjuri: "L-Ombudsman ifakkar li, skont l-Artikoli 7(1) u 8(1) tar-Regolament 1049/2001, l-applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti u l-applikazzjonijiet ta' konferma għandhom jiġu indirizzati fil-pront, filwaqt li tweġiba għal applikazzjoni għall-aċċess jew applikazzjoni ta' konferma għandha tingħata fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol mid-data tar-reġistrazzjoni ta' tali applikazzjoni. L-Ombudsman huwa tal-fehma li l-obbligu li l-applikazzjonijiet jiġu indirizzati fil-pront jimplika li l-Kummissjoni għandha torganizza s-servizzi amministrattivi tagħha sabiex tiżgura li r-reġistrazzjoni normalment issir, l-aktar tard, fl-ewwel ġurnata tax-xogħol wara l-wasla ta' applikazzjoni."



Tilwimiet rigward l-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet

Ħafna mill-investigazzjonijiet l-oħrajn tal-Ombudsman f'dan il-qasam kienu jitrattaw l-eċċezzjonijiet għall-aċċess pubbliku previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament 1049/2001.

Tliet każijiet kienu jikkonċernaw talbiet għall-aċċess għal dokumenti relatati mal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE. Il-każ **1039/2008/FOR** kien jikkonċerna r-rifjut tal-Kummissjoni milli ttiprovdi aċċess f'investigazzjoni dwar l-anti-dumping. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja²¹, l-Ombudsman kien tal-fehma li, meta jiġi interpretat kif l-eċċezzjonijiet stipulati mill-Artikolu 4 tar-Regolament 1049/2001 japplikaw għad-dokumenti li jintużaw fil-proċeduri investigattivi, għandhom jiġu kkunsidrati r-regoli speċifiċi li jirregolaw tali proċeduri. Huwa innota li r-Regolament Bażiku dwar l-Anti-Dumping jeskludi espliċitament lill-parti li tkun qiegħda tiġi investigata milli jkollha d-dritt li tikkonsulta dokumenti kunfidenzjali li jiġu sottomessi minn partijiet terzi, kif ukoll dokumenti interni tal-istituzzjonijiet jew tal-Istati Membri. Huwa jgħid li mhijiex l-intenzjoni tar-Regolament 1049/2001 li jimmodifika n-natura tal-proċedura investigattiva tal-Kummissjoni skont ir-Regolament Bażiku dwar l-Anti-Dumping billi jippermetti l-aċċess pubbliku għal dokumenti li l-parti investigata ma għandha ebda dritt li tikseb. L-Ombudsman irrimarka wkoll li l-investigazzjoni inkwistjoni kienet għadha ma ġietx konkluża b'mod definittiv meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar l-aċċess pubbliku. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni kienet intitolata li tiddependi fuq l-eċċezzjoni li tappartjeni għall-protezzjoni tal-iskop tal-investigazzjonijiet (Artikolu 4(2), it-tielet inċiż tar-Regolament) sabiex tirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti interni. Huwa sab ukoll li l-Kummissjoni

kienet għamlet valutazzjoni konkreta u individwali tad-dokumenti tal-parti terza biex tikkonferma l-klassifikazzjoni tagħhom bħala kunfidenzjali u li ż-żmien li kien għadda ma kienx għamel dawn id-dokumenti kummerċjalment inqas sensittivi. Il-Każ **2953/2008/FOR** kien jikkonċerna l-eċċezzjoni għall-protezzjoni tal-iskop tal-investigazzjonijiet. Il-Kummissjoni rrifjutat li tagħti aċċess pubbliku għal valutazzjoni preliminari, maħsuba biex tikseb l-impenji minn kumpanija Ġermaniża li tforni l-enerġija bl-isem ta' E.ON, li għandha twaqqaf il-ksur suspettat tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE. L-Ombudsman innota li l-proċedura tal-impenji tiddependi fuq ir-rieda tal-Kummissjoni u tal-parti taħt investigazzjoni sabiex juru l-flessibbiltà, attitudni kooperattiva u l-fiduċja f'xulxin. Huwa qabel li l-iżvelar tal-valutazzjoni preliminari qabel intlaħaq ftehim vinkolanti finali seta' jħalli impatt negattiv fuq ir-rieda tal-E.ON li tikkooopera. Min-naħa l-oħra, dan seta' jipperikola t-twettiq u t-tlestija tal-investigazzjoni. L-Ombudsman kien tal-fehma wkoll li ma kien hemm ebda interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar. Fil-każ **3699/2006/ELB**, il-kwerelanti riedu jużaw id-dokumenti msemmija f'deċiżjoni tal-UE dwar il-liġi tal-kompetizzjoni f'azzjoni għad-danni mressqa quddiem qorti nazzjonali kontra kumpanija li l-Kummissjoni sabet li kienet qiegħda tikser il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE. Hawnhekk ukoll, il-Kummissjoni qagħdet fuq l-eċċezzjoni li tipproteġi l-iskop tal-investigazzjoni, kif ukoll fuq l-eċċezzjoni li tikkonċerna l-interessi kummerċjali (Artikolu 4(2), l-ewwel inċiż). Wara li spezzjona d-dokumenti, l-Ombudsman ikkonkluda li dawn kien fihom informazzjoni kummerċjalment sensittiva. Huwa talab lill-Kummissjoni biex tibbilanċja l-interess pubbliku fl-iżvelar kontra l-protezzjoni tal-iskop ta' investigazzjoni u l-interessi kummerċjali.

²¹. Il-Kawża C-139/07 P, *Il-Kummissjoni vs Technische Glaswerke Ilmenau*, sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, li għadha ma ġietx irrapportata.

Ilmenti u investigazzjonijiet

B'mod aktar speċifiku, huwa talabha biex tikkunsidra jekk ikunx fl-interess pubbliku li d-dokumenti jiġu żvelati jekk, b'riżultat ta' hekk, l-effett deterrenti tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE jidied minħabba li jkun aktar faċli li jitressqu azzjonijiet għad-danni quddiem il-qrati nazzjonali. Waqt li l-Kummissjoni ma qablitz, fil-prinċipju, li l-iżvelar tad-dokumenti f'dan il-każ jista' jkun fl-interess pubbliku, hija wettqet l-eżerċizzju ta' bilanċ mitlub. L-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri dwar kif il-Kummissjoni tista' tippromwovi l-interess pubbliku fl-infurzar privat.

Żewġ każijiet oħrajn li jikkonċernaw, *inter alia*, dokumenti li joriġinaw minn Stati Membri, wasslu lill-Ombudsman biex ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-obbligi tagħha skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *L-Isvezja vs il-Kummissjoni*²². Fil-każ **355/2007/FOR**, federazzjoni ta' organizzazzjonijiet ambjentali talbet lill-Kummissjoni biex tagħtiha aċċess għal numru ta' dokumenti relatati mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkunsidra li proġett ta' port industrijali fi Granadilla, Tenerife (Spanja), kien konformi mar-regoli ambjentali tal-UE. Il-Kummissjoni wiegħbet li l-ħruġ ta' ċerti dokumenti interni kien idgħajfef il-proċess tagħha tat-teħid tad-deċiżjonijiet (Artikolu 4(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafi). Hija qalet ukoll li kienet intalbet minn Spanja biex ma toħroġx dokumenti fil-pussess tagħha li oriġinaw minn dak il-pajjiż (Artikolu 4(5)). L-Ombudsman sab li wieħed biss mid-dokumenti interni ma għandux jiġi żvelat. Huwa kkonkluda wkoll li, fir-rigward tad-dokumenti li joriġinaw minn Spanja, il-Kummissjoni għandha tidħol fi djalogu mal-awtoritajiet Spanjoli sabiex tassigura li tabilħaqq kien hemm argumenti validi kontra l-iżvelar. B'reazzjoni għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni ħarġet id-dokumenti interni. Meta ġie biex jagħlaq il-każ,

l-Ombudsman ikkritika n-nuqqas tal-Kummissjoni milli tivverifika, permezz ta' djalogu ġenwin mal-awtoritajiet Spanjoli, jekk kienx hemm raġunijiet adegwati biex tirrifjuta li tagħti aċċess pubbliku għad-dokumenti li joriġinaw minn Spanja. Il-Każ **2219/2008/MHZ** kien jikkonċerna r-rifjut tal-Kummissjoni milli tippovdi aċċess għal dokument relatat ma' proċeduri ta' ksur kontra l-Ġermanja. L-awtoritajiet Ġermaniżi invokaw diversi eċċezzjonijiet għall-aċċess stabbiliti fir-Regolament 1049/2001 u l-kwerelant allega li l-Kummissjoni ma għamlitz il-valutazzjoni tagħha sabiex tara jekk l-eċċezzjonijiet kinux japplikaw. L-Ombudsman sab li tnejn biss mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-interpretazzjoni tal-Kummissjoni dehru li kienu ġustifikati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma għamlet ebda valutazzjoni biex tiddetermina jekk kienx hemm xi interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar. Huwa stieden lill-Kummissjoni biex terġa' tikkunsidra r-rifjut tagħha fid-dawl tal-kawża *L-Isvezja vs il-Kummissjoni*. B'reazzjoni għal dan, il-Kummissjoni għamlet il-valutazzjoni tagħha tal-applikabilità tal-eċċezzjoni li tikkonċerna l-protezzjoni tal-iskop tal-investigazzjonijiet, u ddistakkat ruħha mid-dipendenza tal-awtoritajiet Ġermaniżi fuq l-eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali (Artikolu 4(1)(a) it-tielet inċiż). L-Ombudsman laqa' din ir-reażjoni u qabel li, hekk kif l-eċċezzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi kummerċjali u għall-protezzjoni tal-politika ekonomika (Artikolu 4(1)(a) ir-raba' inċiż) kienu japplikaw, l-iżvelar tal-ittra ma kienx possibbli.

Il-każ **1195/2010/OV** kien jikkonċerna r-rifjut tal-Kummissjoni milli tagħti aċċess għall-manwal intern tagħha għall-ġestjoni tar-reviżjonijiet dwar l-iżvilupp tal-karrieri tal-persunal. Hija sostniet li dan kien fih opinjonijiet għal użu intern u li

22. Il-Kawża C-64/05 P, *L-Isvezja (IFAW) vs il-Kummissjoni* [2007] Ġabra I-11389.



L-ħruġ tiegħu jdgħajjef serjament il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjoni (Artikolu 4(3)), kif ukoll il-protezzjoni tal-pariri legali (Artikolu 4(2), it-tieni inċiż). B'reazzjoni għall-investigazzjoni tal-Ombudsman, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti lill-kwerelant aċċess sħiħ għad-dokument u għamlet apoloġija għall-fatt li ma weġbitx sad-dati tal-għeluq preskritti mir-Regolament 1049/2001.

Il-Kummissjoni ma kinitx l-unika istituzzjoni kkonċernata mill-aċċess għad-dokumenti investigati fl-2010. Il-każ [793/2007/BEH](#) kien jikkonċerna r-rifjut tal-Parlament milli jagħti aċċess għal dokumenti relatati mal-finanzjament tal-akkwist tiegħu ta' ċertu bini fi Brussell. Il-kwerelant allega wkoll li l-Parlament seta' għamel dikjarazzjonijiet żbaljati u qarrieqa dwar jekk id-direttivi tal-UE għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratti pubbliċi kinux japplikaw għall-akkwist inkwistjoni. L-Ombudsman talab lill-Parlament biex jiżvela d-dokumenti mitluba. Huwa talbu wkoll biex jikkoreġi jew jiċċara d-dikjarazzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari rigward ir-rilevanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-arranġament finanzjarju magħżul. Il-Parlament qabel li jagħti aċċess, billi l-iżvelar tal-informazzjoni ekonomika li kien hemm fid-dokumenti ma kellux il-probabbiltà li jdgħajjef l-interessi kummerċjali. Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet illi għamel, il-Parlament, filwaqt li insista li dawn b'ebda mod ma kienu żbaljati jew qarrieqa, ipprova aktar kummenti dettaljati dwar ir-rilevanza tas-sentenza msemmija, fejn ikkjarifika għaliex huwa kkunsidra li din ma kinitx applikabbli. Il-Parlament ta wkoll informazzjoni addizzjonali dwar il-proċedura li segwa sabiex jassigura l-finanzjament estern.

Żewġ każijiet oħrajn, il-każ [523/2009/TS](#)²³ u l-każ [944/2008/OV](#), kienu jikkonċernaw ir-rifjut tal-Kunsill milli jipprovdi aċċess għal dokumenti relatati mat-terroriżmu fuq il-bażi tal-eċċezzjoni li tkopri l-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali. Wara spezzjoni tad-dokumenti, l-Ombudsman ikkonkluda li l-pożizzjoni tal-Kunsill kienet ġustifikata²⁴.

Fl-2010, l-Ombudsman indirizza żewġ każijiet importanti dwar l-aċċess għad-dokumenti li jikkonċernaw lill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (EMA). L-EMA tapprova u tissorvelja l-mediċini li jitqiegħdu fis-suq tal-UE, bil-għan li tipproteġi s-saħħa pubblika. Il-każ [2560/2007/BEH](#) kien jikkonċerna talba għal aċċess għal rapporti dwar studji kliniċi u l-protokollu ta' prova korrispondenti għal żewġ mediċini kontra l-obeżità. Il-kwerelanti riedu jwettqu analiżi indipendenti tad-dejta rilevanti, minħabba li, fil-fehma tagħhom, ir-rappurtar preġudikat dwar il-provi tal-mediċina kien komuni. Għall-ewwel, l-EMA rrifjutat li tagħti aċċess fuq il-bażi li dan l-iżvelar kien jippreġudika l-interessi kummerċjali tal-produtturi tal-mediċina. L-Ombudsman spezzjona d-dokumenti u sab li ma kienx fihom informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-mediċini kontra l-obeżità involuti, u lanqas ma kellhom xi informazzjoni li kienet kummerċjalment kunfidenzjali. Huwa kkonkluda li l-iżvelar tagħhom ma għandux idgħajjef l-interessi kummerċjali. B'reazzjoni għal dan, l-EMA ħabbret il-ħruġ tar-rapporti tal-istudju u l-protokollu. Fil-każ [2493/2008/TS](#), l-Ombudsman irrakkomanda li l-EMA għandha tiżvela r-rapporti li jikkonċernaw ir-reazzjonijiet avversi suspettati għal mediċina li tintuża biex tikkura forom severi tal-akne. L-EMA tat aċċess għar-rapporti²⁵.

Fl-2010, l-Ombudsman indirizza żewġ każijiet importanti dwar l-aċċess għad-dokumenti li jikkonċernaw lill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (EMA). L-EMA tapprova u tissorvelja l-mediċini li jitqiegħdu fis-suq tal-UE, bil-għan li tipproteġi s-saħħa pubblika.

23. Rendikont aktar dettaljat ta' dan il-każ huwa pprovdut fit-taqsimha 1.4 hawn fuq taħt "L-ebda amministrazzjoni ħażina".

24. Kif spjegat fit-taqsimha 1.1 hawn fuq dwar il-proċeduri tal-Ombudsman, dawn l-investigazzjonijiet wasslu għal deċiżjoni tal-Kunsill rigward l-applikazzjoni tar-regoli tas-sigurtà tiegħu fil-kuntest ta' spezzjoni tal-Ombudsman ta' dokumenti kklassifikati.

25. Għadhom għaddejjin aktar investigazzjonijiet f'dan il-każ dwar il-kontenut speċifiku tad-dejta li trid tingħata fir-rigward tar-rapporti dwar ir-reazzjonijiet avversi serji għal prodotti mediċinali. L-investigazzjoni għandha titlesta kmieni fl-2011 u dan il-każ se jsejjer jiġi kopert b'mod sħiħ fir-*Rapport Annwali 2011*.

Ilmenti u investigazzjonijiet

Fl-aħħarnett, fil-każ **2145/2009/RT**, NGO talbet lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) biex jagħtiha aċċess għal Ftehim Qafas ('il-Ftehim') konkluż bejn il-BEI u r-Repubblika tat-Taġikistan. Il-BEI rrifjuta li jagħti l-aċċess fuq il-bażi li l-Ftehim kien għadu ma ġiex irratifikat mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-kwerelanta innotat li din l-eċċezzjoni ma ssemmietx fil-Politika tal-BEI dwar l-Iżvelar Pubbliku. Il-BEI wieġeb li, wara l-kuntatti addizzjonali tiegħu mal-awtoritajiet nazzjonali tat-Taġikistan, il-Ftehim kien ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Ambaxxata tat-Taġikistan għall-Belġju. Huwa pprova lill-kwerelanta bil-*web link*.

Aċċess pubbliku għal informazzjoni

L-Artikolu 41 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt li kull persuna jkollha l-affarijiet tagħha ttrattati b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE. Huwa jinkludi wkoll id-dritt li persuna tirċievi tweġiba lura. Fl-2010, l-Ombudsman ittratta 164 każ fejn iċ-ċittadin allega li l-amministrazzjoni naqset milli twieġeb b'mod adegwat jew baqgħet ma tat ebda tweġiba. Dawn il-każijiet ġew indirizzati malajr permezz ta' proċeduri ssimplifikati. Il-każ **3364/2008/IP** jikkostitwixxi eżempju ta' investigazzjoni li tikkompreni kollox fejn il-kwerelant allega n-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni. B'mod aktar speċifiku, il-kwerelant allega li l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) naqset milli twieġeb għat-talba tiegħu għal kjarifika rigward l-użu ta' punteġġi negattivi fil-proċedura ta' evalwazzjoni għall-proġett li huwa kien qiegħed jikkoordina. Matul il-kors tal-investigazzjoni, l-EACEA rrikonoxxiet in-nuqqas tagħha u pprovdiet lill-kwerelant bl-informazzjoni li talab.

Il-protezzjoni tad-dejta

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tinkludi, fl-Artikoli 7 u 8 tagħha, id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn id-drittijiet kienu rilevanti għall-każ **2682/2008/ELB**, fejn ġurnalista Taljan ilmenta mal-Ombudsman kontra r-rifjut tal-Parlament milli jipprovdilu statistika dwar in-nuqqas ta' attendenza ta' MEPs minn Stati Membri differenti minħabba raġunijiet mediċi. L-Ombudsman ikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, li kkunsidra li, f'ċirkostanzi speċifiċi, jistgħu jiġu identifikati MEPs individwali mill-istatistika mitluba. Wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 45/2001 dwar il-protezzjoni tad-dejta²⁶, l-Ombudsman ikkonkluda li r-rifjut tat-talba tal-kwerelant mill-Parlament ma kien jikkostitwixxi ebda amministrazzjoni ħażina.

Il-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati

L-istat tad-dritt huwa prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Wieħed mid-dmirijiet l-aktar importanti tal-Kummissjoni huwa li tkun il-gwardjan tat-Trattati²⁷. L-Artikolu 258 tat-TFUE johlq proċedura ġenerali li biha l-Kummissjoni tista' tinvestiga u tirrikorri għall-Qorti tal-Ġustizzja għal kull ksur li jista' jkun hemm tal-liġi tal-UE mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista' tiftaħ investigazzjonijiet minn jeddha, fuq il-bażi tal-ilmenti, jew b'reazzjoni għat-talbiet mill-Parlament Ewropew sabiex tittratta petizzjonijiet indirizzati lilha skont l-Artikolu 227 tat-TFUE. Jistgħu jiġu applikati proċeduri oħrajn fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi, bħalma hija l-għajjnuna illegali mill-istat.

²⁶. Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali data, ĠU 2001 L 8, p. 1.

²⁷. L-Artikolu 17 tat-TUE jitlob lill-Kummissjoni biex "tassigura l-applikazzjoni tat-Trattati, u tal-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet konformi magħhom".



F'dan il-kuntest huwa importanti li nsemmu l-“Proġett Pilota tal-UE”²⁸, metodu ta' ħidma żviluppat bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, bil-għan li jikkoreġu l-ksur tal-liġi tal-UE mill-aktar fis possibbli mingħajr ma jkollhom għaliex jirrikorru għal proċeduri ta' ksur. Dan il-proġett għandu l-għan li jiżgura li l-liġi tal-UE tiġi implimentata b'mod aktar effettiv mill-Istati Membri u li l-ilmenti li jsiru miċ-ċittadini u n-negozji jiġu solvuti aktar malajr. L-Ombudsman segwa mill-qrib l-iżviluppi fil-“Proġett Pilota tal-UE”, mit-tnedija tiegħu fl-2007, bil-għan li jiżgura li dan jopera bl-aktar mod trasparenti possibbli għall-kwerelanti.

L-Ombudsman jirċievi u jittratta lmenti kontra l-Kummissjoni fir-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati.

L-Ombudsman jirċievi u jittratta lmenti kontra l-Kummissjoni fir-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati. Meta l-Ombudsman jiftaħ investigazzjoni fuq tali lment, dejjem joqgħod attent sabiex jagħmilha ċara li l-investigazzjoni mhijiex sejra teżamina jekk hemmx ksur jew le, għaliex l-Ombudsman Ewropew ma għandux mandat biex jinvestiga l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri. L-investigazzjoni tal-Ombudsman hija diretta biss lejn l-eżami tal-imġiba tal-Kummissjoni fl-analiżi u l-indirizzar tal-ilment ta' ksur ippreżentat lilha. L-Ombudsman jista' jittratta kemm l-aspetti proċedurali kif ukoll dawk sostantivi tal-imġiba tal-Kummissjoni.

Obbligi proċedurali

Fir-rigward tal-obbligi proċedurali tal-Kummissjoni lejn il-kwerelanti, il-punt ta' referenza ewlieni tal-Ombudsman huwa Komunikazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni fl-2002²⁹. Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi obbligu biex jiġu rreġistrati l-ilmenti u ċerti eċċezzjonijiet għal dan l-obbligu, kif ukoll tistabbilixxi limiti ta' żmien għall-indirizzar tal-ilmenti u għall-għoti ta' tagħrif lill-kwerelanti. Din il-Komunikazzjoni nħarġet bħala reazzjoni għall-investigazzjonijiet u l-kritiki preċedenti tal-Ombudsman fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet. L-Ombudsman iqis din il-Komunikazzjoni bħala bażi

importanti għall-fiduċja li ċ-ċittadini għandhom fil-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati.

Kif juri l-eżempju ta' hawn taħt, l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman fl-2010 żvelaw għadd ta' nuqqasijiet. Madankollu, huwa importanti li nsemmu li matul il-kors ta' żewġ investigazzjonijiet (il-każijiet **219/2009/PB** u **294/2009/PB**), il-Kummissjoni informat lill-Ombudsman li hija kienet introduċiet miżuri li kienu maħsuba biex itejbu b'mod sinjifikanti l-indirizzar tal-ilmenti dwar ksur ta' liġi. L-Ombudsman laqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni, u qal li huwa xtaq jirċievi informazzjoni konkreta dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri l-ġodda u dwar l-impatt speċifiku tagħhom fuq l-indirizzar tal-ilmenti.

²⁸. Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Ewropa ta' Riżultati – L-applikazzjoni tal-Liġi Komunitarja, COM(2007)502.

²⁹. Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet mal-kwerelant fir-rigward tal-ksur tal-liġi Komunitarja, ĠU 2002 C 244, p. 5.

Ilmenti u investigazzjonijiet

Nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-ilmenti

Problema rikorrenti f'dan il-qasam hija relatata mar-reġistrazzjoni tal-ilmenti. Il-punt 3 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2002 jipprevedi obbligu għall-Kummissjoni biex tirreġistra l-ilmenti li tirċievi fir-reġistru ċentrali. Hemm sitt eċċezzjonijiet stabbiliti għal dan l-obbligu. Fil-każ **1009/2009/KM**, l-Ombudsman innota li l-Kummissjoni la rrikonoxxiet li kienet irċeviet l-ilment inkwistjoni u lanqas ma kienet irreġistrat ilment dwar ksur ta' liġi, anki jekk il-kwerelant uża l-formola tal-ilment u mmarka b'mod ċar is-sottomissjoni tiegħu bħala lment dwar ksur tal-liġi. In-nuqqas tal-Kummissjoni milli tirreġistra l-ilment ma jistax jiġi ġustifikat mis-sempliċi fatt li kien hemm korrispondenza preċedenti bejnha u l-kwerelant, ladarba din mhijiex waħda mill-eċċezzjonijiet stabbiliti fil-punt 3. L-Ombudsman ikkritika dan in-nuqqas proċedurali, billi rrimarka li l-Kummissjoni għandha tirreġistra l-ilmenti kollha sakemm ma tapplikax xi waħda mir-raġunijiet stabbiliti fil-punt 3 tal-Komunikazzjoni.

Fl-2009, l-Ombudsman beda investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess dwar il-prattiki tal-Kummissjoni li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni tal-korrispondenza u l-ilmenti li jallegaw ksur tal-liġi ambjentali tal-UE (**OI/3/2009/MHZ**). Dan sar wara allegazzjoni minn NGO Spanjola li

il-liġi nazzjonali għadu jrid jiġi eżawrit. Dawn l-eċċezzjonijiet mhumiex stabbiliti fil-punt 3. Il-Kummissjoni wiegħbet, billi kkjarifikat li l-"prijoritizzazzjoni" ma tikkonċernax ir-reġistrazzjoni tal-korrispondenza bħala lment, iżda l-istadju amministrattiv sussegwenti, wara li l-ilment ikun ġie rreġistrat. Fir-rigward tal-korrispondenza dwar l-aċċess għal informazzjoni ambjentali, il-Kummissjoni l-ewwel kienet tal-fehma li "hija naqset milli tistabbilixxi motiv ta' lment", li hija waħda mill-eċċezzjonijiet fil-punt 3 tal-Komunikazzjoni tal-2002. Sussegwentement, il-Kummissjoni aċċettat l-istedina tal-Ombudsman biex tillimita l-interpretazzjoni tagħha tal-eċċezzjoni.

Kwistjonijiet sostantivi

L-Ombudsman jista' wkoll janalizza s-sustanza tal-analiżi u l-konklużjonijiet mil-huqa mill-Kummissjoni meta jinvestiga l-ilmenti dwar ksur tal-liġi, pereżempju, sabiex jiċċekkja jekk dawn humiex raġonevoli, sostnuti tajjeb u spjegati bl-akbar reqqa lill-kwerelanti. L-investigazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Ombudsman jirrispettaw b'mod sħiħ is-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni, rikonoxxuta mit-Trattati u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tiddeċiedi jekk għandhiex tirreferi jew le każ ta' ksur lill-Qorti. Jekk

L-investigazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Ombudsman jirrispettaw b'mod sħiħ is-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni, rikonoxxuta mit-Trattati u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tiddeċiedi jekk għandhiex tirreferi jew le każ ta' ksur lill-Qorti.

l-Kummissjoni ma dehrinx li kienet ser tirreġistra tali korrispondenza bħala lment jekk hija tikkunsidra li (i) is-suġġett tal-ilment ma jixraqlux trattament ta' prijetà, u (ii) il-korrispondenza hija relatata mal-aċċess għal informazzjoni ambjentali fejn il-mekkaniżmu għal riparazzjoni skont

L-Ombudsman fundamentalment ma jaqbilx mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, huwa għandu jistqarr dan, filwaqt li jirrimarka wkoll li l-ogħla awtorità fl-interpretazzjoni tal-liġi tal-UE hija l-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, il-każijiet ta' nuqqas ta' qbil ta' dan it-tip huma l-eċċezzjoni.



Tilwimiet dwar l-eżerċizzju tas-setgħat diskrezzjonali tal-Kummissjoni³⁰

Il-każ **3307/2006/JMA** kien jikkonċerna t-trattament ta' lment dwar ksur ta' liġi mill-Kummissjoni kontra l-Awstrija rigward il-projbizzjoni totali fuq iż-żamma ta' annimali selvaġġi fiċ-ċirkli. F'abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-kwerelanta b'dikjarazzjoni ċara u mhux ekwivoka tal-fehmiet tagħha rigward jekk l-Awstrija kinitx uriet jew le li r-regoli tagħha kienu f'konformità mat-Trattat. Il-Kummissjoni wiegħbet billi qalet li, meta għalqet il-proċeduri ta' ksur, hija għamlet użu mis-setgħat diskrezzjonali tagħha. Hija kompliet issostni li l-kwistjonijiet dwar il-benesseri tal-annimali m'għandhomx jiġu deċiżi fuq il-livell tal-UE, iżda minflok għandhom jitħallew għall-Istati Membri. L-Ombudsman aċċetta l-fatt li l-Kummissjoni għandha d-diskrezzjoni li twaqqaq' investigazzjoni qabel ma tkun tlestiet u qabel ma tkun ħadet deċiżjoni dwar jekk Stat Membru jkunx qiegħed jkser il-liġi tal-UE. Madankollu, huwa għalaq il-każ b'rimarka kritika fir-rigward tar-raġunament tal-Kummissjoni f'dan il-każ. Fil-fehma tiegħu, id-dikjarazzjoni tagħha li "jkun aħjar jekk il-kwistjonijiet dwar il-benesseri tal-annimali jitħallew għall-Istati Membri" kienet tidher li hija ekwivalenti għal abdikazzjoni mill-Kummissjoni mir-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati fil-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw il-benesseri tal-annimali u mhux biss għal dawk li jappartjenu għall-każ preżenti. Bħala tali, hija naqset milli tipprovdi raġuni korretta, ċara u li tintfiehmem għall-eżerċizzju tas-setgħat diskrezzjonali tagħha.

Il-każ **1528/2006/VL** segwa lment dwar ksur preċedenti, li wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkundanna lill-Ġermanja talli naqset milli tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tagħti prijorità lill-ipproċessar taż-żejt mormi permezz ta' riġenerazzjoni.

Għalkemm il-Ġermanja sussegwentement adottat ċerti miżuri biex tikkonforma mad-doveri tagħha skont id-Direttiva rilevanti, il-kwerelanta kienet tal-fehma li dawn ma kinux biżżejjed u ppreżentat ilment ġdid dwar ksur tal-liġi, li kien irrifjutat mill-Kummissjoni. L-Ombudsman eżamina l-każ, ikkonkluda li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi spjegazzjoni sodisfaċenti għall-opinjoni tagħha, u talabha biex terġa' tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha. Il-Kummissjoni baqgħet issostni l-pożizzjoni tagħha u rreferiet għas-setgħat diskrezzjonali tagħha f'dan il-qasam, li jippontaw lejn Direttiva għdida, li l-Istati Membri għandhom jimplementaw sa Diċembru 2010. L-Ombudsman irrimarka li r-raġuni mogħtija mill-Kummissjoni għaliex irrifjutat l-ilment dwar ksur tal-liġi kienet li l-Ġermanja kienet implimentat id-Direttiva ta' qabel kif support. Għalhekk, hija ma setgħetx tiddependi fuq bidla sussegwenti fil-leġiżlazzjoni. L-Ombudsman enfasizza wkoll li s-setgħat diskrezzjonali tal-Kummissjoni ma jintitolawhiex biex tastjeni milli twettaq ir-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati – f'dan il-każ, in-nuqqas ta' infurzar ta' obbligu legali speċifiku ferm qabel mal-validità ta' din tal-aħħar waslet fi tmiemha u l-obbligu nnifsu kienu rrevokati. Huwa għalaq il-każ b'rimarka kritika.

In-nuqqas ta' għoti ta' raġunijiet adegwati

Fil-każ **953/2009/MHZ**, l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni ma kinitx ħadet pożizzjoni raġonevoli dwar jekk l-awtoritajiet Spanjoli kinux implimentaw id-Direttiva rilevanti b'mod adegwat. B'mod partikolari, hija naqset milli tirreferi kif xieraq għal interpretazzjoni li nġhatat f'sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja³¹. L-Ombudsman ħareġ rimarka kritika u kkritika wkoll id-dewmien mhux ġustifikat tal-Kummissjoni sabiex tindirizza l-ilment.

³⁰. Każ rilevanti ieħor huwa **2115/2007/FOR**, li huwa inkluż fit-taqsimha 1.4 hawn fuq taħt "Rimarki kritiċi".

³¹. C-278/05, *Carol Marilyn Robins u Oħrajn vs is-Segretarju tal-Istat għax-Xogħol u l-Pensjonijiet* [2007] Ġabra I-1053.

Ilmenti u investigazzjonijiet

Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet

L-Ombudsman jittratta wkoll ilmenti dwar l-aġġudikazzjoni, jew in-nuqqas ta' aġġudikazzjoni ta' sejħiet għal offerti u għotjiet. Madankollu, huwa jqis li l-istituzzjonijiet u, b'mod partikolari, il-kumitati ta' evalwazzjoni u l-awtoritajiet ta' aġġudikazzjoni fis-sejħiet għal offerti, għandhom diskrezzjoni wiesgħa u li l-analiżi tiegħu ta' tali każijiet għandha tkun limitata għall-verifika ta' jekk kienx hemm konformità mar-regoli li jirregolaw il-proċedura, jekk il-fatti humiex korretti, u li mhemmx żball ovvju ta' evalwazzjoni jew użu ħażin tal-poteri. Barra minn hekk, huwa jeżamina jekk l-istituzzjonijiet ikkonformawx mad-dmir tagħhom li jagħtu raġunijiet u jekk dawn humiex koerenti u raġonevoli.

L-Ombudsman ilu żmien twil iqis il-ġustizzja bħala prinċipju fundamentali ta' amministrazzjoni tajba.

Fost il-kwistjonijiet eżaminati mill-Ombudsman fil-qasam tas-sejħiet għall-offerti u l-għotjiet fl-2010 kien hemm l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni³², l-applikazzjoni żbaljata tar-regoli rilevanti, in-nuqqas ta' għoti ta' raġunijiet adegwati, u l-inġustizzja. Fir-rigward ta' din tal-aħħar, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-inġustizzja tissemma fl-Artikolu 41(1) tad-dritt fundamentali tal-Karta għal amministrazzjoni tajba. L-Ombudsman ilu żmien twil iqis il-ġustizzja bħala prinċipju fundamentali ta' amministrazzjoni tajba. Huwa għandu l-għan li jilħaq bilanċ raġonevoli u ġust bejn id-drittijiet u l-interessi konfliġġenti u, kif juru l-eżempji ta' każijiet li ġejjin taħt "Inġustizzja", li jgħin lill-oħrajn jagħmlu dan huma wkoll.

Inġustizzja

Żewġ każijiet kienu jikkonċernaw lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA). Fil-każ 1598/2008/MHZ, l-EACEA ddeċidiet li ma taċċettax l-ispejjeż għal konferenza minħabba li hija kienet tal-fehma li

r-rabtiet bejn l-imsieħba lokali u l-NGO inkwistjoni kienu jikkostitwixxu kunflitt ta' interess possibbli. Hija rrifjutat ukoll li taċċetta (i) l-ispejjeż ta' konferenza oħra, li diġà kienu koperti minn għotja oħra, u (ii) l-ispejjeż li ntalbu darbtejn. L-NGO allegat li d-deċiżjoni tal-EACEA kienet inġusta u sproporzjonata. L-Ombudsman kien tal-fehma li, meta tiġi interpretata dispożizzjoni kuntrattwali dwar il-kunflitti ta' interess, għandha tingħata attenzjoni għar-rieda tajba u t-trattament ġust tal-partijiet involuti u għan-natura u l-għan tal-kuntratt. Huwa rrimarka li ma kien hemm ebda kunflitt ta' interess attwali u li ma kien hemm ebda profitt personali involut f'xi stadju. L-EACEA aċċettat l-approċċ tal-Ombudsman u qablet li ma titlobx is-somom rilevanti lura. Fir-rigward tal-ispejjeż li jifdal, l-Ombudsman enfasizza li l-kwerelanta riskjat li tfalli. L-EACEA sostniet li d-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament Finanzjarju waqqfitha b'mod effettiv milli teżerċita d-diskrezzjoni amministrattiva tagħha f'dan il-każ. L-Ombudsman aċċetta din l-ispejjeż. Il-Każ 255/2009/JF kien jikkonċerna talba mill-EACEA sabiex NGO tirrimborża l-ammont ta' EUR 2 364 tal-ispejjeż ta' seminar li kienet organizzata. B'reazzjoni għall-investigazzjoni tal-Ombudsman, l-EACEA reġgħet eżaminat il-fajls tagħha u sabet li l-ispejjeż, li għall-ewwel kienet sabet li kienu ineliġibbli, kienu fil-fatt eliġibbli. Għaldaqstant, hija kkanċellat it-talba tagħha għar-rimborż. L-investigazzjoni tal-Ombudsman uriet ukoll li l-kwerelanta kienet għamlet żball ovvju meta mliet il-formola tal-applikazzjoni għall-għotja. B'riżultat ta' dan, il-kwerelanta ma tħallsitx l-ammont korrett għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti. Fid-dawl tal-fatt li, fiż-żmien rilevanti, l-attenzjoni tal-EACEA għal dan l-iżball kienet inġibdet debitament, l-Ombudsman ikkunsidra li jkun inġust u sproporzjonat li l-kwerelanta ma tiġix irrimborżata għall-ispejjeż reali mġarrba. L-EACEA

32. Ara l-każ 1266/2009/KM deskritt fit-taqsim 1.4 hawn fuq taħt "Każijiet solvuti mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet amikevoli".



aċċettat il-proposta tal-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli u ħallset is-somma ta' EUR 2 722 lill-kwerelanta.

L-applikazzjoni żbaljata tar-regoli

Il-każ 485/2008/IP kien sottomess minn riċerkatur Taljan li ma kienx kuntent bit-trattament tal-appell tiegħu kontra deċiżjoni li tiġi rrifjutata l-proposta tar-riċerka tiegħu. Din kienet waħda mill-ewwel sejħiet għall-proposti mmedija mill-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC). Il-kwerelant ikkunsidra li l-Kumitat ta' Rimedju naqas milli jindirizza l-argument tiegħu li r-riċerkaturi kienu applikaw ċerti kriterji b'mod żbaljat, jew applikaw kriterji li ma kinux rilevanti. L-Ombudsman sab li l-allegazzjoni tal-kwerelant kienet ġustifikata u għamel rimarka kritika. Madankollu, huwa laqaf l-fatt li, fil-proċeduri l-ġodda, l-applikanti ngħataw aċċess għall-valutazzjonijiet individwali tar-riċerkaturi indipendenti. Dan stabbilixxa standard ġdid importanti ta' trasparenza għas-sejħiet għall-proposti tal-UE, li kien imfaħħar mill-Ombudsman.

Allegat nuqqas ta' għoti ta' raġunijiet adegwati

Il-każ 1793/2009/MHZ kien sottomess minn konsorzju li l-proposta tiegħu għal għotja kienet irrifjutata mill-Kummissjoni. Il-proposta kienet evalwata minn bord ta' esperti indipendenti u l-evalwazzjoni tagħhom kienet parti mir-raġuni tal-Kummissjoni għar-rifjut. Ir-rappreżentant tal-konsorzju allega li r-rifjut ma kienx imsejjes fuq il-fatti. Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni spjegat il-linji ewlenin tal-valutazzjoni tal-esperti. L-Ombudsman sab li l-isjegazzjoni kienet sodisfaċenti. Huwa tal-fehma li, minħabba li l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni finali u jeħtieġ li tipprovdi raġunijiet adegwati għal tali deċiżjoni, hija tista' u għandha tieħu azzjoni xierqa f'każ li tinduna b'xi żbalji ovvjji. Hija għamlet dan fil-każ preżenti billi

mmodifikat u kkjarifikat ir-raġuni oriġinali tagħha għaliex irrifjutat il-proposta tal-kwerelant.

Eżekuzzjoni ta' kuntratti

L-Ombudsman jikkunsidra li amministrazzjoni ħażina sseħħ meta korp pubbliku jonqos milli jaġixxi skont regola jew prinċipju vinkolanti fuqu. Għaldaqstant, tista' tinstab amministrazzjoni ħażina wkoll fir-rigward tal-issodisfar tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratti konklużi mill-istituzzjonijiet tal-UE.

Madankollu, l-ambitu tar-reviżjoni li l-Ombudsman jista' jagħmel f'każijiet bħal dawn huwa bilfors limitat. L-Ombudsman huwa tal-fehma li ma għandux ifittex li jiddetermina jekk kienx hemm ksur ta' kuntratt minn parti jew oħra, jekk ikun hemm tilwima dwar il-kwistjoni. Din il-kwistjoni tista' tiġi indirizzata b'mod effettiv biss f'qorti ta' ġurisdiżjoni kompetenti, li jkollha l-possibbiltà li tisma' l-argumenti tal-partijiet rigward il-liġi nazzjonali rilevanti u li tevalwa evidenza konfliġġenti fuq kwalunkwe kwistjoni ta' fatt li jkun hemm tilwima dwarha.

F'każijiet li jikkonċernaw tilwim kuntrattwali, l-Ombudsman iqis li huwa ġustifikat li jillimita l-investigazzjoni tiegħu għall-eżaminazzjoni ta' jekk l-istituzzjoni tal-Unjoni tatux rendikont koerenti u raġonevoli tal-bażi legali għall-azzjonijiet tagħha u għaliex hija temmen li l-pożizzjoni li ħadet fil-kuntratt hija ġustifikata. Jekk dan ikun il-każ, l-Ombudsman jikkonkludi li l-investigazzjoni tiegħu ma żvelat l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina. Din il-konklużjoni ma taffettwax id-dritt tal-partijiet li jitolbu li t-tilwima kuntrattwali tagħhom tiġi eżaminata u solvuta b'awtorità minn qorti ta' ġurisdiżjoni kompetenti. Jekk il-partijiet jagħmlu dan,

Ilmenti u investigazzjonijiet

L-investigazzjonijiet kollha sħaħ bil-miktub imwettqa mill-Ombudsman fil-qasam tal-kuntratti fl-2010 kienu jikkonċernaw lill-Kummissjoni.

L-Ombudsman jagħlaq l-investigazzjoni tiegħu minnufih mingħajr aktar evalwazzjoni, fid-dawl tad-dispożizzjoni fl-Artikolu 2(7) tal-Istatut tiegħu.

L-investigazzjonijiet kollha sħaħ bil-miktub imwettqa mill-Ombudsman fil-qasam tal-kuntratti fl-2010 kienu jikkonċernaw lill-Kummissjoni. Fost il-kwistjonijiet eżaminati kien hemm il-ħlas tard, tilwimiet dwar l-ispejjeż eliġibbli, u problemi relatati mas-sottokuntrattur. Erba' każijiet³³ kienu jikkonċernaw il-prinċipju tal-ġustizzja, li l-Ombudsman ħadem ħafna biex jippromwovi, skont l-Artikolu 41(1) tad-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba.

Ħlas tard

Fl-2009, l-Ombudsman beda azzjoni ta' segwitu għall-investigazzjoni preċedenti fuq inizjattiva personali tiegħu (OI/5/2007/GG) dwar il-puntwalità tal-ħlasijiet mill-Kummissjoni. Din l-investigazzjoni (OI/1/2009/GG) għandha tiżvela jekk sarx progress f'dan il-qasam. Fil-kuntest tal-investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess, l-Ombudsman sar jaf b'każ fejn kien hemm dewmien ta' 754 jum qabel sar il-ħlas. Mal-ewwel daqqa ta' għajn, kien jidher li huwa ġust li wieħed jassumi li dan il-każ kien jikkonstitwixxi eċċezzjoni. L-Ombudsman innota wkoll li l-imgħax għall-ħlas tard kien tħallas u li ma kien għe sottomess ebda lment dwar din il-kwistjoni. Huwa ddeċieda li jeżamina dan il-każ separatament mill-investigazzjoni ġenerali fuq inizjattiva personali u fetaħ l-investigazzjoni OI/2/2010/GG fuq inizjattiva personali. Id-dewmien sostanzjali kien spjegat minn nuqqas serju ta' persunal f'dak iż-żmien, li huwa nnifsu kien ikkawżat minn ċaqliq għoli ta' persunal. Kien enfasizzat li l-puntwalità tal-ħlasijiet fi ħdan id-Direttorat rilevanti tgiebet b'mod sinjifikanti minn dak iż-żmien. Wara li spezzjona l-fajl,

l-Ombudsman qabel li l-każ ma kien jindika ebda problema sistemika. Huwa innota wkoll li dan il-każ, u l-problemi li ġab miegħu, kienu diġà għew eżaminati mill-Qorti tal-Awdituri.

Tilwimiet dwar l-ispejjeż eliġibbli jew l-azzjonijiet ta' verifika

Fil-każ 1962/2009/KM, il-kwerelant allega li d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għat-Trasport u l-Enerġija (DG TREN) kien ikkalkula ħażin il-kontribuzzjoni tal-UE għall-ispejjeż ta' proġett u applika rati ta' kontribuzzjoni li ma kinux stabbiliti fil-kuntratt rilevanti. Huwa allega wkoll li d-DG TREN dam ħafna biex jittratta l-proġett. Il-Kummissjoni reġgħet evalwat il-kwistjoni u rrimborżat lill-imsieħba tal-proġett bis-somma ta' EUR 38 000. Fir-rigward tad-dewmien allegat, il-Kummissjoni enfasizzat li l-proċess li wassal għad-deċizzjoni tagħha dwar il-ħlas kien twil, iżda sostniet ukoll li dan dejjem għe segwit b'mod attiv.

Il-każ 3249/2008/KM kien jikkonċerna r-rifjut parzjali ta' talba għall-ħlas f'każ kuntrattwali. F'Awwissu 2005, l-assoċjazzjoni inkwistjoni talbet li ssir bidla fil-baġit minħabba li l-wirja tagħha kienet qiegħda tintwera f'aktar bliet milli kien previst oriġinarjament. Uffiċjal tal-Kummissjoni qabel mal-bidliet proposti. Madankollu, il-Kummissjoni naqqset il-ħlas finali tagħha lill-assoċjazzjoni b'aktar minn EUR 6 000, billi sostniet li hija ma kinitx innotifikata tajjeb dwar il-bidla fil-baġit. Wara li investiga l-każ, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi rendikont koerenti u raġonevoli ta' kif hija ttrattat it-talba tal-kwerelanta għall-ħlas. Il-Kummissjoni mbaġhad reġgħet ikkunsidrat it-talba u qablet li tħallas lill-kwerelanta s-somma pendenti ta' EUR 6 025, flimkien ma' EUR 1 586 f'imgħax.

33. Każijiet 173/2009/RT, 2945/2008/FOR, 2509/2008/ELB u 2486/2008/MF.



Il-każ **2834/2007/BEH** kien jikkonċerna verifika mnedija mill-Kummissjoni. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet naqset milli tibda l-verifika f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Huwa kien tal-fehma wkoll li l-Kummissjoni naqset milli tassigura li l-kwerelant jiġi pprovdut bi traduzzjoni għall-Ġermaniż tar-rapport ta' verifika preliminari. Fl-aħħarnett, huwa identifika każ ieħor ta' amministrazzjoni ħażina fin-nuqqas tal-Kummissjoni milli tipprovdidi biżżejjed spjegazzjonijiet dwar ir-raġuni għaliex verifika ta' erbat ijiem kienet proporzjonata f'każ bħal dak preżenti.

Inġustizzja

Fil-każ **2509/2008/ELB**, assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ iffirmit kuntratt ta' għotja mal-Kummissjoni sabiex twettaq proġett maħsub biex jipprovdidi għajnuna lil nisa li kienu vittmi ta' vjolenza terroristika fl-Alġerija. Il-problemi nqalgħu meta l-assoċjazzjoni biegħet vettura li kienet xtrat fil-bidu tal-proġett. Skont il-Kummissjoni, il-kuntratt tal-għotja ma kienx jippermetti dan, għalhekk hija ħarġet ordni li tfittex biex tirkupra l-flus mill-assoċjazzjoni. L-Ombudsman innota li l-kwerelanta kienet għamlet żball, iżda kkonkluda li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-ispiża kollha tal-vettura bħala ineliġibbli kienet waħda sproporzjonata. Huwa ppropona soluzzjoni amikevoli. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tiffinanzja l-ordni ta' rkupru għal raġunijiet ta' kost-effiċjenza.

Kwistjonijiet relatati mas-sottokuntrattar

Fl-użu tal-kuntratti biex twettaq azzjonijiet jew programmi ffinanzjati mill-UE, il-Kummissjoni normalment tistabbilixxi relazzjoni kuntrattwali ma' impriża jew konsorzju partikolari, li mbagħad t/jimplimenta l-proġett

inkwistjoni billi t/juża sottokuntratturi, esperti jew l-impjegati tagħha/tiegħu stess. F'ħafna każijiet, il-Kummissjoni tgawdi minn xi drittijiet fir-rigward tal-esperti jew l-impjegati tal-kuntratturi. Dan l-ambjent kuntrattwali partikolari jista' jagħti lok għal tilwimiet bejn il-kuntratturi tal-Kummissjoni u l-persunal jew l-esperti tagħhom, li fir-rigward tagħhom l-Ombudsman iqis li l-Kummissjoni għandha ċertu grad ta' responsabbiltà. Il-kontribut tal-Ombudsman għall-konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju kien jinkludi proposti konkreti sabiex tiġi indirizzata din it-tip ta' problema³⁴. Każ interessanti mill-2010 li fih kienet invokata r-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-kuntratturi tagħha huwa dan li ġej:

Fil-każ **760/2009/JMA**, il-kwerelanti allegaw li l-Kummissjoni kienet naqset milli tissorvelja kif xieraq aġenzija privata Olandiża tar-reklutaġġ, li torganizza t-testijiet f'isimha stess. Wara li eżamina l-kuntratt bejn l-aġenzija u l-Kummissjoni, l-Ombudsman ikkonkluda li l-kandidati ma kellhomx is-setgħa li jitolbu lill-Kummissjoni direttament biex tivverifika jekk l-għażla tagħhom mill-aġenzija kinitx ġusta u trasparenti, preċiżament minħabba li l-kuntratt kien jeskludi kwalunkwe possibbiltà bħal din. Madankollu, huwa għamel rimarka ulterjuri, fejn stieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li terġa' tikkuntattja lill-aġenzija sabiex tikseb spjegazzjonijiet adatti għaliex l-aġenzija l-ewwel għarrfet lill-kwerelanti li kienu kisbu riżultati tajbin, u mbagħad, sitt xhur wara, għarrfithom li huma ma kinux għaddew mit-testijiet.

³⁴. Dan il-kontribut huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman fuq: <http://www.ombudsman.europa.eu/en/resources/otherdocument.faces/en/4592/html.bookmark>

Ilmenti u investigazzjonijiet

Amministrazzjoni u regolamenti tal-persunal

Id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità kienu involuti wkoll f'għadd ta' każijiet, fejn l-Ombudsman kellu l-għan li jassigura r-rispett għall-Artikolu 26 tal-Karta dwar l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità.

Kull sena l-Ombudsman jirċievi għadd ta' lmenti li jikkonċernaw l-attivitajiet amministrattivi tal-istituzzjonijiet (39 investigazzjoni jew 12 % tan-numru totali li ngħalqu fl-2010). Dawn l-attivitajiet huma relatati mal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u testi rilevanti oħrajn. Il-każijiet jikkonċernaw kważi lill-istituzzjonijiet kollha, kif juru l-eżempji ta' hawn taħt, u n-natura tagħhom tvarja b'mod konsiderevoli għalkemm, għal darb'oħra, il-prinċipju tal-ġustizzja jidher regolarment. Id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità kienu involuti wkoll f'għadd ta' każijiet, fejn l-Ombudsman kellu l-għan li jassigura r-rispett għall-Artikolu 26 tal-Karta dwar l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità. L-Ombudsman jilqa' l-attitudni proattiva tal-amministrazzjoni f'ħafna każijiet li kellhom riżultat pożittiv³⁵.

In-nuqqas ta' rispett għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità

Fil-każ [1226/2008/OV](#), il-Kummissjoni qablet li tagħti spazju ta' parkeġġ riservat lill-kwerelanta għas-sentejn li kien fadal tal-karriera tagħha. L-uffiċjal inkwistjoni kellha inċident serju, li wassal biex tiġi rikonoxxuta invalidità permanenti ta' 4 %. Hija allegat li l-Kummissjoni naqset milli tittratta l-applikazzjoni tagħha għal spazju ta' parkeġġ riservat b'mod ġust u kif suppost. Fil-każ [2710/2009/RT](#), il-kwerelant allega li l-Kummissjoni kienet naqset milli tħallsu l-ammont li jikkorrespondi għar-rata tal-invalidità permanenti tiegħu, għalkemm hija għarrfitu li kienet għamlet dan. Hija pprovdietlu wkoll informazzjoni qarrieqa. Sussegwentement, il-kwerelant għarraf lill-Ombudsman li, sadanittant,

il-Kummissjoni kienet ħallset l-ammont dovut, flimkien mal-imgħax għall-ħlas tard.

Żewġ każijiet li jikkonċernaw dispożizzjoni fir-Regolamenti tal-Persunal, fejn il-benefiċċju tat-tfal dipendenti ta' membru tal-persunal jista' jirdoppja jekk xi ħadd mit-tfal tiegħu jkun ibati minn marda serja li tinvolvi spejjeż kbar, wasslu għal riżultati differenti ħafna. Fil-każ [1963/2009/ELB](#), il-Kummissjoni aċċettat il-proposta tal-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli sabiex il-kwerelant jibda jingħata l-benefiċċju doppju mill-2006, meta kienet saret id-dijanjożi tal-marda ta' ibnu, minflok mill-2008, meta hija qalet li kienet ġiet ippreżentata t-talba. Ir-reazzjoni tal-Parlament fil-każ [1953/2008/MF](#) kienet pjuttost differenti. Il-kwerelant allega li l-Parlament kien naqas milli jaġixxi b'mod ġust u skont il-prinċipju tat-trattament indaqs meta rrifjuta li jiddata b'lura l-benefiċċju doppju tat-tfal dipendenti. Huwa qal li l-Parlament naqas ukoll milli jieħu kont suffiċjenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-Ombudsman ikkunsidra li, għalkemm il-Parlament ma kienx legalment obligat li jimplementa s-sentenza fir-rigward tal-uffiċjali f'ċirkostanzi simili, ikun perfettament legali u konformi mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jekk huwa jaġmel dan. Huwa innota li r-rifjut tal-Parlament kien aggravat mill-fatt li l-kwerelant talbu speċifikament biex jistenna s-sentenza tal-Qorti qabel jagħmel it-tnaqqis, iżda l-Parlament naqas milli jagħmel dan. Il-Parlament irrifjuta t-talba tal-Ombudsman li jħallas lill-kwerelant is-somma inkwistjoni, jiġifieri, EUR 5 500. L-Ombudsman għamel enfasi fuq l-importanza soċjali tal-benefiċċji mħallsa lill-ġenituri ta' tfal b'diżabilità. Huwa għalaq il-każ b'rimarka kritika u għarraf

³⁵. Ara, pereżempju, il-każ [1131/2009/MF](#) deskritt fit-taqsimha 1.4 hawn fuq taħt "Każijiet solvuti mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet amikevoli".



lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament dwar il-pożizzjoni tas-servizzi amministrattivi tiegħu fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tat-tfal u tal-persuni b'diżabilità.

Fl-aħħarnett, uffiċjal tal-Kunsill li ibnu jbati minn marda severa allega li, fil-każ **129/2009/VL**, il-Kunsill naqas milli jwieġeb għall-mistoqsijiet tiegħu u milli jipprovi appoġġ suffiċjenti lill-membri familjari dipendenti u b'diżabilità tal-uffiċjali tal-Kunsill. Il-Kunsill għarraġ lill-Ombudsman li huwa kien iddeċieda li jagħti lil iben il-kwerelant il-benefiċċju rilevanti għal perjodu indefinit, filwaqt li jirriserva d-dritt li jwettaq kull verifika li tista' tkun meħtieġa. Il-Kunsill ta wkoll lill-kwerelant assigurazzjoni espliċita li huwa kien sejjer jikkonforma mad-dover tiegħu li jipprovidu l-kura, anki wara mewtu, fir-rigward ta' ibnu. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kunsill kien implimenta d-drittijiet statutorji rilevanti b'mod sħiħ għall-uffiċjali tiegħu, ipprova miżuri interni xierqa li jippermettu li dawn id-drittijiet jiġu eżerċitati, u adotta miżuri addizzjonali li marru 'lil hinn mid-drittijiet garantiti mir-Regolamenti tal-Persunal.

Inġustizzja

F'każ ieħor (**906/2009/JF**) li juri kif l-amministrazzjoni tajba tmur 'lil hinn mil-legalità, il-Kummissjoni wriet li hija kienet lesta tikkoopera mal-Ombudsman sabiex jinkiseb riżultat favorevoli. Wara li kkommettiet għadd ta' żbalji meta ħallset lil aġent awżiljarju, hija rkuprat parti mill-ammont globali mħallas żejjed. Il-kwerelanta kkontestat l-irkupru tal-parti li kien fadal ta' dak l-ammont. Hija appoġġjat il-każ tagħha billi enfasizzat l-għadd numeruż ta' żbalji mwettqa mill-Kummissjoni u s-sitwazzjoni

finanzjarja diffiċli tagħha f'dak iż-żmien. L-Ombudsman innota li l-Kummissjoni kienet legalment intitolata biex tirkupra l-ammont. Madankollu, fi proposta għal soluzzjoni amikevoli, huwa stedinha biex terfa' r-responsabbiltà għall-iżbalji amministrattivi ripetuti tagħha billi turrinunzja l-irkupru. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkanċellat it-talba tagħha għar-rimborż.

Nuqqas ta' assigurazzjoni tal-imparzjalità

Il-każ **3289/2008/BEH** kien jikkonċerna uffiċjal tal-Parlament li ppreżenta lment skont l-Artikolu 90(2) dwar in-numru ta' punti ta' mertu li ngħata fl-2005. Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, huwa allega li, kuntrarju għall-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, id-deċiżjoni dwar l-ilment tiegħu skont l-Artikolu 90(2) ittieħdet mis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament. Billi s-Segretarju Ġenerali kellu rwol deċiżiv fit-teħid tad-deċiżjoni kkontestata, huwa messu ħalla d-deċiżjoni għall-President tal-Parlament. L-Ombudsman irrimarka li l-għan tar-regoli interni tal-Parlament huwa li, safejn ikun possibbli, il-kompetenza biex tittieħed deċiżjoni dwar ilment skont l-Artikolu 90(2) għandha tiġi vestita f'awtorità differenti minn dik li tkun ħadet id-deċiżjoni kkontestata. Dan l-għan ma jiġix issodisfat jekk awtorità, involuta mill-qrib fit-teħid ta' deċiżjoni, għalkemm li ma tadottahix b'mod formali, tiegħu deċiżjoni dwar l-ilment skont l-Artikolu 90(2). Wara li kkunsidra l-grad ta' involviment tas-Segretarju Ġenerali fid-deċiżjoni li tat żewġ punti ta' mertu lill-kwerelant, l-Ombudsman ikkonkluda li tal-ewwel ma kienx f'pożizzjoni li jipprovi biżżejjed garanziji li ma jista' jkun hemm ebda dubju leġittimu rigward l-imparzjalità tiegħu. Huwa għalaq il-każ b'rimarka kritika.

Ilmenti u investigazzjonijiet

Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla

EPSO

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) huwa s-suġġett tal-biċċa l-kbira tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman li jikkonċernaw il-kompetizzjonijiet miftuħa u proċeduri oħrajn tal-għażla. Minħabba r-rwol tal-EPSO bħala punt ta' kuntatt prominenti ma' numru sinjifikanti ta' ċittadini tal-UE, huwa partikolarment importanti li dan jaderixxi bis-sħiħ ma' kultura ta' servizz lejn iċ-ċittadini u li jopera b'mod trasparenti.

Minn fost id-disa' investigazzjonijiet mill-bidu sal-aħħar tal-Ombudsman li kienu jinvolvu lill-EPSO fl-2010, f'sebgħa minnhom ma nstabt l-ebda amministrazzjoni ħażina, filwaqt li fit-tmien każ ma kienx ġustifikat li jsiru aktar investigazzjonijiet u l-każ finali twaqqa' mill-kwerelant.

Bosta problemi li ġew osservati fil-kompetizzjonijiet organizzati mill-EPSO ġew solvuti permezz ta' proċeduri mgħaġġla, li wrew ir-rieda tal-EPSO li jsib soluzzjonijiet rapidi u ġusti għall-problemi. Minn fost id-disa' investigazzjonijiet mill-bidu sal-aħħar tal-Ombudsman li kienu jinvolvu lill-EPSO fl-2010, f'sebgħa minnhom ma nstabt l-ebda amministrazzjoni ħażina, filwaqt li fit-tmien każ ma kienx ġustifikat li jsiru aktar investigazzjonijiet u l-każ finali twaqqa' mill-kwerelant. Dan jikkostitwixxi titjib sinjifikanti meta mqabbel mal-2009.

Allegat nuqqas ta' assigurazzjoni ta' trattament indaqs

Il-każ **1994/2008/IP³⁶** kien fost il-każijiet li jikkonċernaw lill-EPSO u ngħalaq wara li fih ma nstabt l-ebda amministrazzjoni ħażina, fejn l-Ombudsman ikkunsidra li l-EPSO kien ipprovda raġunijiet validi u adegwati biex jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu li jikkorrespondi mal-kandidati għall-kompetizzjoni miftuħa inkwistjoni f'waħda minn tliet lingwi biss – l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż. L-EPSO spjega li l-għan ta' din il-politika huwa li tassigura komunikazzjoni effiċjenti matul il-proċedura tal-applikazzjoni. Kienet

ukoll kundizzjoni tal-kompetizzjoni li l-kandidati għandu jkollhom għarfien tajjeb ta' mill-inqas waħda mit-tliet lingwi.

Istituzzjonijiet, korpi u organi oħrajn

Anki jekk il-maġġoranza tal-ilmenti li jikkonċernaw ir-reklutaġġ ikunu indirizzati kontra l-EPSO, l-Ombudsman kultant jirċievi lmenti kontra istituzzjonijiet oħrajn, partikolarment aġenziji stabbiliti ġodda, li jkunu għadhom fil-proċess li jikkonsolidaw il-proċeduri tar-reklutaġġ tagħhom.

Nuqqas ta' assigurazzjoni tar-rispett għad-dritt tal-appell

Fil-każ **923/2009/FOR** li jikkonċerna lill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni (Frontex), il-kwerelant allega li l-imġiba tal-Frontex kienet inġusta, mhux trasparenti, nieqsa mill-korteżija u mhux professjonali. Barra minn hekk, hija dgħajfet id-drittijiet tiegħu tal-appell, li huwa ma setax jeżerċita minħabba li l-Frontex naqset milli tikkomunika miegħu. Il-kwerelant kien applika għal tliet pożizzjonijiet fil-Frontex. L-Ombudsman sab li l-Frontex ma rrispettatx il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba f'dan il-każ. Dan in-nuqqas kien partikolarment serju, minħabba li fixxkel id-dritt fundamentali tal-kwerelant li jappella kontra deċiżjoni li kienet qiegħda taffettwah b'mod negattiv. Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman irrefera għall-Karta u, b'mod aktar speċifiku, għall-Artikolu 47 li jstabbilixxi d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust. L-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika.

Allegat ksur tal-aspettattivi leġittimi

Fil-każ **2924/2007/TS**, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) għarraf lill-kwerelanta li hija kienet intgħażlet għal impjieġ. Ġimgħatejn qabel

36. Ara wkoll il-każ **2831/2009/RT** deskritt fit-taqsimha 1.4 hawn fuq taħt "Rimarki ulterjuri".



kellha tibda xogħol, huwa għarrafha li hija ma setgħetx tiġi impjegata minħabba li ma kinitx għamlet tliet snin ta' studji post-sekondarji. Il-kwerelanta kienet diġà rriżenjat mill-impjeg tagħha fil-Finlandja, kienet kriet appartament fi Brussell u kriet l-appartament tagħha fil-Finlandja lil ħaddieħor. L-Ombudsman kien tal-fehma li l-KESE naqas milli janalizza b'mod adegwat l-applikazzjoni u s-CV tal-kwerelanta. Barra minn hekk, huwa żbalja meta għarrafha li kienet intgħażlet għall-impjeg qabel mal-Awtorità tal-Ħatra tiegħu ħadet deċiżjoni formali dwar ir-reklutaġġ tagħha. Wara l-proposta tal-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli³⁷, l-KESE qabel li jħallas lill-kwerelanta s-somma ta' EUR 3 965 bħala ħlas finanzjarju għat-telf materjali li hija sofriet bħala riżultat tal-azzjonijiet tiegħu.

Kwistjonijiet istituzzjonali, ta' politika u oħrajn

Dan it-titolu li fadal ikopri firxa ta' lmenti magħmula kontra l-istituzzjonijiet rigward l-attivitajiet tagħhom ta' tfassil tal-politika u l-funzjonament ġenerali tagħhom. Fost l-allegazzjonijiet koperti nsibu – għal darb'oħra – l-inġustizzja, l-iżbalji amministrattivi, l-abbuż tal-poter u n-nuqqas ta' ssodisfar tal-obbligi³⁸.

Inġustizzja

Fil-każ 3272/2008/BEH li jikkonċerna l-aċċess tal-MEPs għaż-żona stampa tal-Kunsill matul il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew, l-Ombudsman ikkunsidra li l-kwerelant ma stabbilixxiex li l-Kunsill kien aġixxa b'mod arbitrarju billi alloka lid-delegazzjoni tal-Parlament l-istess numru ta' badges li jalloka lil delegazzjonijiet oħrajn. Barra minn hekk, huwa kkunsidra li d-deċiżjoni tal-Kunsill li jadotta r-restrizzjonijiet ġeneralment

applikabbli, minflok li jiddeċiedi x'għandhom ikunu r-restrizzjonijiet fuq bażi ta' każ b'każ, ma kienet tikkostitwixxi l-ebda amministrazzjoni ħażina. F'dan ir-rigward, huwa ħa f'kunsiderazzjoni l-grad ta' diskrezzjoni li jgawdi l-Kunsill. Fir-rigward tal-pretensjoni li l-MEPs għandhom jingħataw aċċess mingħajr restrizzjonijiet, l-Ombudsman sab li, fid-dawl tal-fatt li bħalissa hemm aktar minn 700 MPE, u li l-bini tal-Kunsill huwa limitat fl-ammont ta' nies li jesa', ma kien hemm xejn x'jiġi kkritikat fir-rifjut tal-Kunsill milli jikkonforma mal-fehmiet tal-kwerelant.

Fil-każ 2905/2008/GG li jikkonċerna projbizzjoni ta' dħul imposta fuq xjentist fuq il-bażi ta' allegat fastidju ta' persunal tal-UE, l-Ombudsman spjega li huwa faħħar b'qalbu kollha l-politika ta' 'tolleranza zero' tal-Kummissjoni dwar il-fastidju, iżda enfasizza li hemm bżonn li l-preżunzjoni tal-innoċenza tiġi rrispettata wkoll. Huwa sab ukoll li l-kwerelant ma ngħatax il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma ġiet adottata l-projbizzjoni tad-dħul, u li dan in-nuqqas ikkostitwixxa ksur ċar tad-dritt li jinstema'. Huwa innota wkoll li l-Kummissjoni naqset milli tgħarraf lill-kwerelant bid-deċiżjoni tagħha u li hija ma pprovdiet ebda raġuni valida għaliex ikkopjat ittra li kien fiha rimarki negattivi dwaru lil parti terza. L-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex tneħħi l-projbizzjoni ta' dħul, tagħmel apoloġija għall-iżbalji li kkommettiet, u tgħarraf lill-parti terza li l-projbizzjoni ta' dħul tneħħiet. Il-Kummissjoni għamlet apoloġija għall-fatt li hija naqset milli tgħarraf lill-kwerelant bil-projbizzjoni tad-dħul, iżda ma laqgħetx il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman fir-rigward tal-bqija tal-każ. L-Ombudsman għamel għadd ta' rimarki kritiċi.

³⁷ Il-proposta għal soluzzjoni amikevoli saret fuq il-bażi li l-KESE ikkawża danni lill-kwerelanta. L-Ombudsman ma għamilx analiżi fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet stipulati mill-qrati tal-UE fir-rigward tal-ksur tal-aspettattivi leġittimi.

³⁸ Ara l-każ 1450/2007/BEH deskritt fit-taqsim 1.4 hawn fuq taħt "Abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet".

Ilmenti u investigazzjonijiet

Il-każ **647/2010/RT** kien jikkonċerna l-allegat nuqqas tal-Kummissjoni milli tagħmel il-ħlas tal-bilanċ għal programm ta' ġemellaġġ fis-Serbja. Il-kwerelant allega li l-Kummissjoni aġixxiet b'mod iġust u sproporzjonat meta rrifjutat li tħallas għal ċerti spejjeż imġarrba b'konnessjoni mal-proġett. Matul il-kors tal-investigazzjoni, il-kwerelant għarraff lill-Ombudsman li l-Kummissjoni kienet qablet li tagħmel il-ħlas tal-bilanċ, billi aċċettat li tħallas kważi l-ammont kollu mitlub.

Fil-każ **296/2009/OV** li jikkonċerna l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tat-tfaddil, ċittadin allega li l-Kunsill kien naqas milli jżomm kelmtu, qarraq biċ-ċittadini Ewropej u kiser il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi. Il-Kunsill insista mal-Ombudsman li l-ilment ma kienx jikkonċerna amministrazzjoni ħażina. Huwa sostna wkoll li l-konklużjonijiet ma kinux legalment vinkolanti. L-Ombudsman fakkar li l-kwerelant allega li n-nuqqas tal-Kunsill milli jimplementa d-deċiżjoni politika tiegħu kien ikkostitwixxa amministrazzjoni ħażina. Għalhekk, huwa hażsu kompetenti biex jindirizza din l-allegazzjoni, iżda enfasizza li l-ment li jikkonċerna din il-kwistjoni jkun sostnut tajjeb biss jekk il-Kunsill ikun daħal f'impenji preċiżi u mbaġħad ikun naqas milli jikkonforma magħhom. L-Ombudsman innota li, sadanittant, id-Direttiva inkwistjoni kienet ġiet emendata u li l-Istati Membri kienu obbligati li jipprovdu l-livell ta' protezzjoni previst fil-konklużjonijiet mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2009. Huwa kkonkluda li l-kwistjoni ma kinitx għadha rilevanti u li ma kienx ġustifikat li jsiru aktar investigazzjonijiet.

Żbalji amministrattivi

Il-każ **865/2008/OV** kien jikkonċerna allegat żball amministrattiv rigward il-kwoti tas-sajd għall-Punent tal-Iskozja. Skont il-kwerelanta il-Kummissjoni żbaljat meta skambjat il-kolonni rilevanti dwar il-

Punent tal-Iskozja u l-Baħar tat-Tramuntana f'tabella li tistabbilixxi t-tnaqqis propost. L-Ombudsman ikkonferma l-iżball iżda l-Kummissjoni ma laqgħetx l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Ombudsman biex tirrikonossih u, safejn kien għadu possibbli, li tieħu miżuri ta' rimedju. Hija tenniet l-argument tagħha li l-proposta rilevanti kienet saret deliberatament u kienet ibbażata fuq evidenza xjentifika li wriet li l-merluzz fil-Punent tal-Iskozja kien jinsab fi stat kritiku. Barra minn hekk, hija qalet li anki jekk kien seħħ xi żball, ma kienx għadu possibbli li jittieħdu miżuri ta' rimedju. L-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika. Sussegwentement, il-Kummissjoni rrikonossiet l-iżball f'ittra lill-Ombudsman, biex b'hekk reġġgħet lura l-pożizzjoni li kienet adottat matul l-investigazzjoni.

Abbuż tal-poter

Fil-każ **1182/2009/(BU)JE**, kumpanija żgħira li tagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru ħfief ilmentat mal-Ombudsman dwar il-ħlas mitlub mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) biex twettaq xogħlijiet fuq l-applikazzjoni tagħha għal modifika minuri ta' sigurtà fuq inġenju tal-ajru. L-investigazzjoni tal-Ombudsman żvelat li, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli fis-seħħ u l-informazzjoni disponibbli għall-kwerelanta, l-EASA kienet korretta fit-talba tal-ħlas. Madankollu, matul l-investigazzjoni deher evidenti wkoll li, meta talbet l-imsemmi ħlas, l-EASA ħarġet twissija formali li pprovdiet għall-possibbiltà, fost l-oħrajn, li jiġu kkanċellati ċ-ċertifikati eżistenti tal-kwerelanta. L-Ombudsman kien tal-fehma li din it-twissija kienet sproporzjonata, abbużiva u saħansitra potenzjalment illegali, u li l-EASA għandha tagħmel apoloġija lill-kwerelanta. L-EASA għamlet apoloġija u rrevediet it-twissijiet formali tagħha. L-aġenzija għarrfet ukoll lill-Ombudsman li hija pprevediet li tipproponi xi bidliet fil-leġiżlazzjoni applikabbli.



1.7 Trasferimenti u pariri

F'aktar minn 70 % tal-każijiet kollha li ġew ipproċessati fl-2010 (1 997), l-Ombudsman Ewropew kien kapaċi jgħin lill-kwerelanti billi jiftaħ investigazzjoni dwar il-każijiet, billi jittrasferixxi l-ilmenti lil xi korp kompetenti, jew billi jagħti pariri dwar fejn wieħed jista' jirrikorri. Ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman spiss ikunu jikkonċernaw allegazzjonijiet ta' ksur tal-liġi tal-UE mill-Istati Membri. Bosta każijiet bħal

Ewropew. Kif jista' jidher mill-Figura 1.12, f'691 każ, l-ilment ġie trasferit³⁹ lil xi membru tan-Netwerk jew inkella l-kwerelant ingħata l-parir li jikkuntattja lil xi membru tan-Netwerk (546 kienu riferuti lil xi ombudsman nazzjonali jew reġjonali jew xi korp simili, filwaqt li 145 kienu riferuti lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew).

F'xi każijiet, l-Ombudsman iqis li huwa xieraq li jittrasferixxi l-ilmenti lill-Kummissjoni Ewropea jew lil SOLVIT, netwerk imwaqqaf mill-Kummissjoni

Ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman spiss ikunu jikkonċernaw allegazzjonijiet ta' ksur tal-liġi tal-UE mill-Istati Membri.

dawn jistgħu jiġu ttrattati bl-aħjar mod minn ombudsman nazzjonali jew reġjonali fi ħdan in-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew jipparteċipa wkoll fin-Netwerk bħala membru sħiħ. Wieħed mill-għanijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita t-trasferiment rapidu tal-ilmenti lill-ombudsman nazzjonali jew reġjonali kompetenti, jew lil xi korp simili.

B'kollox, 53 % (1 435) tal-ilmenti pproċessati mill-Ombudsman Ewropew fl-2010 instabu li kienu jaqgħu taħt il-mandat ta' xi membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Minn dawn, 744 każ kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman

biex jgħin lin-nies li jiltaqgħu ma' xi tfixkil meta jkunu qegħdin jipprovaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern tal-Unjoni. Qabel ma jittrasferixxu lment jew jagħtu xi parir lill-kwerelanti, is-servizzi tal-Ombudsman jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li jingħata l-aktar parir xieraq. Fl-2010, 176 kwerelant ġew riferuti lill-Kummissjoni⁴⁰, filwaqt li 601 kienu riferuti lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn, inkluż SOLVIT u ombudsmen jew korpi speċjalizzati fl-indirizzar tal-ilmenti fl-Istati Membri.


B'kollox, f'61 % tal-każijiet kollha li ġew eżaminati fl-2010, ingħataw pariri jew inkella l-każ ġie trasferit. Eżempji ta' każijiet bħal dawn jingħataw hawn taħt.

39. Ilment jiġi trasferit biss bil-kunsens minn qabel tal-kwerelant u bil-kundizzjoni li jkun hemm raġunijiet għall-ilment.

40. Din il-figura tinkludi xi każijiet fejn ilment kontra l-Kummissjoni kien iddikjarat bħala mhux ammissibbli minħabba li ma kinux saru approċċi amministrattivi xierqa għall-istituzzjoni qabel ma l-ilment kien ippreżentat lill-Ombudsman.

Ilmenti u investigazzjonijiet

Figura 1.12: Ilmenti trasferiti lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn
Il-kwerelanti ngħataw parir li jikkuntattjaw istituzzjonijiet u korpi oħrajn



Nota 1: Il-figuri ta' hawn fuq jinkludu 187 ilment irreġistrati lejn l-aħħar tal-2009, li iżda ġew ipproċessati fl-2010, u jinkludu 46 ilment li ġew irreġistrati lejn l-aħħar tal-2010, li kienu għadhom qegħdin jiġu pproċessati fl-aħħar tas-sena sabiex jiġi deċiż x'azzjoni għandha tittieħed.

Nota 2: F'ċerti każijiet, ingħata aktar minn tip wieħed ta' parir lill-kwerelant. Għalhekk, il-perċentwali ta' hawn fuq jammontaw għal aktar minn 100 %.

Ir-rwol tal-membri tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen

Is-sindku ta' lokalità f'Zamora lmenta dwar il-kundizzjoni ta' ħażina tat-toroq hemmhekk, li huma r-responsabbiltà tal-gvern reġjonali ta' Castilla u León (Spanja). Il-kwerelant għarraf lill-Ombudsman li l-kunsill tal-belt ilmenta f'bosta okkażjonijiet mal-gvern reġjonali, iżda baqa' ma rċieva ebda tweġiba sodisfaċenti. Bil-kunsens tal-kwerelant, l-Ombudsman ittrasferixxa l-każ lill-Ombudsman Reġjonali ta' Castilla u León.

3071/2009/PL

Ċittadin Alġerin talab lill-awtoritajiet Franċiżi fi Strasburgu biex jipprovdulu ċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' nannuh li kien iġġieled fi Franza matul l-Ewwel Gwerra Dinija. Huwa allega li l-awtoritajiet lokali naqsu milli jwieġbu għat-talba tiegħu. Bil-qbil tal-kwerelant, l-Ombudsman ittrasferixxa l-każ lill-Ombudsman Franċiż.

1785/2010/PF

Il-kwerelant ingħata l-parir li jikkuntattja lill-Kummissjoni Ewropea

Individwu allega li l-Uffiċċju Federali Ġermaniż għall-Immigrazzjoni u r-Refuġjati kien iddiskrimina kontra l-irġiel/in-nisa ta' ċittadini

tal-UE mhux Ġermaniżi billi obbligahom jistennew għal tliet xhur qabel ħallihom jidhru għal korsijiet ta' integrazzjoni sponsorjati mill-gvern federali. Il-kwerelant xtaq jgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea dwar id-diskriminazzjoni, u biex ifittex inġunzjoni kontra l-Uffiċċju jew kontra l-Ġermanja. Il-kwerelant awtorizza lill-Ombudsman biex jittrasferixxi l-ilment lill-Kummissjoni.

2313/2010/NF

Ċittadin Ġermaniż li kien ilu jgħix f'Bonaire (Dutch Antilles) flimkien ma' martu mill-1994 allega li l-persuni barranin kellhom jagħtu depożitu ta' flus sabiex jingħataw status ta' residenti f'Bonaire fiż-żmien li huwa mar hemmhekk. Il-gvern suppost li kellu jirrimborża d-depożitu wara għaxar snin ta' residenza. Huwa lmenta li, madankollu, l-awtoritajiet lokali rrimborżaw biss liċ-ċittadini Olandiżi, filwaqt li rrifjutaw ufficialment li jirrimborżaw lil ċittadini oħrajn tal-Unjoni. Il-kwerelant allega li din il-prattika kisret il-liġi tal-UE. Billi ħass li kienet saret diskriminazzjoni miegħu, il-kwerelant fittex l-għajjuna tal-Ombudsman. Bl-awtorizzazzjoni tal-kwerelant, l-Ombudsman ittrasferixxa l-ilment lill-Kummissjoni.

2476/2010/NF



Ilment trasferit lil SOLVIT

Ċittadin Spanjol ilmenta mal-Ombudsman kontra d-Direttorat Ġenerali tat-Traffiku (il-Ministeru tal-Intern, Spanja) talli ma rrikonoxxiex il-liċenzja D1 li huwa kiseb mir-Renju Unit, u minħabba li dan seta' kien qiegħed jikser il-liġi tal-UE dwar il-liċenzji tas-sewqan. Ġimgħatejn wara li ssottometta l-ilment, huwa kkuntattja lill-Ombudsman biex jgħidlu li huwa kien ressaq ilment lil SOLVIT, li għarrfu li kien sejjer jiftaħ investigazzjoni. L-Ombudsman ittrasferixxa l-każ lil SOLVIT ta' Spanja.

1769/2010/PL

Fl-era tat-trattat ta' Lisbona, huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet joħolqu u rawmu kultura ta' servizz liċ-ċittadini u ta' rispett għad-drittijiet tagħhom. L-analiżi tematika preċedenti fittxet li taqbad l-ambitu u l-profondità tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman matul l-2010 u li twassal il-mezzi varji li permezz tagħhom l-Ombudsman għamel ħiltu biex jippromwovi l-prinċipji ta' kultura ta' servizz u biex jgħin ħalli jagħmel il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali realtà ħajja. Dawk il-qarrejja li jkunu jixtiequ jistudjaw l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman f'aktar dettall huma mistiedna jużaw il-faċilitajiet ta' tfittxija fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman biex jiksbu aċċess għall-ġabra aktar komprensiva ta' sommarji ta' deċiżjonijiet, abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet u rapporti speċjali, li huma disponibbli online.

2 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, ombudsmen, u partijiet interessati oħrajn

Dan il-Kapitolu jagħti rendikont tar-relazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2010 mal-istituzzjonijiet tal-UE, l-ombudsmen kollegi tiegħu u partijiet interessati ewlenin oħrajn. Huwa jsemmi u jiddeskrivi l-laqqgħat, is-seminars u attivitajiet oħrajn li saru bil-għan li jkun żgurat li l-ilmenti jiġu indirizzati b'mod effettiv, li l-aħjar prattiki jinqasmod bl-aktar mod wiesa' possibbli u li titqajjem kuxjenza dwar ir-rwol tal-Ombudsman fost il-partijiet interessati varji tiegħu.

Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, ombudsmen, u partijiet interessati oħrajn

2.1 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, korpi u organi tal-UE¹

L-Ombudsman Ewropew jiltaqa' b'mod regolari ma' Membri u uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE sabiex flimkien jiddiskutu modi kif itejbu l-kwalità tal-amministrazzjoni, biex jenfasizza l-importanza tal-indirizzar tajjeb tal-ilmenti u biex jiżgura s-segwitu xieraq għar-rimarki, ir-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tiegħu.

Minħabba li l-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-ogħla proporzjon ta' investigazzjonijiet imwettqa mill-Ombudsman kull sena, isiru sforzi konsiderevoli biex huwa jaħdem sistematikament mal-Membri u l-uffiċjali tagħha.

Minħabba li l-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-ogħla proporzjon ta' investigazzjonijiet imwettqa mill-Ombudsman kull sena, isiru sforzi konsiderevoli biex huwa jaħdem sistematikament mal-Membri u l-uffiċjali tagħha. Fl-2010, is-Sur Diamandouros iltaqa' mal-President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sur José Manuel Durão Barroso, mal-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli għar-Relazzjonijiet Inter-Istituzzjonali u l-Amministrazzjoni, is-Sur Maroš Šefčovič, mal-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli għall-Ġustizzja, id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza, is-Sra. Viviane Reding, u mal-Kummissarju responsabbli għas-Suq Intern u s-Servizzi, is-Sur Michel Barnier. Huwa ltaqa' wkoll mas-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni, is-Sra. Catherine Day, mad-Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali, is-Sur Luis Romero, u mal-Medjatriċi tal-Persunal tal-Kummissjoni, is-Sra. Mercedes de Sola. Sabiex isegwi l-investigazzjonijiet, il-Kap tad-Dipartiment Legali tal-Ombudsman iltaqa', fuq bażi ta' kull xahar, mad-Direttur responsabbli għar-relazzjonijiet inter-istituzzjonali fis-Segretarjat

Ġenerali tal-Kummissjoni u, f'Novembru, għamel preżentazzjoni lill-koordinaturi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjonijiet tal-Ombudsman.

Ir-relazzjonijiet tal-Ombudsman mal-Kummissjoni jestendu 'lil hinn mill-ħidma tiegħu relatata mal-investigazzjonijiet: fl-2010, is-Sur Diamandouros iltaqa' ma' uffiċjali tal-Kummissjoni responsabbli għall-Ewrobarometru u, għall-ewwel darba, għamel preżentazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni liċ-Ċentri Ewropej tad-Dokumentazzjoni. Il-membri tal-persunal tiegħu komplew jaħdmu ma' SOLVIT, in-Netwerk Ewropew għall-Intrapriżi, u mad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni.

Fir-rigward tar-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew, ta' importanza partikolari fl-2010 kienet l-elezzjoni tal-Ombudsman (ara hawn taħt) u, bħal dejjem, id-dibattitu plenarju dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman fis-sena ta' qabel. Dan sar fil-25 ta' Novembru 2010 u kien ibbażat fuq ir-rapport imfassal mis-Sra. Mariya Nedelcheva, MPE. L-Ombudsman ippreżenta r-*Rapport Annwali 2009* tiegħu lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament fl-4 ta' Mejju, fejn huwa kellu wkoll l-opportunità li jippreżenta r-*Rapport Speċjali* tiegħu dwar in-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Kummissjoni f'investigazzjoni (ara t-taqsim 1.4 hawn fuq). Dan ir-Rapport kien diskuss ukoll waqt id-dibattitu plenarju tal-Parlament fil-25 ta' Novembru. Avvenimenti oħrajn ta' interess fl-2010 kienu preżentazzjoni lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar ir-reviżjoni tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, preżentazzjoni lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali dwar l-Inizjattiva taċ-

1. Għall-qosor, it-terminu 'istituzzjonijiet' jintuża biex jirreferi għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-UE.



L-Ombudsman ippreżenta r-*Rapport Annwali 2009* tiegħu lill-President tal-Parlament, is-Sur Jerzy Buzek, MPE, fil-21 ta' April u lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament fl-4 ta' Mejju. Id-dibattitu plenarju dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman fl-2009 sar fil-25 ta' Novembru 2010 u kien ibbażat fuq ir-rapport imfassal mis-Sra. Mariya Nedelcheva, MPE.



Ċittadini Ewropej, u laqgħa mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-Liġi Amministrattiva.

F'Ottubru, is-Sur Diamandouros ivvjagħga lejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Lussemburgu biex jieħu l-ġurament tal-ħatra għall-mandat il-ġdid. Dan kien segwit minn laqgħat mal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Sur Vassilios Skouris, mal-President tal-Qorti Ġenerali, is-Sur Marc Jaeger, u mal-President tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili, is-Sur Paul Mahoney. Aktar kmieni dak ix-xahar, l-Ombudsman attenda konferenza li kienet tikkommemora l-ħames anniversarju tat-Tribunal. Waqt li kien fil-Lussemburgu għaċ-ċerimonja tal-ġurament tal-ħatra, l-Ombudsman iltaqa' wkoll mal-President tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), is-Sur Philippe Maystadt, u tkellem dwar l-"Etika u l-Ombudsman" waqt is-27 Laqgħa Plenarja tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka Xjentifika.

Avvenimenti importanti oħrajn mis-sena inkwistjoni kienu jinkludu preżentazzjoni lid-Diretturi Ġenerali, lid-Diretturi

u lill-Kapijiet tat-Taqsima tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE, laqgħa mal-maniġment tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u diskors waqt is-Simpożju tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali dwar "It-tisħiħ tal-arkitettura tad-drittijiet fundamentali fl-UE". Barra minn hekk, is-sena 2010 rat laqgħat mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (KEPD), is-Sur Peter Hustinx; mal-Kap tal-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), is-Sur David Bearfield; mad-Direttur Ġenerali għall-Amministrazzjoni fil-Kunsill, is-Sur William Shapcott; mal-Viċi Direttur tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, is-Sur Gordon McInnes; mal-Viċi Kap tal-Uffiċċju tal-Konsulenti dwar il-Politika Ewropea (BEPA), is-Sur Margaritis Schinas, u mad-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni Ewropea għall-amministrazzjoni u l-ħlas tal-intitolamenti individwali (PMO), is-Sur Stephen Quest. L-Ombudsman għamel ukoll żewġ preżentazzjonijiet lill-parteċipanti fil-programm Erasmus għall-Amministrazzjoni Pubblika organizzat mill-Iskola Amministrattiva Ewropea.

Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, ombudsmen, u partijiet interessati oħrajn

Elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew

L-Artikolu 228(2) tat-TFUE jistabbilixxi li l-Ombudsman għandu jiġi elett wara kull elezzjoni tal-Parlament Ewropew għat-tul tal-mandat tiegħu. Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura tal-elezzjoni.

Il-Parlament ippubblika sejħa għal nominazzjonijiet għall-kariga ta' Ombudsman fil-Ġurnal Uffiċjali tal-

L-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu fl-Istati Membri sabiex jiżgura li l-ilmenti kollha taċ-ċittadini dwar il-liġi tal-UE jkunu investigati minnufih u b'mod effettiv.

10 ta' Settembru 2009², li tistabbilixxi d-9 ta' Ottubru 2009 bħala d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tan-nominazzjonijiet. Il-votazzjoni biex jiġi elett l-Ombudsman Ewropew saret f'sessjoni plenarja fi Strasburgu fl-20 ta' Jannar 2010. Is-Sur Diamandouros reġa' ġie elett bħala l-Ombudsman Ewropew fl-ewwel votazzjoni bi 340 vot. Is-Sur Pierre-Yves Monette kiseb 289 vot u s-Sur Vittorio Bottoli kiseb 19-il vot. In-numru ta' voti validi mitfugħa kien ta' 648. Mal-elezzjoni mill-ġdid tiegħu, is-Sur Diamandouros ħabbar li l-prijoritajiet tiegħu sejrini ikunu: li jiżgura li ċ-ċittadini japprofittaw b'mod sħiħ mit-Trattat ta' Lisbona u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; li jsaħħaħ kultura ta' servizz għaċ-ċittadini fi ħdan l-amministrazzjoni tal-UE; u li jkompli jtejjeb l-effikaċja tal-uffiċċju tal-Ombudsman.

Informazzjoni dettaljata dwar l-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew tista' tinstab fuq is-sit elettroniku tal-Parlament fuq: <http://www.europarl.europa.eu/electionombudsman/>

2.2 Relazzjonijiet ma' ombudsmen u korpi simili

Bosta kwereganti jirrikorru għall-għajnuna tal-Ombudsman Ewropew meta jkollhom problemi ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali.

L-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu fl-Istati Membri sabiex jiżgura li l-ilmenti kollha taċ-ċittadini dwar il-liġi tal-UE jkunu investigati minnufih u b'mod effettiv. Din

il-kooperazzjoni ħafna drabi ssir permezz tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. In-Netwerk issa huwa magħmul minn 90 uffiċċju fi 32 pajjiż, u jinkludi l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali u korpi simili tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE, u ċerti pajjiżi Ewropej oħrajn, kif ukoll l-Ombudsman Ewropew u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Ta' importanza partikolari għan-Netwerk fl-2010 kienet it-tnedija ta' identità viżiva ġdida għan-Netwerk, flimkien ma' identità viżiva ġdida għall-Ombudsman Ewropew (ara hawn taħt). L-Ombudsmen u l-membri tal-persunal tagħhom mill-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, l-Ungerija, l-Italja, in-Norveġja, il-Portugall, is-Slovenja u r-Renju Unit attendew l-avveniment tat-tnedija fi Brussell fis-27 ta' Settembru. Il-logo il-ġdid tan-Netwerk huwa ddisinjat biex jevoka l-identità u l-valuri tan-Netwerk, filwaqt li jenfasizza l-isforzi tal-membri tiegħu biex jilhqqu firxa wiesgħa ta' udjenzi.

2. ĠU 2009 C 216, p. 7.



Fis-27 ta' Settembru 2010, ġie organizzat avveniment fi Brussell sabiex iniedi l-identitajiet viżivi ġodda tal-Ombudsman Ewropew u tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Għat-tnedija ta' dan l-avveniment attendew aktar minn 150 persuna, inklużi ombudsmen u l-persunal tagħhom minn għaxar pajjiżi.



Wieħed mill-għanijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita t-trasferiment rapidu tal-ilmenti lill-ombudsman kompetenti jew korp simili. Matul l-2010, f'977 każ, l-ilment ġie riferut lil xi membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen jew inkella l-kwerelant ingħata parir li jikkuntattja lil xi membru tan-Netwerk. Aktar dettalji ta' din il-kooperazzjoni huma pprovduti fil-Kapitolu 1.

Barra minn hekk, ta' rilevanza diretta għall-indirizzar tal-ilmenti hija l-proċedura speċjali li teżisti, li permezz tagħha l-ombudsmen nazzjonali jew reġjonali jistgħu jitolbu lill-Ombudsman Ewropew għal tweġibiet bil-miktub dwar il-liġi tal-UE u l-interpretazzjoni tagħha, inkluż għal mistoqsijiet li jinqalgħu fit-trattament ta' każijiet speċifiċi. Matul l-2010, ġew sottomessi tliet mistoqsijiet minn ombudsmen nazzjonali: waħda mill-Bord tal-Ombudsman Awstrijak dwar ir-regoli tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, waħda mill-Ombudsman Estonjan dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri familjari tagħhom li jivvjaġġaw u jgħixu liberament

fit-territorju tal-Istati Membri, u waħda mill-Ombudsmen Federali tal-Belġju dwar il-kwistjoni tat-tassazzjoni doppja fuq il-valur miżjud fil-livell Ewropew.

B'mod aktar ġenerali, in-Netwerk iservi bħala mekkaniżmu utli għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġi tal-UE u l-aħjar prattiki permezz ta' seminars, newsletter li toħroġ kull sentejn, diskussjoni elettronika u forum ta' skambju ta' dokumenti (is-sit elettroniku u s-Summit EUOMB), flimkien ma' servizz elettroniku ta' aħbarijiet kuljum. Fost il-kwistjonijiet diskussi permezz ta' dawn l-għodod fl-2010 kien hemm id-dritt taċ-ċittadini għall-moviment ħieles, l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE fil-qasam tal-għajnuniet mill-istat, it-tassazzjoni fuq il-vetturi, kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni u l-ażil, id-diskriminazzjoni, l-ambjent u d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, fl-2010, l-Ombudsman Ewropew għarraf lill-ombudsmen nazzjonali fi ħdan in-Netwerk bl-intenzjoni tiegħu li jfassal dikjarazzjoni ta' prinċipji etiċi għall-uffiċjali tal-UE. Huwa talab l-għajnuna

Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, ombudsmen, u partijiet interessati oħrajn



Is-Seba' Seminar Reġjonali tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen sar f'Innsbruck, l-Awstrija, f'Novembru 2010. Fis-Seminar kienu rrappreżentati ombudsmen reġjonali u korpi simili mill-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, l-Isvizzera u r-Renju Unit.

tagħhom sabiex jiżgura li d-dikjarazzjoni futura tiegħu kont sħiħ tal-aqwa prattika fl-Istati Membri. L-ombudsmen nazzjonali fi ħdan in-Netwerk wiegħbu b'mod pożittiv għal din it-talba għall-informazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' prinċipji etiċi fil-ħajja pubblika u qablu li jiddiskutu s-suġġett waqt is-seminar li jmiss u li jsir kull sentejn f'Kopenhagen fl-2011.

Is-seminars għall-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jsiru sena iva u sena le u jiġu organizzati b'mod konġunt mill-Ombudsman Ewropew u kontroparti nazzjonali jew reġjonali. Is-Seba' Seminar Reġjonali tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen kien organizzat b'mod konġunt mill-Ombudsman Ewropew u l-Ombudsman tat-Tiroll, is-Sur Josef Hauser. Dan sar f'Innsbruck, l-Awstrija, mis-7 sad-9 ta' Novembru 2010. L-uffiċċji tal-ombudsmen mis-sitt Stati Membri tal-UE fejn jeżistu l-ombudsmen reġjonali jew korpi simili (il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, l-Awstrija u r-Renju Unit) kienu rrappreżentati waqt is-Seminar. L-ombudsmen reġjonali tal-Isvizzera kienu preżenti wkoll għall-ewwel darba, wara li saru membri sħaħ tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen fis-sajf tal-2009. Is-Seminar ipprova opportunità biex jiġu esplorati firxa varjata ta' suġġetti,

inkluż ir-rwol tal-ombudsmen reġjonali, l-iskambju tal-għarfien dwar il-liġi tal-Unjoni Ewropea, il-ħidma tal-Unjoni Ewropea u tal-ombudsmen reġjonali fil-qasam ambjentali, u l-iżvilupp ta' Extranet ġdida għan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen.

L-uffiċċjali ta' kollegament jaġixxu bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għal uffiċċji oħrajn fin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Huma ltaqgħu għas-seba' darba fi Strasburgu mis-6 sat-8 ta' Ġunju 2010. Id-diskussjonijiet iffokaw fuq l-implikazzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona għall-ħidma tal-ombudsmen, il-kura tas-saħħa transkonfinali u d-drittijiet tal-pazjenti, kif ukoll il-lingwa użata sabiex iċ-ċittadini barranin jiġu nnotifikati dwar ir-reati tat-traffiku kommessi. Bħal fir-rigward tas-Seba' Seminar Reġjonali, l-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew ippreżenta l-proġett Netwerk Extranet, li ser jissostitwixxi s-Summit tal-EUOMB u s-sit elettroniku fl-2011. Fl-aħħarnett, għall-ewwel darba, saret sessjoni konġunta ma' SOLVIT, sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet ta' interess komuni u biex tiżdied il-kooperazzjoni. Din is-sessjoni konġunta rat it-tnedija ta' proġett biex jiġu identifikati l-kompetenzi tal-ombudsmen nazzjonali fi ħdan in-Netwerk. L-għan ta'



Matul is-sena, l-isforzi tal-Ombudsman biex jikkollabora mal-kontropartijiet tiegħu estendew 'lil hinn mill-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Fost l-avvenimenti li attenda għalihom is-Sur Diamandouros fl-2010 kien hemm il-Konferenza Ewropea tal-Istitut Internazzjonali tal-Ombudsman f'Barcellona f'Ottubru. It-tema ta' din il-konferenza kienet "L-Ewropa bħala soċjeta' miftuħa", b'diskussjonijiet li ffokaw fuq id-drittijiet tal-immigranti.



© ARAG, 2010

dan il-proġett huwa li jiġbor informazzjoni ċara u komprensiva dwar it-tipi ta' lmenti li l-ombudsmen nazzjonali jistgħu u ma jistgħux jindirizzaw. Ir-riżultati għandhom ikunu estremament utli għal kull min jeħtieġ li jagħti pariri rapidi u preċiżi lill-kwerelanti dwar min huwa kompetenti biex għinjom.

Minbarra s-seminars imsemmija fuq, l-Ombudsman Ewropew uża l-okkażjoni taż-żjarat tiegħu fl-Istati Membri tal-UE fl-2010 biex jiltaqa' mal-ombudsmen kollegi tiegħu. Is-Sur Diamandouros għamel dan meta vvjaġġa lejn id-Danimarka (f'Jannar), ir-Renju Unit (f'Marzu), il-Belġju (f'Novembru) u l-Greċja (f'Novembru). L-Ombudsman żar il-kontroparti tiegħu fis-Serbja f'Ġunju għall-preżentazzjoni formali tal-Kodiċi Serb ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba lill-Parlament Serb. Il-Kodiċi Serb huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu mmudellat fuq il-Kodiċi Ewropew. Huwa rċieva delegazzjoni mill-uffiċċju tal-Ombudsman Serb f'Ottubru. Fl-aħħarnett, l-Ombudsman kien irrappreżentat waqt ir-raba' laqgħa tal-Assoċjazzjoni tal-Ombudsmen Mediterranji, li saret f'Madrid f'Ġunju.

2.3 Relazzjonijiet ma' partijiet interessati oħrajn

L-Ombudsman Ewropew huwa impenjat li jiżgura li kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li jista' jkollha xi problema mal-istituzzjonijiet tal-UE tkun konxja mid-dritt li tilmenta miegħu dwar amministrazzjoni ħażina. Huwa ħerqan ukoll biex iżid l-għarfien b'mod aktar ġenerali dwar l-isforzi tiegħu biex jipromwovi t-trasparenza, ir-responsabbiltà u kultura ta' servizz fl-amministrazzjoni tal-UE.

L-avveniment tas-sena ta' din il-komunikazzjoni kien it-tnedija fis-27 ta' Settembru ta' identitajiet viżivi ġodda għall-Ombudsman Ewropew u n-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen (ara hawn fuq). Dan l-avveniment ħabat mal-ħmistax-il anniversarju tal-istituzzjoni u laqqa' flimkien rappreżentanti mill-istituzzjonijiet tal-UE, ombudsmen, NGOs, gruppi ta' interess u ġurnalisti. Il-kelliem prinċipali kien is-Sur Rainer Wieland, Viċi President tal-Parlament Ewropew, waqt li s-Sur Philippe Apeloig, il-kreatur tal-identitajiet viżivi ġodda, ippreżenta l-ħsieb wara ż-żewġ logos ġodda. Il-kuluri blu u isfar

Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, ombudsmen, u partijiet interessati oħrajn



L-avveniment tal-2010 ta' din il-komunikazzjoni kien it-tnedija fis-27 ta' Settembru ta' identitajiet viżivi ġodda għall-Ombudsman Ewropew u n-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Dan l-avveniment ħabat mal-ħmistax il-anniversarju tal-istituzzjoni u laqqa' flimkien aktar minn 150 persuna. Il-kelliem prinċipali kien is-Sur Rainer Wieland, Viċi President tal-Parlament Ewropew, li f'dan ir-ritratt jidher mas-Sur Diamandouros. Dan ir-ritratt juri wkoll il-logo il-ġdid tal-Ombudsman Ewropew.

tal-logo l-ġdid tal-Ombudsman Ewropew iservu biex ifakkru fil-bandiera Ewropea, waqt li l-forma ta' ċirku tirrappreżenta unità u kunsens. F'dan iċ-ċirku, il-vleġeġ b'żewġ direzzjonijiet jirrappreżentaw l-iskambju u d-djalogu, li huma karatteristiċi ewlenin tal-metodoloġija tal-Ombudsman Ewropew. Id-disinn tal-vleġeġ fuq xulxin joħloq sinjal ta' "equals", li jissimbolizza ugwaljanza u ġustizzja.

Fl-2010, l-Ombudsman organizza wkoll serje ta' avvenimenti tematiċi biex jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma tiegħu f'oqsma partikolari. Fit-12 ta' Marzu, huwa ospita avveniment fi Brussell li kien intitolat "Il-mandat il-ġdid tal-Ombudsman Ewropew – X'inhuwa mistenni?". L-għan ta' dan l-avveniment kien li jiġu diskussi, mal-partijiet interessati, il-prijoritajiet tal-Ombudsman għall-2009-2014. Wara firxa ta' preżentazzjonijiet, inkluż mill-Viċi President tal-Kummissjoni, is-Sur Maroš Šefčovič, u mill-ex President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Pat Cox, ċittadini, NGOs, assoċjazzjonijiet kummerċjali, gruppi ta' interess, ġurnalisti u uffiċċji reġjonali pparteċipaw fid-diskussjonijiet u ressqo ħafna ideat utli maħsuba biex jgħinu lill-Ombudsman fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tiegħu. Fit-28 ta' Settembru – il-Jum Internazzjonali

għad-Dritt tal-Għarfien – l-Ombudsman organizza avveniment flimkien ma' Transparency International, intitolat "It-trasparenza fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri". Il-Jum Internazzjonali għad-Dritt tal-Għarfien ġie stabbilit fl-2003 minn dawk li huma favur l-aċċess għall-informazzjoni minn madwar id-dinja. L-Ombudsman organizza wkoll workshop dwar it-trasparenza fi Brussell f'April 2010, b'attenzjoni sabiex jiġu ġġenerati ideat u strateġiji utli fuq kif huwa jista' jipromwovi l-prinċipju tat-trasparenza fi ħdan l-amministrazzjoni tal-UE. Il-parteciċipanti kienu jinkludu uffiċċjali ta' livell għoli rtirati mill-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE u membri tal-komunità akkademika. Il-workshop ra skambju attiv ta' fehmiet fuq kif l-Ombudsman jista' jgħin biex jagħmel il-prinċipju tat-trasparenza realtà u ġab miegħu ħafna ideat stimulanti u innovattivi għas-snin li ġejjin. Fl-aħħarnett, fl-10 ta' Ġunju, l-Ombudsman organizza seminar dwar ir-regoli finanzjarji tal-UE. Is-suġġerimenti tas-Sur Diamandouros għar-riforma tar-Regolament Finanzjarju tal-UE koprew l-oqsma li ġejjin: it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi; il-ħlasijiet tard; id-drittijiet tas-sottokuntratturi u tal-persunal; ir-rinunzja tal-irkupru ta' somom indebitament imħallsa;



Fl-2010, l-Ombudsman organizza wkoll serje ta' avvenimenti tematiċi biex jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma tiegħu f'oqsma partikolari. Dawn kienu jinkludu avvenimenti dwar il-mandat ġdid tal-Ombudsman, ir-Regolament Finanzjarju u t-trasparenza. Għal dan l-aħħar avveniment attendew aktar minn 100 persuna fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali għad-Dritt tal-Għarfien. Is-Sra. Diana Wallis, MPE, Viċi President tal-Parlament Ewropew, ippresediet l-avveniment, li kien organizzat flimkien ma' Transparency International.



ħlasijiet *ex gratia* f'każijiet eċċezzjonali ta' amministrazzjoni ħażina; u l-ġhoti ta' informazzjoni dwar ir-rimedji.

Għall-ewwel darba, l-Ombudsman kien mistieden biex jattendi l-Laqqgħa Annwali tal-Mekkaniżmi Indipendenti tal-Kontabilità (IAMs), li saret f'Tokjo f'Ġunju. Għal din il-laqqgħa kienu preżenti rappreżentanti tal-IAMs minn diversi istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, fosthom il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). Is-suġġetti diskussi kienu jinkludu attivitajiet ta' popolarizzazzjoni u riżoluzzjoni tat-tilwim ambjentali. Barra minn hekk, fil-qasam tal-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kontabilità, is-Segretarju Ġenerali tal-Ombudsman, is-Sur Ian Harden, irrappreżenta l-uffiċċju f'laqqgħa li saret f'Budapest, l-Ungerija, organizzata mill-NGO, CEE Bankwatch. L-għan ta' din il-konferenza kien li tlaqqa' flimkien il-mekkaniżmi tal-kontabilità ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u l-UE ma' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Kollox ma' kollox, fl-2010, l-Ombudsman ippreżenta l-ħidma tiegħu f'madwar 40 avveniment lil membri tal-komunità legali, assoċjazzjonijiet kummerċjali, gruppi konsultattivi, NGOs, rappreżentanti tal-

amministrazzjonijiet reġjonali u lokali, lobbyists u gruppi ta' interess, akkademiċi, rappreżentanti politiċi ta' livell għoli u impjegati taċ-ċivil. Dawn il-konferenzi, seminars u laqgħat kienu organizzati fi Brussell, Strasburg u fl-Istati Membri. Ta' interess partikolari fl-2010 kienet żjara fir-Renju Unit sabiex jingħataw serje ta' lekcjers dwar l-irwol tal-Ombudsman wara t-Trattat ta' Lisbona. Is-Sur Diamandouros tkellem fl-Università ta' Manchester, fl-Università ta' Hull u fil-Kulleġġ tal-Università ta' Londra. Huwa pparteċipa wkoll f'avveniment organizzat mill-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-Parlament Ewropew f'Edinburgh dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u f'avveniment organizzat mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Londra.

Matul l-2010, il-membri tal-persunal għamlu aktar minn 60 preżentazzjoni lil madwar 1 800 ċittadin minn madwar l-UE kollha. Il-maġġoranza tal-viżitaturi ġew mill-Ġermanja, segwita mill-Belġju u l-Olanda. Waqt li l-limitazzjonijiet tar-riżorsi jillimitaw in-numru ta' preżentazzjonijiet li jistgħu jsiru kull sena, l-Ombudsman jipprova, safejn ikun possibbli, jaċċetta l-istediniet u t-talbiet mill-partijiet interessati.

Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, ombudsmen, u partijiet interessati oħrajn

L-attivitajiet ewlenin tal-Ombudsman fil-mezzi tal-midja fl-2010 kienu jinkludu l-konferenza stampa dwar ir-Rapport Annwali tiegħu fi Brussell f'April u laqgħa mal-ġurnalisti f'Ġunju sabiex jiddiskuti l-istrateġija tiegħu għall-mandat il-ġdid. Is-Sur Diamandouros ta wkoll madwar 40 intervista lill-ġurnalisti mill-midja tal-istampa, tax-xandir u dik elettronika. Matul is-sena, inħarġu 24 stqarrija għall-istampa, li kienu jkopru tali kwistjonijiet bħall-istrateġija tal-Ombudsman għall-mandat il-ġdid, kwistjonijiet ta' trasparenza fil-Parlament Ewropew, l-Uffiċċju Ewropew

maġġoranza tal-paġni tas-sit elettroniku. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010, kien hemm aktar minn 305 000 persuna differenti li żaret is-sit elettroniku tal-Ombudsman, li, flimkien, raw 'il fuq minn 6.5 miljun paġna. L-akbar numru ta' viżitaturi ġew mil-Lussemburgu, segwit minn Franza, il-Polonja, Spanja u l-Italja. Ta' interess partikolari fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman hija l-gwida interattiva, li għandha l-għan li tgħin lill-individwi jidentifikaw l-aktar korp xieraq fejn jistgħu jirrikorru bl-ilment tagħhom. Fl-2010, aktar minn 19 000 ruħ fittxew

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010, kien hemm aktar minn 305 000 persuna differenti li żaret is-sit elettroniku tal-Ombudsman, li, flimkien, raw 'il fuq minn 6.5 iljun paġna.

Kontra l-Frodi (OLAF), l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċina, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, tilwimiet dwar il-ħlasijiet li jikkonċernaw lill-Kummissjoni, u n-nuqqas tal-Kummissjoni milli tikkoopera b'mod sinċier mal-Ombudsman. 'Il fuq minn 1 400 artiklu li jkopru l-ħidma tal-Ombudsman Ewropew dehru fil-midja stampata u online.

Is-sit elettroniku ġdid tal-Ombudsman, li ġie mniedi fil-5 ta' Jannar 2009, kien iddisinjat mill-ġdid f'Settembru 2010 sabiex ikun jirrifletti l-identità viżiva ġdida tal-istituzzjoni. Is-sit elettroniku kien aġġornat regolarment matul is-sena b'deċiżjonijiet, sommarji ta' każijiet, stqarrijiet għall-istampa, dettalji tal-avvenimenti li ġejjin, kontenut awdjoviżiv, pubblikazzjonijiet

u rċevew pariri mill-Ombudsman permezz tal-gwida interattiva.

Fl-aħħarnett, fit-12 ta' Marzu, wara li ġie nnominat mill-mibki s-Sur Janusz Kochanowski, l-ex Kummissarju Pollakk għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili, is-Sur Diamandouros irċieva s-Salib ta' Uffiċċjal tal-Ordni tal-Mertu tar-Repubblika tal-Polonja mir-Rappreżentant Permanenti Pollakk għall-Unjoni Ewropea, is-Sur Jan Tombinski, li ospita ċ-ċerimonja fi Brussell. Is-Salib ta' Uffiċċjal tal-Ordni tal-Mertu tar-Repubblika tal-Polonja ngħata lis-Sur Diamandouros għall-isforzi tiegħu biex jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem fl-UE u 'lil hinn minnha. Is-Salib ingħata mill-President tar-Repubblika tal-Polonja lil personalitajiet mhux Pollakki

Is-Salib ta' Uffiċċjal tal-Ordni tal-Mertu tar-Repubblika tal-Polonja ngħata lis-Sur Diamandouros għall-isforzi tiegħu biex jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem fl-UE u 'lil hinn minnha.

u dokumenti oħrajn. L-SSL encryption kienet integrata fil-formola tal-ilmenti online għal sigurtà akbar, u l-buttuni tan-netwerking soċjali kienu inkorporati fil-

jew lil Pollakki li jgħixu barra mill-Polonja għall-kontribuzzjonijiet eċċellenti tagħhom b'riżq il-kooperazzjoni bejn il-Polonja u pajjiżi u nazzjonijiet oħrajn.

3

Riżorsi

Dan il-Kapitolu jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riżorsi li kienu magħmula disponibbli għall-istituzzjoni tal-Ombudsman fl-2010. Huwa jispjega l-istruttura tal-uffiċċju u jiddeskrivi l-isforzi li saru biex jiġi assigurat fluss mingħajr xkiel tal-informazzjoni fost il-persunal, u biex jiġu promossi opportunitajiet ta' żvilupp professjonali. It-tieni parti tal-Kapitolu hija ddedikata għall-baġit tal-Ombudsman.

Riżorsi

3.1 Persunal

Sabiex tassigura li hija tkun tista' twettaq tajjeb il-kompiti tal-indirizzar tal-ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fit-23 lingwa tat-Trattat, u sabiex iżżid l-għarfien dwar il-ħidma tal-Ombudsman, l-istituzzjoni għandha persunal multilingwi u kkwalifikati ħafna. Il-laqgħat regolari tal-persunal, flimkien ma' irtir annwali tal-persunal, jgħinu sabiex jgħarrfu lill-impjegati kollha bl-iżviluppi li jsiru fl-uffiċċju u biex iħeġġuhom jirriflettu fuq kif il-ħidma tagħhom tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-istituzzjoni.

Irtiri u laqgħat tal-persunal

L-irtiri tal-persunal tal-Ombudsman Ewropew jiffurmaw parti integrali mill-ippjanar strateġiku tal-Ombudsman, partikolarment billi jipprovdu ispirazzjoni u gwida utli għat-tfassil tal-politika. Huma jiffurmaw parti minn ċiklu ta' avvenimenti annwali li jipprovdu lill-persunal u lill-apprendisti b'opportunità li jirriflettu u jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar suġġetti magħżula li huma marbuta direttament mal-ħidma u l-attivitajiet tal-istituzzjoni. L-għan tagħhom huwa li jiżviluppaw u jsaħħu l-għarfien tal-valuri u l-missjoni tal-istituzzjoni u li jikkontribwixxu lejn it-twassil effettiv tagħhom.

L-irtir tal-persunal tal-2010 sar bejn l-24 u s-26 ta' Frar u kien iċċentrat fuq

L-irtir tal-persunal tal-2010 sar bejn l-24 u s-26 ta' Frar u kien iċċentrat fuq it-tema "Il-viżjoni tal-Ombudsman Ewropew għall-ħames snin li ġejjin".

it-tema "Il-viżjoni tal-Ombudsman Ewropew għall-ħames snin li ġejjin". L-għan tad-diskussjonijiet fl-irtir kien



Il-laqgħat regolari tal-persunal isiru wkoll bil-għan li jassiguraw fluss mingħajr xkiel ta' informazzjoni fost il-persunal, u biex jippromwovu l-opportunitajiet ta' żvilupp professjonali. Il-persunal tal-Ombudsman iltaqgħu fi Strasburgu f'Lulju u Diċembru biex jsimgħu dwar l-aħħar żviluppi amministrattivi, legali u politiċi li jaffettwaw lill-istituzzjoni. Fl-2010, din l-aħħar laqgħa kienet ippreċeduta minn preżentazzjoni lill-persunal tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizzi ta' Assistenza tas-Suq Uniku.



li jikkontribwixxu lejn l-istabbiliment tal-istrateġija tal-Ombudsman Ewropew għall-mandat il-ġdid.

Il-laqgħat regolari tal-persunal isiru wkoll bil-għan li jassiguraw fluss mingħajr xkiel ta' informazzjoni fost il-persunal, u biex jippromwovu l-opportunitajiet ta' żvilupp professjonali.

Sabiex iżomm lill-persunal informati bl-iżviluppi fi ħdan istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, l-Ombudsman jistieden ukoll kelliema esterni biex jagħmlu preżentazzjonijiet dwar suġġetti rilevanti. Fl-20 ta' April, is-Sur Jens Nyman-Christensen, id-Direttur responsabbli għat-Titjib tar-Regolamentazzjoni u Kwistjonijiet Istituzzjonali fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, aġġorna lid-Dipartiment Legali tal-Ombudsman dwar l-iżviluppi bil-"Proġett Pilota tal-UE", proġett immirat biex jassigura li l-liġi tal-UE tiġi implimentata b'mod effettiv mill-Istati Membri u li l-ilmenti jissolvew malajr. Fid-9 ta' Diċembru, il-persunal tal-Ombudsman gawdex preżentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizzi ta' Assistenza tas-Suq Uniku mid-Direttriċi għall-Politika tas-Suq Intern fid-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern u s-Servizzi, is-Sra. Emer Daly, u mill-Uffiċjal tal-Proġett tat-Task Force SMAS, is-Sra. Cristina Giménez-Estol. Fl-aħħarnett, fl-2010, sabiex ikomplu jiġu promossi l-opportunitajiet ta' żvilupp professjonali, ġew organizzati sessjonijiet ta' taħriġ fi Strasburgu dwar it-Trattat ta' Lisbona, it-taħdit ċar u t-tifsir tal-ħsibijiet u l-ideat.

L-Ombudsman u l-persunal tiegħu

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Ombudsman kien fih 63 kariga fl-2010. L-istruttura tal-uffiċċju tal-Ombudsman fl-aħħar tal-2010 kienet kif ġej:

Ombudsman Ewropew: is-Sur P. Nikiforos Diamandouros

Il-Kabinett tal-Ombudsman

Kap tal-Kabinett:

is-Sra. Zina Assimakopoulou

Segretarjat Ġenerali

Segretarju Ġenerali:

is-Sur Ian Harden

Dipartiment Legali

Kap tad-Dipartiment Legali:

is-Sur João Sant'Anna

Taqsuma Legali A

Kap tat-Taqsuma:

is-Sur Gerhard Grill

Taqsuma Legali B

Kap tat-Taqsuma:

is-Sur Peter Bonnor

Taqsuma Legali Ċ

Kap tat-Taqsuma:

is-Sra. Marta Hirsch-Ziemińska

Taqsuma Legali D

Kap tat-Taqsuma:

is-Sur Fergal Ó Regan

Riżorsi

Ir-Reġistru

Kap tar-Reġistru:
is-Sur Peter Bonnor

Id-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi

Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi (*ad interim*):
is-Sur João Sant'Anna

It-Taqsima tal-Amministrazzjoni u l-Persunal

Kap tat-Taqsima:
is-Sur Alessandro Del Bon

It-Taqsima Baġitarja u Finanzjarja

Kap tat-Taqsima:
is-Sur Loïc Julien

It-Taqsima tal-Komunikazzjoni

Kap tat-Taqsima:
is-Sur Ben Hagar

It-Taqsima tal-Midja, l-Intrapriża u s-Soċjetà Ċivili

Kap tat-Taqsima:
is-Sra. Rosita Agnew

L-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta tal-Ombudsman Ewropew huwa s-Sur Loïc Julien.

Lista sħiħa u aġġornata regolament tal-persunal, inkluża informazzjoni dettaljata dwar l-istruttura tal-uffiċċju tal-Ombudsman u l-kompiti ta' kull taqsima, hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>) fi 23 lingwa. Jekk tixtieq tirċievi kopja stampata tal-lista, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-uffiċċju tal-Ombudsman.

3.2 Baġit

Il-baġit fl-2010

Mill-1 ta' Jannar 2000, il-baġit tal-Ombudsman kien taqsima indipendenti tal-baġit tal-Unjoni Ewropea (bħalissa t-taqsima VIII)¹. Huwa maqsum fi tliet titoli. It-Titolu 1 fih salarji, benefiċċji u nfiq ieħor relatat mal-persunal. It-Titolu 2 ikopri bini, għamara, tagħmir u infiq operattiv mixxellanju. It-Titolu 3 fih l-infiq li jirriżulta mill-funzjonijiet ġenerali mwettqa mill-istituzzjoni.

L-appropriazzjonijiet ibbaġitjati fl-2010 kienu jammontaw għal EUR 9 332 275.

Kooperazzjoni interistituzzjonali

Sabiex jassigura l-aqwa użu possibbli tar-riżorsi, u biex jevita d-duplikazzjoni bla bżonn tal-persunal, l-Ombudsman jikkoopera ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, fejn possibbli. Għalhekk, waqt li s-servizzi pprovduti huma, ovvjament, fatturati lill-Ombudsman Ewropew, din il-kooperazzjoni ppermettiet li jsir iffrankar konsiderevoli ta' effikaċja fil-baġit tal-UE. L-Ombudsman jikkoopera, b'mod partikolari, ma':

- il-Parlament Ewropew, fir-rigward tal-verifika interna u l-kontabilità, kif ukoll is-servizzi tekniċi, inkluż il-bini, it-teknoloġija tal-informatika, il-komunikazzjoni, is-servizzi mediċi, it-taħriġ, it-traduzzjoni u l-interpretar;
- l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar aspetti varji tal-pubblikazzjonijiet;
- iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-UE, li jipprovdi ħafna mit-traduzzjonijiet meħtieġa mill-Ombudsman fil-ħidma tiegħu għaċ-ċittadini.

1. Regolament tal-Kunsill (KE, ECSC, Euratom) 2673/1999 tat-13 ta' Diċembru 1999 li jemenda r-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU 1999 L 326, p. 1.



Kontroll Baġitarju

Bil-għan li jassigura l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi, l-awditur intern tal-Ombudsman, is-Sur Robert Galvin, iwettaq verifiki regolari tas-sistemi ta' kontroll intern tal-istituzzjoni u tal-operazzjonijiet finanzjarji mwettqa mill-uffiċċju.

Bħal istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, l-istituzzjoni tal-Ombudsman hija vverifikata wkoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.



Kif tikkuntattja lill-Ombudsman Ewropew

Bil-posta
Ombudsman Ewropew
1 avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
F - 67001 Strasbourg Cedex

Bit-telefon
+33 (0)3 88 17 23 13

Permezz ta' fax
+33 (0)3 88 17 90 62

Permezz ta' e-mail
eo@ombudsman.europa.eu

Sit elettroniku
<http://www.ombudsman.europa.eu>

Jekk tixtieq verżjoni b'tipa kbira ta' din il-pubblikazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew. Nagħmlu li nistgħu biex nipprovdu verżjoni awdjo jekk ikollna talba għaliha.

Dan ir-Rapport Annwali huwa ppubblikat fuq l-Internet fi:
<http://www.ombudsman.europa.eu>

© Unjoni Ewropea, 2011
Ir-ritratti kollha © Unjoni Ewropea, sakemm mhuwiex indikat mod ieħor.
Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija awtorizzata diment li s-sors ikun rikonoxxut.
Disinn u tfassil minn Rosendahls - Schultz Grafisk, Albertslund, Danimarka, u EntenEller A/S, Valby, Danimarka.
Issettjata fi FrutigerNext u Palatino.
Printed in Luxembourg
ISBN 978-92-9212-267-6 . ISSN 1725-9762 . doi:10.2869/33528 . QJ-AA-11-001-MT-C



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet



Mixed Sources
Product group from well-managed forests and other controlled sources

Cert no. EUF-COC-051203
www.fsc.org
© 1996 Forest Stewardship Council